Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2025/0335(COD)

8.4.2026

EMENDI
3166 - 3560

Abbozz ta' rapport
Elena Donazzan
(PE784.432v01-00)

Is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni

Proposta għal regolament
(COM(2025)0335 – 2025/0335(COD))

Emenda 3166
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 104 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-rekwiżiti ma jkunux koperti mnn standards ***armonizzati***, jew minn partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;	(a) ir-rekwiżiti ma jkunux koperti minn standards ***jew rekwiżiti spazjali eżistenti rikonoxxuti b'mod ġenerali***, jew minn partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda 3167
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 104 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-rekwiżiti ma jkunux koperti ***mnn*** standards armonizzati, jew minn partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;	(a) ir-rekwiżiti ma jkunux koperti ***minn*** standards ***eżistenti u*** armonizzati, jew minn partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda 3168
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 104 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta ***l-Kummissjoni jkun jidhirilha*** li jeħtieġ jiġi indirizzat tħassib	(c) meta ***jkun hemm evidenza pubblika disponibbli*** li jeħtieġ jiġi

urġenti.	indirizzat tħassib urġenti.

Or. en

Emenda 3169
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 104 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 114(3).	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 114(3) ***bil-għan li tiġi żgurata konsultazzjoni adegwata mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, filwaqt li jitqiesu l-linji gwida, l-aħjar prattiki u l-istandards internazzjonali eżistenti***.

Or. en

Emenda 3170
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 104a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 104a
	Preżunzjoni ta' konformità
	1. Il-forniturі tas-servizzi spazjali li jikkonformaw mal-istandards armonizzati Ewropej jew ma' partijiet minnhom, li r-referenzi għalihom ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għandhom jitqiesu li huma konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament koperti b'dawk l-istandards jew partijiet minnhom.
	2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tippubblika

regolarment f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea r-referenzi tal-istandards armonizzati Ewropej u partijiet minnhom li jwasslu għal preżunzjoni ta' konformità ma' rekwiżiti speċifiċi ta' dan ir-Regolament.

3. Meta ssir referenza għal standard armonizzat f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-konformità ma' dak l-istandard għandha tiġi aċċettata mill-Aġenzija u mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bħala evidenza suffiċjenti ta' konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament koperti minn dak l-istandard, mingħajr ma tkun meħtieġa evidenza jew valutazzjoni teknika addizzjonali.

4. Fornitur tas-servizzi spazjali li juża mezzi tekniċi alternattivi biex juri l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali ta' dan ir-Regolament għandu jġorr il-piż li juri li dawk il-mezzi jiksbu mill-inqas livell ekwivalenti ta' sikurezza, reżiljenza jew prestazzjoni ambjentali bħall-istandards armonizzati applikabbli.

5. Meta l-Kummissjoni jkun jidhrilha li standard armonizzat ma jissodisfax bis-sħiħ ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni kkonċernata u titlob reviżjoni tal-istandard skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-preżunzjoni ta' konformità għall-operaturi li jikkonformaw mal-istandards armonizzati ppubblikati (Rotta A) hija l-mekkaniżmu legali li jagħmel l-istandards armonizzati kummerċjalment sinifikattivi: il-konformità ma' standard ippubblikat fil-ĠU titqies li hija konformi mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti, mingħajr dimostrazzjoni individwali.

Emenda 3171
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Titolu V

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
DEĊIŻJONIJIET TA' EKWIVALENZA, FTEHIMIET INTERNAZZJONALI ***U REĠIMI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI***	***KOOPERAZZJONI*** INTERNAZZJONALI

Or. en

Emenda 3172
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Titolu V

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
DEĊIŻJONIJIET TA' EKWIVALENZA, FTEHIMIET ***INTERNAZZJONALI*** U REĠIMI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI	FTEHIMIET ***TA' KOOPERAZZJONI U RIKONOXXIMENT REĊIPROKU*** U REĠIMI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

Or. fr

Emenda 3173
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Titolu V

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
DEĊIŻJONIJIET TA' EKWIVALENZA, FTEHIMIET INTERNAZZJONALI U ***REĠIMI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET*** INTERNAZZJONALI	DEĊIŻJONIJIET TA' EKWIVALENZA, FTEHIMIET INTERNAZZJONALI U ***RELAZZJONIJIET MA' ORGANIZZAZZJONIJIET*** INTERNAZZJONALI

Or. en

Emenda 3174
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Titolu V

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
DEĊIŻJONIJIET TA' EKWIVALENZA, FTEHIMIET INTERNAZZJONALI U ***REĠIMI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET*** INTERNAZZJONALI	DEĊIŻJONIJIET TA' EKWIVALENZA, FTEHIMIET INTERNAZZJONALI U ***RELAZZJONIJIET MA' ORGANIZZAZZJONIJIET*** INTERNAZZJONALI

Or. en

Emenda 3175
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Titolu V

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
DEĊIŻJONIJIET TA' EKWIVALENZA, FTEHIMIET INTERNAZZJONALI U REĠIMI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI	FTEHIMIET INTERNAZZJONALI U REĠIMI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tneħħija ta' "Deċiżjonijiet ta' Ekwivalenza" mill-intestatura tat-Titolu V tirrifletti t-tħassir tal-Artikolu 105. L-operaturi ta' pajjiżi terzi ma għadhomx jibbenefikaw minn binarju ta' ekwivalenza regolatorja: l-operaturi kollha huma soġġetti għall-istess rekwiżiti tekniċi skont ir-reġistrazzjoni tal-URSO, u t-Titolu V ikopri biss ftehimiet internazzjonali u reġimi għall-organizzazzjonijiet internazzjonali.

Emenda 3176
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 105

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[…]	imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-mekkaniżmu ta' ekwivalenza għandu jitħassar sabiex tiġi ppreżervata l-integrità tal-qafas tal-Unjoni u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ġenwini għall-operaturi kollha li jipprovdu servizzi fl-Unjoni. Kwalunkwe rikonoxximent ta' standards ta' pajjiżi terzi għandu jkun ibbażat fuq ftehim internazzjonali li jiżgura kundizzjonijiet ġusti u ċertezza legali.

Emenda 3177
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 105

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Or. en

Emenda 3178
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 105

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. fr

Emenda 3179
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni tista' tadotta, abbażi ta' valutazzjoni dettaljata, deċiżjoni ta' ekwivalenza, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 114(2), li tiddikjara li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgura li l-operaturi spazjali ta' pajjiż terz stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz.	1. Il-Kummissjoni tista' tadotta, abbażi ta' valutazzjoni dettaljata, deċiżjoni ta' ekwivalenza, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 114(2), li tiddikjara li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgura li l-operaturi spazjali ta' pajjiż terz stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz. ***Il-valutazzjoni dettaljata ma għandhiex titwettaq qabel l-adozzjoni tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni li jissupplimentaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 3180
Andi Cristea

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni tista' tadotta, abbażi ta' valutazzjoni dettaljata, deċiżjoni ta' ekwivalenza, permezz ta' ***atti ta' implimentazzjoni***, f'konformità mal-Artikolu ***114(2)***, li tiddikjara li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgura li l-operaturi spazjali ta' pajjiż terz stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz.	1. Il-Kummissjoni tista' tadotta, abbażi ta' valutazzjoni dettaljata, deċiżjoni ta' ekwivalenza, permezz ta' ***att delegat***, f'konformità mal-Artikolu ***113***, li tiddikjara li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgura li l-operaturi spazjali ta' pajjiż terz stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz. ***Id-deċiżjoni ta' ekwivalenza msemmija fil-paragrafu 1 għandha tibqa' valida għal perjodu ta'***

żmien ta' mhux aktar minn 3 snin. Din tista' tiġġedded darba għal massimu ta' sentejn.

Or. en

Emenda 3181
Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni tista' tadotta, abbażi ta' valutazzjoni dettaljata, deċiżjoni ta' ekwivalenza, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 114(2), li tiddikjara li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgura li ***l-operaturi*** spazjali ta' pajjiż terz stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz.	1. Il-Kummissjoni tista' tadotta, abbażi ta' valutazzjoni dettaljata***, sottomessa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill minnufih wara l-adozzjoni tagħha***, deċiżjoni ta' ekwivalenza, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 114(2), li tiddikjara li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgura li ***l-attivitajiet fl-ispazju tal-operaturi*** spazjali ta' pajjiż terz stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ***kompletament*** ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz.

Or. en

Emenda 3182
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni tista' tadotta, abbażi ta' valutazzjoni dettaljata, deċiżjoni ta' ekwivalenza, permezz ta' atti ***ta' implimentazzjoni***, f'konformità mal-	1. Il-Kummissjoni tista' tadotta, abbażi ta' valutazzjoni dettaljata***, sottomessa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill minnufih wara l-adozzjoni***

Artikolu 114(2), li tiddikjara li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgura li ***l-operaturi*** spazjali ta' pajjiż terz stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz.	***tagħha***, deċiżjoni ta' ekwivalenza, permezz ta' atti ***delegati***, f'konformità mal-Artikolu 114(2), li tiddikjara li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgura li ***l-attivitajiet fl-ispazju tal-operaturi*** spazjali ta' pajjiż terz stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ***kompletament*** ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz.

Or. en

Emenda 3183
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni tista' tadotta, abbażi ta' valutazzjoni dettaljata, deċiżjoni ta' ekwivalenza, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 114(2), li tiddikjara li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgura li l-operaturi spazjali ta' pajjiż terz stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz.	1. Il-Kummissjoni tista' tadotta, abbażi ta' valutazzjoni dettaljata, deċiżjoni ta' ekwivalenza, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 114(2), li tiddikjara li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgura li l-operaturi spazjali ta' pajjiż terz stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ***kompletament*** ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz***, u li jeżisti aċċess reċiproku għas-suq f'dak il-pajjiż terz għall-operaturi tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 3184
András Gyürk, Jorge Martín Frías, András László, Barbara Bonte

Proposta għal regolament

Artikolu 105 – paragrafu 1
Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni tista' tadotta, abbażi ta' valutazzjoni dettaljata, deċiżjoni ta' ekwivalenza, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 114(2), li tiddikjara li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgura li ***l-operaturi*** spazjali ta' pajjiż terz stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz.	1. Il-Kummissjoni tista' tadotta, abbażi ta' valutazzjoni dettaljata, deċiżjoni ta' ekwivalenza, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 114(2), li tiddikjara li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgura li ***l-attivitajiet fl-ispazju tal-operaturi*** spazjali ta' pajjiż terz stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ***funzjonalment*** ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz.

Or. en

Emenda 3185
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni tista' tadotta, abbażi ta' valutazzjoni dettaljata, deċiżjoni ta' ekwivalenza, permezz ta' atti ***ta' implimentazzjoni***, f'konformità mal-Artikolu ***114(2)***, li tiddikjara li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgura li ***l-operaturi*** spazjali ta' pajjiż terz stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz.	1. Il-Kummissjoni tista' tadotta, abbażi ta' valutazzjoni dettaljata, deċiżjoni ta' ekwivalenza, permezz ta' atti ***delegati***, f'konformità mal-Artikolu ***113***, li tiddikjara li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgura li ***l-attivitajiet fl-ispazju ta' operatur*** spazjali ta' pajjiż terz stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz.

Or. en

Emenda 3186
András Gyürk, Jorge Martín Frías, András László, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 2 – punt b
Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi stabbiliti f'dak il-pajjiż terz ikunu soġġetti għal regoli legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15; kif ukoll	(b) l-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi stabbiliti f'dak il-pajjiż terz ikunu soġġetti għal regoli legalment vinkolanti li huma ***funzjonalment*** ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15 ***jew inkella jissodisfaw l-objettivi ta' dan ir-Regolament***; kif ukoll

Or. en

Emenda 3187
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-qafas legali u superviżorju ta' dak il-pajjiż terz jipprevedi sistema ekwivalenti effettiva ta' rikonoxximent ***tal-forniturи tas-servizzi*** spazjali awtorizzati skont reġimi legali tal-pajjiż terz**.**	(c) il-qafas legali u superviżorju ta' dak il-pajjiż terz jipprevedi sistema ekwivalenti effettiva ta' rikonoxximent ***tal-operaturi*** spazjali awtorizzati skont reġimi legali tal-pajjiż terz***; kif ukoll***

Or. en

Emenda 3188
Andi Cristea

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) Meta Stat Membru jidentifika żbilanċ jew riskju għas-sovranità teknoloġika tal-Unjoni kkawżat mill-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz li jkun ġie rikonoxxut bħala ekwivalenti skont il-paragrafu 1, huwa għandu jipprovdi rapport dettaljat dwar l-iżbilanċ jew ir-riskju identifikat, u għandu jirreferi l-kwistjoni lill-Kummissjoni. Malli tirċievi r-riferiment, il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija, twettaq il-verifika u, meta xieraq, tirrieżamina jew tħassar id-deċiżjoni, kif stabbilit fil-paragrafu 6 fi żmien xahrejn. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-kundizzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 105.3 li jiżguraw ir-reċiproċità u s-salvagwardja tal-bażi industrijali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 3189
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) dak il-pajjiż terz jirrikonoxxi fuq bażi reċiproka l-qafas legali u superviżorju tal-Unjoni għall-operaturi spazjali tal-Unjoni, inkluż aċċess ekwivalenti għas-suq u trattament nondiskriminatorju, jew

Or. en

Emenda 3190

Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) li l-pajjiż terz ikun impenja ruħu li jirrikonoxxi u, f'perjodu raġonevoli, jirrikonoxxi fuq bażi reċiproka l-qafas legali u superviżorju tal-Unjoni għall-operaturi spazjali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 3191
Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) pajjiż terz ikun impenja ruħu li jirrikonoxxi u, f'perjodu raġonevoli, jirrikonoxxi fuq bażi reċiproka l-qafas legali u superviżorju tal-Unjoni għall-operaturi spazjali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 3192
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Pascale Piera, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín, Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay, Marion Maréchal

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi li jipprovdu data jew servizzi bbażati fuq l-

ispazju fl-Unjoni għandhom jistabbilixxu impriża konġunta ma' entità bbażata fl-Unjoni u jikkonformaw bis-sħiħ mad-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 3193
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 2 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) dak il-pajjiż terz impenja ruħu li jirrikonoxxi, mill-aktar fis possibbli, fuq bażi reċiproka l-qafas legali u superviżorju tal-Unjoni għall-operaturi spazjali tal-Unjoni, inkluż aċċess ekwivalenti għas-suq u trattament nondiskriminatorju.

Or. en

Emenda 3194
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Pascale Piera, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín, Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay, Marion Maréchal

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Id-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza għandhom jingħataw għal perjodu massimu ta' sena u jistgħu jiġġeddu soġġett għal rivalutazzjoni u konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu. It-tiġdid ta' deċiżjoni ta' ekwivalenza għandu jkun kundizzjonali fuq l-istabbiliment, fi żmien sena mill-adozzjoni tad-deċiżjoni inizjali ta' ekwivalenza, ta' impriża konġunta ma'

	entità stabbilita fl-Unjoni li diġà hija operatur spazjali attiv skont dan ir-Regolament. Dik l-entità ma għandhiex tkun sussidjarja, kumpanija omm jew inkella parti mill-istess grupp korporattiv bħall-operatur spazjali ta' pajjiż terz. Meta tali impriża konġunta ma tkunx ġiet stabbilita f'dak il-perjodu, id-deċiżjoni ta' ekwivalenza ma għandhiex tiġġedded.

Or. en

Emenda 3195
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tehmeż kundizzjonijiet speċifiċi mad-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza, bħal meta l-iskala u l-ambitu tad-data bbażata fl-ispazju jew tas-servizzi spazjali pprovduti minn operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi aktarx ikollhom importanza strateġika għall-Unjoni, jew biex tiżgura li l-Kummissjoni, l-Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti jkollhom l-għodod meħtieġa biex jevitaw arbitraġġ regolatorju.	Il-Kummissjoni tista' tehmeż kundizzjonijiet speċifiċi mad-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza, bħal meta l-iskala u l-ambitu tad-data bbażata fl-ispazju jew tas-servizzi spazjali pprovduti minn operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi aktarx ikollhom importanza strateġika għall-Unjoni, jew biex tiżgura li l-Kummissjoni, l-Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti jkollhom l-għodod meħtieġa biex jevitaw arbitraġġ regolatorju***, inklużi l-aħjar kundizzjonijiet biex tiġi żgurata r-reċiproċità u tiġi salvagwardjata l-bażi industrijali tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jirrikjedu li sehem maġġoritarju tal-katina tal-manifattura u tal-provvista relatata mas-sistema, mal-komponenti jew mas-servizzi spazjali rilevanti jitwettaq fl-Unjoni u fl-aħħar jiġu żgurati t-traċċabbiltà u l-konformità mal-istandards tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 3196
Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tehmeż kundizzjonijiet speċifiċi mad-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza, bħal meta l-iskala u l-ambitu tad-data bbażata fl-ispazju jew tas-servizzi spazjali pprovduti minn operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi aktarx ikollhom importanza strateġika għall-Unjoni, jew biex tiżgura li l-Kummissjoni, l-Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti jkollhom l-għodod meħtieġa biex jevitaw arbitraġġ regolatorju.	Il-Kummissjoni tista' tehmeż kundizzjonijiet speċifiċi mad-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza, bħal meta l-iskala u l-ambitu tad-data bbażata fl-ispazju jew tas-servizzi spazjali pprovduti minn operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi aktarx ikollhom importanza strateġika għall-Unjoni, jew biex tiżgura li l-Kummissjoni, l-Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti jkollhom l-għodod meħtieġa biex jevitaw arbitraġġ regolatorju***, inklużi kundizzjonijiet li jiżguraw ir-reċiproċità u s-salvagwardja tal-bażi industrijali tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jirrikjedu li sehem maġġoritarju tal-katina tal-manifattura u tal-provvista relatata mas-sistemi, mal-komponenti jew mas-servizzi spazjali rilevanti jitwettaq fl-Unjoni, u b'hekk jiġu żgurati t-traċċabbiltà u l-konformità mal-istandards tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 3197
Andi Cristea

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tehmeż kundizzjonijiet speċifiċi mad-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza, bħal meta l-iskala u l-ambitu tad-data bbażata fl-ispazju jew tas-servizzi spazjali pprovduti minn operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi aktarx ikollhom importanza strateġika għall-Unjoni, jew biex tiżgura li l-Kummissjoni, l-Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti jkollhom l-għodod meħtieġa biex jevitaw arbitraġġ	Il-Kummissjoni tista' tehmeż kundizzjonijiet speċifiċi mad-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza, bħal meta l-iskala u l-ambitu tad-data bbażata fl-ispazju jew tas-servizzi spazjali pprovduti minn operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi aktarx ikollhom importanza strateġika għall-Unjoni, jew biex tiżgura li l-Kummissjoni, l-Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti jkollhom l-għodod meħtieġa biex jevitaw arbitraġġ

regolatorju.	regolatorju***, inklużi kundizzjonijiet li jiżguraw ir-reċiproċità li jirrikjedu li sehem sostanzjali tal-katina tal-manifattura u tal-provvista relatata mas-sistemi, mal-komponenti u mas-servizzi spazjali rilevanti jitwettaq fl-Unjoni, u b'hekk jiġu żgurati t-traċċabbiltà tal-proċessi tal-produzzjoni, il-konformità mal-istandards tal-Unjoni, u l-integrità tal-prodotti spazjali.***

Or. en

Emenda 3198
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tehmeż kundizzjonijiet speċifiċi ***mad-deċiżjonijiet*** ta' ekwivalenza, ***bħal*** meta l-iskala u l-ambitu tad-data bbażata fl-ispazju jew ***tas-servizzi spazjali*** pprovduti minn operaturi ***spazjali*** ta' pajjiżi terzi aktarx ikollhom importanza strateġika għall-Unjoni, jew biex tiżgura li l-Kummissjoni, l-Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti jkollhom l-għodod ***meħtieġa*** biex jevitaw arbitraġġ regolatorju.	Il-Kummissjoni tista' tehmeż kundizzjonijiet speċifiċi ***ma' deċiżjonijiet*** ta' ekwivalenza, ***b'mod partikolari*** meta l-iskala u l-ambitu tad-data bbażata fl-ispazju jew ***ta' servizzi*** pprovduti minn operaturi ta' pajjiżi terzi aktarx ikollhom importanza strateġika għall-Unjoni, jew ***meta dan ikun meħtieġ*** biex tiżgura li l-Kummissjoni, l-Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti jkollhom l-għodod ***xierqa*** biex jevitaw arbitraġġ regolatorju. ***Fil-każijiet kollha, il-preżervazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tas-sovranità teknoloġika u strateġika tal-Unjoni għandhom jitqiesu kif xieraq meta jiġu adottati deċiżjonijiet ta' ekwivalenza.***

Or. en

Emenda 3199
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tehmeż kundizzjonijiet speċifiċi mad-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza, bħal meta l-iskala u l-ambitu tad-data bbażata fl-ispazju jew tas-servizzi spazjali pprovduti minn operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi aktarx ikollhom importanza strateġika għall-Unjoni, jew biex tiżgura li l-Kummissjoni, l-Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti jkollhom l-għodod meħtieġa biex jevitaw arbitraġġ regolatorju.	Il-Kummissjoni tista' tehmeż kundizzjonijiet speċifiċi mad-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza, bħal meta l-iskala u l-ambitu tad-data bbażata fuq l-ispazju jew tas-servizzi spazjali pprovduti minn operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi aktarx ikollhom importanza strateġika għall-Unjoni, ***biex tiżgura aċċess ugwali għas-suq tal-operaturi spazjali tal-Unjoni,*** jew biex tiżgura li l-Kummissjoni, l-Aġenzija u l-awtoritajiet ***nazzjonali*** kompetenti jkollhom l-għodod meħtieġa biex jevitaw arbitraġġ regolatorju. ***Kwalunkwe kundizzjoni marbuta għandha tkun teknoloġikament newtrali, proporzjonata, u tevita d-duplikazzjoni tal-obbligi.***

Or. en

Emenda 3200
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Pascale Piera, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín, Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay, Marion Maréchal

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tehmeż kundizzjonijiet speċifiċi ***mad-deċiżjonijiet*** ta' ekwivalenza, ***bħal meta l-iskala u l-ambitu tad-data bbażata fl-ispazju jew tas-servizzi spazjali pprovduti minn operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi aktarx ikollhom importanza strateġika għall-Unjoni, jew biex tiżgura li l-Kummissjoni, l-Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti jkollhom l-għodod*** meħtieġa biex ***jevitaw*** arbitraġġ regolatorju.	Il-Kummissjoni tista' tehmeż kundizzjonijiet speċifiċi ***ma' deċiżjonijiet*** ta' ekwivalenza, ***inkluži l-kundizzjonijiet*** meħtieġa biex ***jiġu pprevenuti riskji għas-sovranità teknoloġika tal-Unjoni u jiġi evitat*** arbitraġġ regolatorju.

Or. en

Emenda 3201
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-deċiżjoni għandha ***tispeċifika jekk hix qed*** tingħata għal perjodu ***definit***.	***Deċiżjoni ta' ekwivalenza*** għandha tingħata għal perjodu ***ta' mill-inqas tliet snin mid-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni u tkun soġġetta għal tiġdid wara l-valutazzjoni li għandha titwettaq mill-Kummissjoni***. ***Il-valutazzjoni għandha titwettaq wara 24 xahar mill-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' ekwivalenza u għandha tindirizza l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2.*** ***Il-valutazzjoni għandha tesplora wkoll jekk humiex issodisfati l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku fuq termini reċiproċi bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz.***

Or. en

Emenda 3202
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-deċiżjoni għandha tispeċifika ***jekk hix*** qed tingħata għal perjodu definit.	***Deċiżjoni*** għandha tispeċifika ***li*** qed tingħata għal perjodu definit ***u għandha tkun soġġetta għal tiġdid annwali***.

Or. en

Emenda 3203
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-deċiżjoni għandha ***tispeċifika jekk hix qed*** tingħata għal perjodu ***definit***.	Id-deċiżjoni ***ta' ekwivalenza*** għandha tingħata għal perjodu ***ta' mill-inqas tliet snin***.

Or. en

Emenda 3204
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fil-każ ta' impriża ta' pajjiż terz li tirrikonoxxi fuq bażi reċiproka l-qafas legali u superviżorju tal-Unjoni msemmi fil-paragrafu 2 (cb), id-deċiżjoni għandha tingħata għal żmien limitat ta' tliet snin u mbagħad tkun soġġetta għal rieżami jew titħassar.

Or. en

Emenda 3205
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***kull sena*** dwar id-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza meħuda jew irtirati mill-Kummissjoni ***fis-sena tar-rapportar***.	4. Il-Kummissjoni għandha tinforma ***minnufih*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza meħuda jew irtirati mill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 3206
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Għall-finijiet tad-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-valutazzjoni mħaffa ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-Aġenzija Spazjali Ewropea jew partijiet għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea. L-infrastruttura tal-illanċjar u l-faċilitajiet terrestri assoċjati li jinsabu fit-territorju ta' tali pajjiżi terzi, jew li joperaw minnu, ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-operaturi ta' pajjiżi terzi stabbiliti f'dan it-Titolu, dment li jkun fis-seħħ ftehim internazzjonali li jiżgura aċċess reċiproku għas-suq u standards ekwivalenti ta' sigurtà u sostenibbiltà bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat.

Or. en

Emenda 3207
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għandha tistabbilixxi arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-pajjiżi terzi li l-oqfsa legali u superviżorji	***Il-Kummissjoni*** għandha tistabbilixxi arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-pajjiżi terzi li l-oqfsa legali u superviżorji

tagħhom ikunu ġew rikonoxxuti bħala ekwivalenti f'konformità mal-paragrafu 1.	tagħhom ikunu ġew rikonoxxuti bħala ekwivalenti f'konformità mal-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 3208
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-mekkaniżmi għall-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Aġenzija u l-awtoritajiet superviżorji rilevanti tal-pajjiżi terzi kkonċernati, inkluż aċċess għall-informazzjoni kollha dwar l-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi awtorizzati fil-pajjiżi terzi, li jintalbu mill-Aġenzija;	(a) il-mekkaniżmi għall-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Aġenzija u l-awtoritajiet superviżorji rilevanti tal-pajjiżi terzi kkonċernati, inkluż aċċess għall-informazzjoni kollha dwar l-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi awtorizzati fil-pajjiżi terzi, li jintalbu mill-Aġenzija***, jiġifieri lista' ta' persuni li għandhom aċċess u l-perjodu ta' aċċess***;

Or. ro

Ġustifikazzjoni

L-aċċess għall-bażijiet tad-data jrid ikun regolat għall-operaturi u l-atturi kollha fil-qasam, inklużi operaturi u atturi ta' pajjiżi terzi.

Emenda 3209
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-mekkaniżmi għall-iskambju tal-informazzjoni bejn ***l-Aġenzija*** u l-awtoritajiet superviżorji rilevanti tal-pajjiżi terzi kkonċernati, inkluż aċċess għall-informazzjoni kollha dwar l-operaturi	(a) il-mekkaniżmi għall-iskambju tal-informazzjoni bejn ***il-Kummissjoni*** u l-awtoritajiet superviżorji rilevanti tal-pajjiżi terzi kkonċernati, inkluż aċċess għall-informazzjoni kollha dwar l-operaturi

spazjali ta’ pajjiżi terzi awtorizzati fil-pajjiżi terzi, li jintalbu mill-Aġenzija;	spazjali ta’ pajjiżi terzi awtorizzati fil-pajjiżi terzi, li jintalbu mill-Aġenzija;

Or. en

Emenda 3210
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mekkaniżmi għal notifika fil-pront lill-Aġenzija, meta awtorità kompetenti ta’ pajjiż terz ikun jidhirlha li l-operaturi spazjali ta’ pajjiżi terzi, li l-Aġenzija tkun rreġistrat fl-URSO, skont l-Artikolu 24, ikunu jiksru l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni f’dak il-pajjiż terz, jew liġi oħra li dawk l-operaturi spazjali ta’ pajjiżi terzi huma obbligati josservaw;	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 3211
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mekkaniżmi għal notifika fil-pront ***lill-Aġenzija***, meta awtorità kompetenti ta’ pajjiż terz ikun jidhirlha li l-operaturi spazjali ta’ pajjiżi terzi, li l-Aġenzija tkun rreġistrat fl-URSO, ***skont l-Artikolu 24***, ikunu jiksru l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni f’dak il-pajjiż terz, jew liġi oħra li dawk l-operaturi spazjali ta’ pajjiżi terzi huma obbligati josservaw;	(b) il-mekkaniżmi għal notifika fil-pront ***lill-Kummissjoni***, meta awtorità kompetenti ta’ pajjiż terz ikun jidhirlha li l-operaturi spazjali ta’ pajjiżi terzi, li l-Aġenzija tkun rreġistrat fl-URSO, ikunu jiksru l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni f’dak il-pajjiż terz, jew liġi oħra li dawk l-operaturi spazjali ta’ pajjiżi terzi huma obbligati josservaw;

Or. en

Emenda 3212
András Gyürk, Jorge Martín Frías, András László, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – punt c
Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-proċeduri li jikkonċernaw il-koordinazzjoni tal-attivitajiet, inkluż l-investigazzjoni u l-ispezzjonijiet fuq il-post li l-Aġenzija tista' twettaq, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, wara li tkun infurmat debitament lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz dwarhom.	(c) il-proċeduri li jikkonċernaw il-koordinazzjoni tal-attivitajiet ***superviżorji***, inkluż ***meta xieraq*** l-investigazzjoni u l-ispezzjonijiet fuq il-post li l-Aġenzija tista' twettaq, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ***rilevanti***, wara li tkun infurmat debitament lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz dwarhom ***u ma tkun irċeviet ebda oġġezzjoni għalihom***.

Or. en

Emenda 3213
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-proċeduri li jikkonċernaw il-koordinazzjoni tal-attivitajiet, inkluż ***l-investigazzjoni u*** l-ispezzjonijiet fuq il-post ***li l-Aġenzija tista' twettaq***, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, wara li tkun infurmat debitament lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz dwarhom.	(c) il-proċeduri li jikkonċernaw il-koordinazzjoni tal-attivitajiet ***superviżorji***, inkluż***, meta xieraq,*** l-ispezzjonijiet fuq il-post, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ***rilevanti***, wara li tkun infurmat debitament lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz dwarhom ***u ma tkun irċeviet ebda oġġezzjoni għalihom***.

Or. en

Emenda 3214
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha, b'kooperazzjoni mal-Aġenzija, timmonitorja jekk il-qafas legali u superviżorju tal-pajjiż terz għadux ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.	Il-Kummissjoni għandha, b'kooperazzjoni mal-Aġenzija, timmonitorja ***fuq bażi regolari*** jekk il-qafas legali u superviżorju tal-pajjiż terz għadux ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 3215
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-qafas legali u superviżorju tal-pajjiż terz ma jibqax ekwivalenti, il-Kummissjoni għandha tirrevoka d-deċiżjoni ta' ekwivalenza kkonċernata.	Meta l-qafas legali u superviżorju tal-pajjiż terz ma jibqax ekwivalenti, il-Kummissjoni għandha ***twettaq valutazzjoni dettaljata u tadatta jew*** tirrevoka d-deċiżjoni ta' ekwivalenza kkonċernata. ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kwalunkwe miżura tranżizzjonali xierqa.***

Or. en

Emenda 3216
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-qafas legali u superviżorju tal-pajjiż terz ma jibqax ekwivalenti, il-Kummissjoni għandha tirrevoka d-deċiżjoni ta' ekwivalenza kkonċernata.	Meta l-qafas legali u superviżorju tal-pajjiż terz ma jibqax ekwivalenti ***jew l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 5 ma jibqgħux jiġu rrispettati***, il-Kummissjoni għandha tirrevoka d-deċiżjoni ta' ekwivalenza kkonċernata ***mingħajr dewmien***.

Or. en

Emenda 3217
András Gyürk, Jorge Martín Frías, András László, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 6 – subparagrafu 2
Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-qafas legali u superviżorju tal-pajjiż terz ma jibqax ekwivalenti, il-Kummissjoni għandha tirrevoka d-deċiżjoni ta' ekwivalenza kkonċernata.	Meta l-qafas legali u superviżorju tal-pajjiż terz ma jibqax ekwivalenti, il-Kummissjoni għandha ***twettaq valutazzjoni dettaljata u għandha tadatta jew*** tirrevoka d-deċiżjoni ta' ekwivalenza kkonċernata.

Or. en

Emenda 3218
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6b. Deċiżjoni ta' ekwivalenza għandha tkun bil-kundizzjoni li l-pajjiż terz jagħti lill-operaturi spazjali tal-Unjoni aċċess

effettiv għas-suq b'termini mhux inqas favorevoli minn dawk mogħtija lill-operaturi tiegħu stess. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina d-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza kull tliet snin u għandha tirtira kwalunkwe deċiżjoni meta din il-kundizzjoni ma tibqax tiġi ssodisfata.

Or. en

Emenda 3219
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 6d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6d. Meta tkun fis-seħħ deċiżjoni ta' ekwivalenza, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni għandhom jagħtu preferenza lill-operaturi spazjali tal-Unjoni għall-akkwist ta' servizzi spazjali u data bbażata fuq l-ispazju, filwaqt li l-kundizzjonijiet l-oħra kollha jkunu ugwali.

Or. en

Emenda 3220
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ftehimiet ***internazzjonali*** ma' pajjiżi terzi	Ftehimiet ***ta' kooperazzjoni u rikonoxximent reċiproku*** ma' pajjiżi terzi

Or. fr

Emenda 3221

Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Unjoni tista' tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi għal kooperazzjoni fil-materji koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari biex:	1. L-Unjoni tista' tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi għal kooperazzjoni***, b'mod partikolari billi tqis pajjiżi terzi li magħhom diġà jeżistu jew qegħdin jiġu żviluppati sħubijiet istituzzjonali u industrijali,*** fil-materji koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari biex:

Or. en

Emenda 3222
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Unjoni tista' tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi għal kooperazzjoni fil-materji koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari biex:	1. L-Unjoni tista' tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi għal kooperazzjoni ***u rikonoxximent reċiproku*** fil-materji koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari biex: FR

Or. fr

Emenda 3223
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Unjoni tista' tikkonkludi	1. L-Unjoni tista' tikkonkludi

ftehimiet ma' pajjiżi terzi għal kooperazzjoni fil-materji koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari biex:	ftehimiet ma' pajjiżi terzi għal kooperazzjoni ***u rikonoxximent reċiproku*** fil-materji koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari biex:

Or. en

Emenda 3224
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiġi ffaċilitat ***r-rikonoxximent*** reċiproku tar-regoli dwar il-materji koperti minn dan ir-Regolament;	(a) jiġi ffaċilitat ***ir-rikonoxximent*** reċiproku tar-regoli ***u l-aċċess reċiproku għas-suq*** dwar il-materji koperti minn dan ir-Regolament;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda tal-"aċċess reċiproku għas-suq" mal-objettivi tal-ftehimiet internazzjonali dwar l-ispazju tallinja l-mandat ta' negozjar tal-Unjoni mal-prattika standard ta' sħubija kummerċjali u ekonomika. L-ekwivalenza tal-oqfsa regolatorji għandha tinqaleb f'kundizzjonijiet ekwivalenti ta' aċċess għas-suq; iż-żieda tagħti lill-Kummissjoni mandat ċar biex tinnegozja fuq din il-bażi.

Emenda 3225
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiġi ffaċilitat ***r-rikonoxximent reċiproku tar-regoli dwar il-materji koperti minn dan ir-Regolament***;	(a) jiġi ffaċilitat ***l-aċċess reċiproku għas-suq***;

Or. en

Emenda 3226
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***jiġi ffaċilitat r-rikonoxximent*** reċiproku tar-regoli dwar il-materji koperti minn dan ir-Regolament;	(a) ***ir-rikonoxximent*** reċiproku tar-regoli dwar il-materji koperti minn dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 3227
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***jiġi ffaċilitat r-rikonoxximent*** reċiproku tar-regoli dwar il-materji koperti minn dan ir-Regolament;	(a) ***ir-rikonoxximent*** reċiproku tar-regoli dwar il-materji koperti minn dan ir-Regolament;

Or. fr

Emenda 3228
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent reċiproku tar-regoli dwar il-materji koperti minn dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 3229

Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***jiġi ffaċilitat*** ir-rikonoxximent reċiproku tal-valutazzjonijiet tekniċi mwettqa mill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju u mill-awtoritajiet rilevanti u mill-korpi tekniċi ta' pajjiżi terzi;	(b) ir-rikonoxximent reċiproku tal-valutazzjonijiet tekniċi mwettqa mill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju u mill-awtoritajiet rilevanti u mill-korpi tekniċi ta' pajjiżi terzi;

Or. en

Emenda 3230
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***jiġi ffaċilitat*** ir-rikonoxximent reċiproku tal-valutazzjonijiet tekniċi mwettqa mill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju u mill-awtoritajiet rilevanti u mill-korpi tekniċi ta' pajjiżi terzi;	(b) ir-rikonoxximent reċiproku tal-valutazzjonijiet tekniċi mwettqa mill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju u mill-awtoritajiet rilevanti u mill-korpi tekniċi ta' pajjiżi terzi;

Or. fr

Emenda 3231
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiġu stabbiliti d-dettalji u l-proċeduri għad-deroga għas-servizzi tal-illanċjar imsemmija fl-Artikolu 19;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 3232
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – paragrafu 1 – punt da(ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-ftehimiet ta' kooperazzjoni b'fini purament xjentifiku, ta' riċerka u interess pubbliku mhux kummerċjali bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi.

Or. fr

Emenda 3233
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Aġenzija tista' tikkoopera mal-awtoritajiet superviżorji rilevanti tal-pajjiżi terzi, għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), u soġġetta għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni tista' tikkonkludi Memoranda ta' Qbil u arranġamenti ta' ħidma ma' dawk l-awtoritajiet jew ma' korpi tal-organizzazzjonijiet internazzjonali.	2. L-Aġenzija tista' tikkoopera mal-awtoritajiet superviżorji rilevanti tal-pajjiżi terzi, għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), u soġġetta għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni ***u tal-Parlament*** tista' tikkonkludi Memoranda ta' Qbil u arranġamenti ta' ħidma ma' dawk l-awtoritajiet jew ma' korpi tal-organizzazzjonijiet internazzjonali.

Or. fr

Emenda 3234
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-ftehimiet imsemmija fl-ewwel paragrafu jridu jsaħħu r-rwol tal-ispazju bħala attività biex isservi l-interess ġenerali, u jridu jirriflettu n-natura ċivili u paċifika tal-proġett spazjali Ewropew.

Or. fr

Emenda 3235
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – titolu
Proposta għal regolament
Artikolu 107

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Reġimi applikabbli għall-organizzazzjonijiet internazzjonali	***Relazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet*** internazzjonali

Or. en

Emenda 3236
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Reġimi applikabbli għall-organizzazzjonijiet internazzjonali	***Relazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet*** internazzjonali

Or. en

Emenda 3237
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Reġimi applikabbli għall-organizzazzjonijiet internazzjonali	***Relazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet*** internazzjonali

Or. en

Emenda 3238
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni ***tista', permezz ta'*** ftehimiet ***ta' kontribuzzjoni, tafda lil*** organizzazzjoni internazzjonali ***bl-implimentazzjoni ta' kompiti għall-operat ta' assi tal-Unjoni***.	Il-Kummissjoni ***għandha tikkonkludi*** ftehimiet ***internazzjonali ma' organizzazzjonijiet internazzjonali biex tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament fejn*** organizzazzjoni internazzjonali ***topera assi spazjali governattivi jew mhux governattivi***.

Or. en

Emenda 3239
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista', permezz ta' ftehimiet ***ta' kontribuzzjoni, tafda lil organizzazzjoni*** internazzjonali ***bl-implimentazzjoni ta' kompiti għall-operat***	***L-Unjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi*** ftehimiet internazzjonali ***ma' organizzazzjonijiet internazzjonali biex tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-***

ta' assi tal-Unjoni.	***implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 3240
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 1 – subparagrafu 1
Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista', permezz ta' ftehimiet ***ta' kontribuzzjoni, tafda lil organizzazzjoni*** internazzjonali ***bl-implimentazzjoni ta' kompiti għall-operat ta' assi tal-Unjoni***.	***L-Unjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi*** ftehimiet internazzjonali ***ma' organizzazzjonijiet internazzjonali biex tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 3241
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista', permezz ta' ftehimiet ***ta' kontribuzzjoni***, tafda lil organizzazzjoni internazzjonali bl-implimentazzjoni ta' kompiti ***għall-operat ta' assi tal-Unjoni***.	Il-Kummissjoni tista', permezz ta' ftehimiet, tafda lil organizzazzjoni internazzjonali bl-implimentazzjoni ta' kompiti ***għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-twessigħ tal-qafas ta' kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali minn "ftehimiet ta' kontribuzzjoni għal assi tal-Unjoni" għal "ftehimiet għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament" jirrifletti l-firxa estiża ta' kooperazzjoni possibbli, inkluż għall-valutazzjonijiet tekniċi, appoġġ għall-istandardizzazzjoni u kondiviżjoni tad-data tas-CA, lil hinn mill-ġestjoni tal-assi tal-UE biss.

Emenda 3242
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista', permezz ta' ftehimiet ***ta' kontribuzzjoni***, tafda lil organizzazzjoni internazzjonali bl-implimentazzjoni ta' kompiti ***għall-operat ta' assi tal-Unjon***i.	Il-Kummissjoni tista', permezz ta' ftehimiet, tafda lil organizzazzjoni internazzjonali bl-implimentazzjoni ta' kompiti ***għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 3243
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 1 – subparagrafu 2
Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk il-ftehimiet ta' kontribuzzjoni għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali għall-kontroll tal-applikazzjoni minn dik l-organizzazzjoni internazzjonali tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3244
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk il-ftehimiet ta' kontribuzzjoni għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali għall-kontroll tal-applikazzjoni minn dik l-organizzazzjoni internazzjonali tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3245
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk il-ftehimiet ta' kontribuzzjoni għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali għall-kontroll tal-applikazzjoni minn dik l-organizzazzjoni internazzjonali tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3246
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk il-ftehimiet ta' kontribuzzjoni	Dawk il-ftehimiet ta' kontribuzzjoni

għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali għall-kontroll tal-applikazzjoni minn dik l-organizzazzjoni internazzjonali tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV.	għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali għall-kontroll tal-applikazzjoni minn dik l-organizzazzjoni internazzjonali tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV. ***Dawn il-konvenzjonijiet ta' kontribut jridu jiġu vvalidati mill-Parlament u mill-Kunsill.***

Or. fr

Emenda 3247
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk il-ftehimiet ***ta' kontribuzzjoni*** għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali għall-kontroll ***tal-applikazzjoni minn dik l-organizzazzjoni internazzjonali*** tar-rekwiżiti stabbiliti ***fit-Titolu IV***.	Dawk il-ftehimiet għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali għall-kontroll tar-rekwiżiti stabbiliti ***f'dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 3248
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk il-ftehimiet ***ta' kontribuzzjoni*** għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali għall-kontroll ***tal-applikazzjoni minn dik l-organizzazzjoni internazzjonali*** tar-rekwiżiti stabbiliti ***fit-Titolu IV***.	Dawk il-ftehimiet għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali għall-kontroll tar-rekwiżiti stabbiliti ***f'dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 3249
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta l-organizzazzjonijiet internazzjonali jaġixxu bħala operatur spazjali li jipprovdi servizzi fit-territorju tal-Unjoni, huma għandhom jikkonformaw mar-regoli applikabbli stabbiliti fl-Artikolu 14(4).

Or. en

Emenda 3250
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għall-organizzazzjonijiet internazzjonali li jkunu kkonkludew ftehim mal-Unjoni sa fejn dak it-trattat ikopri l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 3251
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. Meta organizzazzjoni internazzjonali topera l-assi msemmija fl-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (21), l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konformità ta' dik l-organizzazzjoni internazzjonali mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, fil-kuntest tal-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(1).	***imħassar***

Or. en

Emenda 3252
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta organizzazzjoni internazzjonali topera l-assi msemmija fl-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (21), l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konformità ta' dik l-organizzazzjoni internazzjonali mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, fil-kuntest tal-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(1).	***imħassar***

Or. en

Emenda 3253
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 2
Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta organizzazzjoni internazzjonali topera l-assi msemmija fl-	***imħassar***

Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (21), l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konformità ta' dik l-organizzazzjoni internazzjonali mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, fil-kuntest tal-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(1).

Or. en

Emenda 3254
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 3
Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta organizzazzjoni internazzjonali topera l-assi tagħha stess tal-infrastruttura spazjali, l-Unjoni għandha tagħmel hilitha biex tikkonkludi ftehimiet ma' dik l-organizzazzjoni internazzjonali.	***imħassar***
Il-ftehim imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali biex jiżgura l-kontroll tal-applikazzjoni minn dik l-organizzazzjoni internazzjonali tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-qafas istituzzjonali tagħha.	

Or. en

Emenda 3255
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta organizzazzjoni internazzjonali topera l-assi tagħha stess tal-infrastruttura spazjali, l-Unjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi ftehimiet ma' dik l-organizzazzjoni internazzjonali.	***imħassar***
Il-ftehim imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali biex jiżgura l-kontroll tal-applikazzjoni minn dik l-organizzazzjoni internazzjonali tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-qafas istituzzjonali tagħha.	

Or. en

Emenda 3256
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta organizzazzjoni internazzjonali topera l-assi tagħha stess tal-infrastruttura spazjali, l-Unjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi ftehimiet ma' dik l-organizzazzjoni internazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3257
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-ftehim imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali biex jiżgura l-kontroll tal-applikazzjoni minn dik l-organizzazzjoni internazzjonali tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-qafas istituzzjonali tagħha.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3258
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-ftehim imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali biex jiżgura l-kontroll tal-applikazzjoni minn dik l-organizzazzjoni internazzjonali tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-qafas istituzzjonali tagħha.	Il-ftehim imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali biex jiżgura l-kontroll tal-applikazzjoni minn dik l-organizzazzjoni internazzjonali tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-qafas istituzzjonali tagħha. ***Il-ftehim imsemmi fl-ewwel paragrafu jrid isaħħaħ ir-rwol tal-ispazju bħala attività biex isservi l-interess ġenerali, u jrid jirrifletti n-natura ċivili u paċifika tal-proġett spazjali Ewropew.***

Or. fr

Emenda 3259
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Il-ftehim imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali biex jiżgura l-kontroll tal-applikazzjoni minn dik l-organizzazzjoni internazzjonali tar-rekwiżiti stabbiliti ***fit-Titolu IV***, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-qafas istituzzjonali tagħha.	Il-ftehim imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali biex jiżgura l-kontroll tal-applikazzjoni minn dik l-organizzazzjoni internazzjonali tar-rekwiżiti stabbiliti ***f'dan ir-Regolament***, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-qafas istituzzjonali tagħha.

Or. en

Emenda 3260
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-ftehim imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali biex jiżgura l-kontroll tal-applikazzjoni minn dik l-organizzazzjoni internazzjonali tar-rekwiżiti stabbiliti ***fit-Titolu IV***, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-qafas istituzzjonali tagħha.	Il-ftehim imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali biex jiżgura l-kontroll tal-applikazzjoni minn dik l-organizzazzjoni internazzjonali tar-rekwiżiti stabbiliti ***f'dan ir-Regolament***, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-qafas istituzzjonali tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Konsegwenzjali: il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti jkopru r-Regolament sħiħ.

Emenda 3261
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 107a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 107a
	Adeżjoni tal-Unjoni mat-trattati dwar l-ispazju tan-Nazzjonijiet Uniti

1. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien żejjed, tieħu l-passi meħtieġa f'konformità mal-Artikoli 189 u 218 tat-TFUE biex l-Unjoni ssir parti għat-trattati rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-ispazju ekstratmosferiku li jippermettu l-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni dwar ir-Responsabbiltà Internazzjonali għall-Ħsara Kkawżata minn Oġġetti Spazjali u l-Konvenzjoni dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Oġġetti Mibgħuta fl-Ispazju Ekstratmosferiku.

2. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta, fejn meħtieġ, ir-rakkomandazzjonijiet jew il-proposti meħtieġa lill-Kunsill.

3. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, mhux aktar tard minn sena, u kull sena, wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, dwar il-progress li jkun sar skont il-paragrafu 1.

4. Il-passi msemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward tal-Konvenzjoni dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Oġġetti Mibgħuta fl-Ispazju Ekstratmosferiku għandhom b'mod partikolari jfittxu li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li taħthom:

(a) ir-reġistrazzjoni ta' oġġett spazjali fir-Reġistru tal-Unjoni tal-Attivitajiet Spazjali tikkostitwixxi t-twettiq tal-obbligu ta' reġistrazzjoni internazzjonali skont dik il-Konvenzjoni f'isem l-Istati Membri li jikkwalifikaw bħala Stati tal-illanċjar fir-rigward ta' dak l-oġġett spazjali;

(b) l-Aġenzija tittrażmetti lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, f'isem l-Istati Membri kkonċernati, l-informazzjoni ta' reġistrazzjoni meħtieġa skont dik il-Konvenzjoni.

Sakemm jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom ikomplu jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dik il-Konvenzjoni u jistgħu jużaw għal dak il-għan l-

informazzjoni disponibbli fir-Reġistru tal-Unjoni tal-Attivitajiet Spazjali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

EU accession to the UN Liability Convention and Registration Convention is the structural institutional consequence of harmonising space activities under EU law. Currently, operators are increasingly subject to Union rules for authorisation, supervision and safety, while the related international registration and liability responsibilities remain with Member States. This mismatch becomes harder to justify as EU regulatory authority is consolidated. Article 107a therefore requires the Commission to initiate the necessary accession procedures under Articles 189 and 218 TFEU.

Emenda 3262
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 107b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 107b
	Responsabbiltà finanzjarja tal-Unjoni għal dannu kkawżat minn oġġetti spazjali
	1. Wara l-adeżjoni tal-Unjoni għall-Konvenzjoni dwar ir-Responsabbiltà Internazzjonali għall-Ħsara Kkawżata minn Oġġetti Spazjali skont l-Artikolu 107a, fejn l-Unjoni tinżamm responsabbli finanzjarjament għal dannu kkawżat minn oġġett spazjali ta' operatur spazjali tal-Unjoni, ir-responsabbiltà finanzjarja għandha tiġi allokata fl-ordni li ġejja:
	(a) l-ewwel nett, l-operatur spazjali tal-Unjoni, sal-punt kopert mill-assigurazzjoni jew mill-garanzija finanzjarja meħtieġa skont l-Artikolu 61a;
	(b) it-tieni, l-Istat Membru li fih l-operatur ikun stabbilit jew ikollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu, sal-limitu tal-garanzija tal-Istat li jkun meħtieġ jipprovdi skont l-Artikolu 61b; dak l-Istat Membru għandu jkollu s-sehem prinċipali

tar-responsabbiltà sekondarja minħabba r-relazzjoni superviżorja u regolatorja tiegħu mal-operatur;

(c) meta l-illanċjar ikun twettaq mit-territorju jew mill-faċilitajiet ta' Stat Membru għajr l-Istat Membru ta' stabbiliment, dak l-Istat Membru tal-illanċjar għandu jikkontribwixxi b'mod konġunt għar-responsabbiltà msemmija fil-punt (b), fi proporzjon li għandu jiġi miftiehem bejn dawk l-Istati Membri fi żmien 30 jum jew, fin-nuqqas ta' ftehim, iddeterminat mill-Kummissjoni; (d) sal-punt li l-ammonti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) ma jkunux biżżejjed biex ikopru l-pretensjoni bis-sħiħ, l-Unjoni għandha terfa' r-responsabbiltà finanzjarja residwa.

2. L-Unjoni għandu jkollha dritt għal rikors kontra l-operatur fir-rigward tal-ammonti koperti skont il-paragrafu 1, il-punt (d).

Hija għandu jkollha wkoll dritt għal rikors kontra l-Istat Membru ta' stabbiliment sal-punt li dak l-Istat Membru jkun naqas milli jipprovdi l-garanzija mill-Istat meħtieġa skont l-Artikolu 61b.

3. Għall-oġġetti spazjali operati fil-qafas tal-programmi tal-Unjoni, l-Unjoni għandu jkollha r-responsabbiltà finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 mingħajr l-applikazzjoni tal-punti (b) u (c) tiegħu.

4. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri bħala Stati tal-illanċjar skont il-Konvenzjoni dwar ir-Responsabbiltà Internazzjonali għall-Ħsara Kkawżata minn Oġġetti Spazjali, inkluż meta l-Unjoni u Stat Membru wieħed jew aktar ikunu responsabbli b'mod konġunt u in solidum skont dik il-Konvenzjoni wara l-adeżjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 107a.

Madankollu, bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, ir-responsabbiltà

finanzjarja għad-dannu kkawżat minn operazzjonijiet spazjali koperti minn awtorizzazzjoni mogħtija skont dan ir-Regolament għandha tiġi allokata f'konformità mal-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

This amendment establishes a clear allocation of financial responsibility once the Union accedes to the UN Liability Convention. It ensures that liability follows the regulatory and operational chain: first the operator, then the Member State supervising it, with shared responsibility where another Member State acted as the launching State, and only finally the Union as residual guarantor. This makes the system more coherent, protects the Union budget, and reflects the fact that greater EU regulatory authority must be matched by a workable and predictable responsibility framework.

Emenda 3263
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 108

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 108	***imħassar***
Relazzjonijiet mal-Aġenzija Spazjali Ewropea	
1. L-Unjoni għandha tistinka biex tikkonkludi ftehim mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) ħalli tavvanza l-objettivi ta' dan ir-Regolament u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-ESA.	
2. Il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni mill-ESA tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali li jiżguraw il-kontroll tal-applikazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari:	
(a) meta l-ESA ma tkunx l-operatur tal-assi tal-Unjoni, l-arranġamenti meħtieġa biex l-ESA twettaq il-valutazzjoni teknika	

li tippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta l-konformità tal-operatur spazjali tal-Unjoni tal-assi spazjali tal-Unjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament, biex tinħareġ l-awtorizzazzjoni u ssir is-superviżjoni kontinwa msemmija fl-Artikolu 11(1), l-ewwel subparagrafu;

(b) meta l-assi tal-Unjoni jkunu operati jew proprjetà tal-ESA, l-arranġamenti u l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jippermettu l-attivitajiet tal-valutazzjoni teknika u l-kompiti tal-awtorizzazzjoni u tas-superviżjoni;

(c) kwalunkwe appoġġ li jista' jingħata mill-ESA fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għall-istandardizzazzjoni, bis-superviżjoni tal-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu l-istandards tekniċi internazzjonali eżistenti għall-attivitajiet fl-ispazju.

3.

L-ESA tista' tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri billi twettaq valutazzjonijiet tekniċi, skont l-Artikolu 8(1), il-punt (b).

Il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet biex l-ESA tiġi rikonoxxuta bħala korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju.

4. Meta tintalab mill-Kummissjoni, l-ESA tista' tattendi bħala osservatur jew membru għal kwalunkwe grupp konsultattiv rilevanti ta' natura teknika li jista' jiġi stabbilit skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 3264
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, Michał Szczerba, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Unjoni għandha ***tistinka biex*** tikkonkludi ftehim mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) ħalli tavvanza l-objettivi ta' dan ir-Regolament u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-ESA.	1. L-Unjoni għandha tikkonkludi ftehim mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) ***abbażi tal-Artikolu 218 TFUE biex tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-ESA ta' dan ir-Regolament u*** ħalli tavvanza l-objettivi ta' dan ir-Regolament u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ***mill-qrib*** bejn l-Unjoni u l-ESA.

Or. en

Emenda 3265
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Unjoni għandha ***tistinka biex*** tikkonkludi ftehim mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) ħalli tavvanza l-objettivi ta' dan ir-Regolament ***u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-ESA***.	1. L-Unjoni għandha tikkonkludi ftehim mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) ħalli tavvanza l-objettivi ta' dan ir-Regolament. ***Il-ftehim imsemmi fl-ewwel paragrafu għandu jiġi konkluż mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sostituzzjoni ta' "għandha tistinka biex tikkonkludi" b'"għandha tikkonkludi" tittrasforma l-ftehim tal-ESA minn impenn tal-aħjar sforzi f'obbligu vinkolanti ta' riżultat. Il-ftehim huwa operazzjonalment essenzjali: Mingħajru, l-ESA ma tistax tintuża bħala l-korp tekniku kwalifikat skont l-Artikolu 8. Formulazzjoni tal-aħjar sforzi tpoġġi l-arkitettura kollha tal-valutazzjoni teknika tal-EUSA f'riskju jekk in-negozjati tal-ESA jitwaqqfu għal raġunijiet amministrattivi jew politiċi.

Emenda 3266

Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Unjoni għandha tistinka biex tikkonkludi ftehim mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) ħalli tavvanza l-objettivi ta' dan ir-Regolament u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-ESA.	1. L-Unjoni għandha tistinka biex tikkonkludi ftehim mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) ħalli ***tispeċifika l-ambitu u l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ESA minn dan ir-Regolament,*** tavvanza l-objettivi ta' dan ir-Regolament u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-ESA.

Or. en

Emenda 3267
Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Unjoni għandha tistinka biex tikkonkludi ftehim mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) ħalli tavvanza l-objettivi ta' dan ir-Regolament ***u biex tissaħħaħ*** il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-ESA.	1. L-Unjoni għandha tistinka biex tikkonkludi ftehim mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) ħalli tavvanza l-objettivi ta' dan ir-Regolament ***billi ssaħħaħ*** il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-ESA ***fi kwistjonijiet rilevanti għall-implimentazzjoni tiegħu***.

Or. en

Emenda 3268
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 1
Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Unjoni għandha ***tistinka biex*** tikkonkludi ftehim mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) ***ħalli tavvanza l-objettivi ta' dan ir-Regolament u*** biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-ESA.	1. L-Unjoni għandha tikkonkludi ftehim mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) ***abbażi tal-Artikolu 218 tat-TFUE*** biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-ESA.

Or. en

Emenda 3269
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Unjoni għandha ***tistinka biex*** tikkonkludi ftehim mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) ***ħalli tavvanza l-objettivi ta' dan ir-Regolament u*** biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-ESA.	1. L-Unjoni għandha tikkonkludi ftehim mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) ***abbażi tal-Artikolu 218 tat-TFUE*** biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-ESA.

Or. en

Emenda 3270
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, Michał Szczerba, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1*** għandu ***jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni mill-ESA tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, u l-arranġamenti prattiċi*** u operazzjonali ***li jiżguraw il-kontroll tal-applikazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari:***	2. Il-ftehim għandu***:***
	(a) jirrikonoxxi l-ESA bħala organizzazzjoni Ewropea ewlenija

b'għarfien espert tekniku u operazzjonali ***u jissottolinja r-relazzjoni bejn l-Unjoni u l-ESA għas-settur spazjali Ewropew;***

(b) jirrikonoxxi li r-rekwiżiti u l-proċeduri tekniċi tal-ESA huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fit-Titolu IV ta' dan ir-Regolament, u jiddefinixxi l-kundizzjonijiet li taħthom l-ESA għandha timplimenta dan ir-Regolament;

(c) jispeċifika r-rwol tal-ESA fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, pereżempju permezz tal-involviment tal-ESA bħala sieħeb tekniku u operazzjonali fl-elaborazzjoni, taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni, tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni, filwaqt li jitqies l-għarfien espert tal-ESA fl-istandardizzazzjoni u fil-bini tal-kapaċità;

(d) jiċċara l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-ESA bħala korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju biex jappoġġa lill-Istati Membri fl-attivitajiet fl-ispazju tagħhom;

(e) iqis lill-ESA bħala osservatur permanenti jew membru fi kwalunkwe korp rilevanti tal-Unjoni li jkun ġej minn dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 3271
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – parti introduttorja
Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 għandu ***jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni mill-ESA tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, u l-***	2. Il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 għandu:

arranġamenti prattiċi u operazzjonali li jiżguraw il-kontroll tal-applikazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 3272
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 għandu ***jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni mill-ESA tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali li jiżguraw il-kontroll tal-applikazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti***, ***u*** b'mod partikolari:	2. Il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 għandu, b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 3273
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni mill-ESA tar-rekwiżiti stabbiliti ***fit-Titolu IV***, u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali li jiżguraw il-kontroll tal-applikazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari:	2. Il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni mill-ESA tar-rekwiżiti stabbiliti ***f'dan ir-Regolament***, u l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali li jiżguraw il-kontroll tal-applikazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim tal-ESA biex ikopri r-Regolament sħiħ (mhux biss it-Titolu IV) hija konsegwenza tar-rwol estiż tal-ESA bħala korp tekniku kwalifikat għall-awtorizzazzjonijiet u r-reġistrazzjonijiet kollha, inklużi operaturi ta' pajjiżi terzi. Il-ftehim irid ikopri l-perimetru operazzjonali sħiħ tar-rwol ta' valutazzjoni tal-ESA.

Emenda 3274
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, Michał Szczerba, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta l-ESA ma tkunx l-operatur tal-assi tal-Unjoni, l-arranġamenti meħtieġa biex l-ESA twettaq il-valutazzjoni teknika li tippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta l-konformità tal-operatur spazjali tal-Unjoni tal-assi spazjali tal-Unjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament, biex tinħareġ l-awtorizzazzjoni u ssir is-superviżjoni kontinwa msemmija fl-Artikolu 11(1), l-ewwel subparagrafu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 3275
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***meta l-ESA ma tkunx l-operatur tal-assi tal-Unjoni, l-arranġamenti meħtieġa biex l-ESA twettaq il-valutazzjoni teknika li tippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta l-konformità tal-operatur spazjali tal-Unjoni tal-assi spazjali tal-Unjoni mar-rekwiżiti stabbiliti***	(a) ***jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-ESA ta' dan ir-Regolament***;

fir-Regolament, biex tinħareġ l-awtorizzazzjoni u ssir is-superviżjoni kontinwa msemmija fl-Artikolu 11(1), l-ewwel subparagrafu;

Or. en

Emenda 3276
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***meta*** l-ESA ***ma tkunx l-operatur tal-assi tal-Unjoni, l-arranġamenti meħtieġa biex l-ESA twettaq il-valutazzjoni teknika li tippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta l-konformità tal-operatur spazjali tal-Unjoni tal-assi spazjali tal-Unjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament, biex tinħareġ l-awtorizzazzjoni u ssir is-superviżjoni kontinwa msemmija fl-Artikolu 11(1), l-ewwel subparagrafu***;	(a) ***il-kundizzjonijiet li taħthom*** l-ESA ***hija rikonoxxuta bħala korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju għall-finijiet ta' dan ir-Regolament***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjoni ewlenija tal-ftehim tal-ESA: rikonoxximent tal-ESA bħala l-korp tekniku kwalifikat għall-finijiet tar-Regolament. Dan huwa l-istrument legali li joperazzjonalizza n-nomina tal-ESA skont l-Artikolu 8 u jipprovdiha qafas istituzzjonali — indipendenza, obbligu ta' rendikont, arranġamenti tar-riżorsi — meħtieġa għar-rwol.

Emenda 3277
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***meta l-ESA ma tkunx l-operatur***	(a) ***jirrikonoxxi li r-rekwiżiti u l-***

tal-assi tal-Unjoni, l-arranġamenti meħtieġa biex l-ESA twettaq il-valutazzjoni teknika li tippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta l-konformità tal-operatur spazjali tal-Unjoni tal-assi spazjali tal-Unjoni mar-rekwiżiti stabbiliti ***fir-Regolament, biex tinħareġ l-awtorizzazzjoni u ssir is-superviżjoni kontinwa msemmija fl-Artikolu 11(1), l-ewwel subparagrafu***;

proċeduri tekniċi tal-ESA bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti ***fit-Titolu IV ta' dan ir-Regolament u jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni mill-ESA ta' dan ir-Regolament***;

Or. en

Emenda 3278
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-modalitajiet għall-ESA biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari permezz tal-involviment tal-ESA fl-elaborazzjoni u l-aġġornament ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni, u permezz ta' attivitajiet ta' standardizzazzjoni, kif ukoll permezz ta' għarfien espert tekniku u attivitajiet ta' bini tal-kapaċità;

Or. en

Emenda 3279
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) il-kundizzjonijiet li taħthom l-Aġenzija Spazjali Ewropea taċċetta, għall-attivitajiet kollha mwettqa skont dan il-ftehim, l-eżerċizzju ta' mekkaniżmi ta'

	sorveljanza, awditjar u verifika mill-Aġenzija stabbilita skont dan ir-Regolament, inkluż id-dritt li titlob dokumentazzjoni, twettaq awditi tekniċi u toħroġ sejbiet; tali mekkaniżmi għandhom jiġu implimentati fuq bażi kuntrattwali permezz tal-ftehim;

Or. en

Emenda 3280
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, Michał Szczerba, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta l-assi tal-Unjoni jkunu operati jew proprjetà tal-ESA, l-arranġamenti u l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jippermettu l-attivitajiet tal-valutazzjoni teknika u l-kompiti tal-awtorizzazzjoni u tas-superviżjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 3281
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***meta l-assi tal-Unjoni jkunu operati jew proprjetà tal-ESA, l-arranġamenti u l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jippermettu l-attivitajiet tal-valutazzjoni teknika u l-kompiti tal-awtorizzazzjoni u tas-superviżjoni***;	(b) ***jistabbilixxi l-modalitajiet għall-ESA biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, permezz ta' għarfien espert tekniku u attivitajiet ta' bini tal-kapaċità, inkluż billi tikkontribwixxi, abbażi tal-bażi tad-data eżistenti tagħha, għall-istabbiliment tal-bażi tad-data tal-Unjoni dwar l-Impronta Ambjentali***;

Or. en

Emenda 3282
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta l-assi tal-Unjoni jkunu operati jew proprjetà tal-ESA, l-arranġamenti u l-kundizzjonijiet ***meħtieġa biex jippermettu l-attivitajiet tal-valutazzjoni*** teknika u ***l-kompiti tal-awtorizzazzjoni*** u ***tas-superviżjoni***;	(b) meta l-assi tal-Unjoni jkunu operati jew proprjetà tal-ESA, l-arranġamenti u l-kundizzjonijiet ***applikabbli għal attivitajiet ta' valutazzjoni*** teknika u ***għall-kompiti relatati ta' awtorizzazzjoni*** u ***ta' superviżjoni***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika għall-assi tal-Unjoni operati jew li huma proprjetà tal-ESA: il-ftehim ikopri wkoll arranġamenti ta' valutazzjoni teknika u ta' superviżjoni għal dawn l-assi, filwaqt li jiżgura li ma jkun hemm ebda diskrepanza bejn is-sistema ġenerali tal-EUSA u l-assi speċifiċi tal-programm tal-Unjoni operati mill-ESA.

Emenda 3283
Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jistabbilixxi l-modalitajiet għall-ESA biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari permezz tal-involviment tal-ESA fl-elaborazzjoni u l-aġġornament ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni, u permezz ta' attivitajiet ta' standardizzazzjoni, kif ukoll permezz tal-għarfien espert tekniku u l-bini tal-kapaċità msemmija fl-Artikolu 109;

Or. en

Emenda 3284
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)
Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jistabbilixxi l-modalitajiet possibbli biex l-ESA tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 3285
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, Michał Szczerba, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) kwalunkwe appoġġ li jista' jingħata mill-ESA fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għall-istandardizzazzjoni, bis-superviżjoni tal-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu l-istandards tekniċi internazzjonali eżistenti għall-attivitajiet fl-ispazju.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3286
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Pascale Piera, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín, Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay, Marion Maréchal

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***kwalunkwe appoġġ li jista' jingħata mill-ESA fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għall-istandardizzazzjoni, bis-superviżjoni tal-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu l-istandards tekniċi internazzjonali eżistenti*** għall-attivitajiet fl-ispazju.	(c) ***jirrikonoxxi l-ESA bħala korp tekniku kwalifikat*** għall-attivitajiet fl-ispazju***, f'konformità mal-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1, li jippermettilha tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tagħhom ta' dan ir-Regolament billi twettaq valutazzjonijiet tekniċi fl-oqsma tas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali, u tiddefinixxi l-modalitajiet relatati***.

Or. en

Emenda 3287
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***kwalunkwe appoġġ*** li ***jista' jingħata mill-ESA fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għall-istandardizzazzjoni, bis-superviżjoni tal-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu l-istandards*** tekniċi ***internazzjonali eżistenti għall-attivitajiet fl-ispazju.***	(c) ***il-kundizzjonijiet*** li ***taħthom l-ESA tista', taħt ir-responsabbiltà unika tagħha, tibbaża fuq l-għarfien espert tekniku tal-aġenziji spazjali nazzjonali jew tal-entitajiet*** tekniċi ***pubbliċi tal-Istati Membri;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda tal-kundizzjonijiet li taħthom l-ESA tista' tuża l-għarfien espert tal-aġenzija spazjali nazzjonali taħt ir-responsabbiltà tagħha stess tippermetti li l-funzjoni tal-korp tekniku kwalifikat tuża l-profondità sħiħa tal-għarfien espert tekniku Ewropew filwaqt li żżomm obbligu ta' rendikont ċar fil-livell tal-ESA. L-ESA hija responsabbli għall-kwalità u l-konklużjonijiet tal-opinjoni irrispettivament minn liema espert nazzjonali kkontribwixxa għaliha.

Emenda 3288
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***kwalunkwe appoġġ li jista' jingħata mill-ESA fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għall-istandardizzazzjoni, bis-superviżjoni tal-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu l-istandards tekniċi internazzjonali eżistenti*** għall-attivitajiet fl-ispazju**.**	(c) ***jirrikonoxxi l-ESA bħala korp tekniku kwalifikat*** għall-attivitajiet fl-ispazju***, li jippermettilha tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tagħhom tar-Regolament billi twettaq valutazzjonijiet tekniċi;***

Or. en

Emenda 3289
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) kwalunkwe appoġġ li jista' jingħata mill-ESA fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għall-istandardizzazzjoni, ***bis-superviżjoni tal-Kummissjoni***, filwaqt li jitqiesu l-istandards tekniċi internazzjonali eżistenti għall-attivitajiet fl-ispazju.	(c) kwalunkwe appoġġ li jista' jingħata mill-ESA fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għall-istandardizzazzjoni, ***b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni***, filwaqt li jitqiesu l-istandards tekniċi internazzjonali eżistenti għall-attivitajiet fl-ispazju.

Or. en

Emenda 3290
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt c
Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) kwalunkwe appoġġ li jista' jingħata mill-ESA fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għall-istandardizzazzjoni, ***bis-superviżjoni tal-Kummissjoni***, filwaqt li jitqiesu l-istandards tekniċi internazzjonali eżistenti għall-attivitajiet fl-ispazju**.**	(c) kwalunkwe appoġġ li jista' jingħata mill-ESA fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għall-istandardizzazzjoni, ***b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni***, filwaqt li jitqiesu l-istandards tekniċi internazzjonali eżistenti għall-attivitajiet fl-ispazju***;***

Or. en

Emenda 3291
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***kwalunkwe appoġġ li jista' jingħata mill-ESA fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għall-istandardizzazzjoni, bis-superviżjoni tal-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu l-istandards tekniċi internazzjonali eżistenti*** għall-attivitajiet fl-ispazju**.**	(c) ***jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-ESA bħala korp tekniku kwalifikat*** għall-attivitajiet fl-ispazju***, li jippermettilha tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Regolament billi twettaq valutazzjonijiet tekniċi u l-modalitajiet relatati;***

Or. en

Emenda 3292
Andi Cristea

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) kwalunkwe appoġġ li jista' jingħata mill-ESA fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għall-istandardizzazzjoni, ***bis-superviżjoni tal-Kummissjoni***, filwaqt li jitqiesu l-istandards tekniċi internazzjonali eżistenti	(c) kwalunkwe appoġġ li jista' jingħata mill-ESA fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għall-istandardizzazzjoni, ***kif meħtieġ mill-Kummissjoni***, filwaqt li jitqiesu l-istandards tekniċi internazzjonali eżistenti

għall-attivitajiet fl-ispazju.

għall-attivitajiet fl-ispazju.

Or. en

Emenda 3293
Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) kwalunkwe appoġġ li jista' jingħata mill-ESA fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għall-istandardizzazzjoni, ***bis-superviżjoni tal-Kummissjoni***, filwaqt li jitqiesu l-istandards tekniċi internazzjonali eżistenti għall-attivitajiet fl-ispazju.	(c) kwalunkwe appoġġ li jista' jingħata mill-ESA fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għall-istandardizzazzjoni, ***kif meħtieġ mill-Kummissjoni***, filwaqt li jitqiesu l-istandards tekniċi internazzjonali eżistenti għall-attivitajiet fl-ispazju.

Or. en

Emenda 3294
Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jistabbilixxi l-modalitajiet li bihom l-ESA għandha tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari bl-involviment tagħha, taħt l-awtorità tal-Kummissjoni, fit-tħejjija u fl-aġġornament ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni u billi tipprovdi għarfien espert tekniku u appoġġ għall-bini tal-kapaċità.

Or. en

Emenda 3295

Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jiddefinixxi taħt liema kundizzjonijiet l-ESA tista' tattendi bħala osservatur jew membru, kwalunkwe grupp konsultattiv rilevanti ta' natura teknika li jista' jiġi stabbilit skont dan ir-Regolament, inkluż, meta xieraq, għat-tħejjija teknika tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni.

Or. en

Emenda 3296
Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-forniturи tas-servizzi tal-illanċjar mill-Istati Membri tal-ESA li mhumiex parti mill-Unjoni bħala ekwivalenti għall-forniturи tas-servizzi tal-illanċjar tal-Unjoni għall-finijiet tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 3297
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) tattendi bħala osservatur jew

membru fi kwalunkwe korp jew network rilevanti li jista' jappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-Bord tal-Konformità.

Or. en

Emenda 3298
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) ir-regoli applikabbli dwar l-indipendenza, l-imparzjalità, il-kunfidenzjalità, is-sigurtà, ir-responsabbiltà, l-assigurazzjoni tal-kwalità u t-tariffi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftehim tal-ESA jrid jinkludi dispożizzjonijiet ta' governanza — indipendenza, imparzjalità, kunfidenzjalità, responsabbiltà, assigurazzjoni tal-kwalità, tariffi — biex jiġi żgurat li l-funzjoni tal-ESA bħala korp tekniku kwalifikat tissodisfa l-istess standards bħal kwalunkwe korp notifikat skont id-dritt tal-UE. Mingħajr dawn id-dispożizzjonijiet, il-ftehim ma għandux is-salvagwardji istituzzjonali li jagħtu lill-valutazzjoni teknika tal-EUSA l-kredibbiltà legali tagħha.

Emenda 3299
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ESA tista' tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri billi twettaq valutazzjonijiet tekniċi, skont l-Artikolu 8(1), il-punt (b).	***imħassar***
Il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet biex l-ESA	

tiġi rikonoxxuta bħala korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju.

Or. en

Emenda 3300
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ESA tista' tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri billi twettaq valutazzjonijiet tekniċi, skont l-Artikolu 8(1), il-punt (b).	***imħassar***
Il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet biex l-ESA tiġi rikonoxxuta bħala korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju.	

Or. en

Emenda 3301
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, Michał Szczerba, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ESA tista' tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri billi twettaq valutazzjonijiet tekniċi, skont l-Artikolu 8(1), il-punt (b).	***imħassar***
Il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet biex l-ESA tiġi rikonoxxuta bħala korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju.	

Or. en

Emenda 3302
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ESA tista' tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri billi twettaq valutazzjonijiet tekniċi, skont l-Artikolu 8(1), il-punt (b).	***imħassar***

Or. en

Emenda 3303
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ESA tista' tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri billi twettaq valutazzjonijiet tekniċi, skont l-Artikolu 8(1), il-punt (b).	***imħassar***

Or. en

Emenda 3304
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet biex l-ESA tiġi rikonoxxuta bħala korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3305
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet biex l-ESA tiġi rikonoxxuta bħala korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3306
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 irid isaħħaħ ir-rwol tal-ispazju bħala attività biex isservi l-interess ġenerali, u jrid jirrifletti n-natura ċivili u paċifika tal-proġett spazjali Ewropew.

Or. fr

Emenda 3307
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, Michał Szczerba, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta tintalab mill-Kummissjoni, l-ESA tista' tattendi bħala osservatur jew membru għal kwalunkwe grupp konsultattiv rilevanti ta' natura teknika li	***imħassar***

jista' jiġi stabbilit skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 3308
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta tintalab mill-Kummissjoni, l-ESA tista' tattendi bħala osservatur jew membru għal kwalunkwe grupp konsultattiv rilevanti ta' natura teknika li jista' jiġi stabbilit skont dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3309
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta tintalab mill-Kummissjoni, l-ESA tista' tattendi bħala osservatur jew membru għal kwalunkwe grupp konsultattiv rilevanti ta' natura teknika li jista' jiġi stabbilit skont dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3310
Angelika Winzig

Proposta għal regolament

Artikolu 108 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta tintalab mill-Kummissjoni, l-ESA tista' tattendi bħala osservatur jew membru għal kwalunkwe grupp konsultattiv rilevanti ta' natura teknika li jista' jiġi stabbilit skont dan ir-Regolament.	4. Meta tintalab mill-Kummissjoni ***jew minn Stat Membru***, l-ESA tista' tattendi bħala osservatur jew membru għal kwalunkwe grupp konsultattiv rilevanti ta' natura teknika li jista' jiġi stabbilit skont dan ir-Regolament***, b'mod partikolari l-Bord tal-Konformità***.

Or. en

Emenda 3311
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta tintalab mill-Kummissjoni, l-ESA tista' tattendi bħala osservatur jew membru għal kwalunkwe grupp konsultattiv rilevanti ta' natura teknika ***li jista' jiġi*** stabbilit skont dan ir-Regolament.	4. Meta tintalab mill-Kummissjoni jew ***mill-Aġenzija***, l-ESA tista' tattendi bħala osservatur jew membru għal kwalunkwe grupp konsultattiv rilevanti ta' natura teknika stabbilit skont dan ir-Regolament***, inkluż dak relatat mal-implimentazzjoni tiegħu***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda tal-Aġenzija flimkien mal-Kummissjoni bħala applikanti biex jipparteċipaw bħala osservaturi tal-ESA fi gruppi konsultattivi tirrifletti r-rwol operazzjonali primarju estiż tal-Aġenzija: l-Aġenzija, mhux il-Kummissjoni, tiġġestixxi l-implimentazzjoni ta' kuljum tal-EUSA u għandha l-ħtieġa operazzjonali ta' kontribut tal-ESA f'ambjenti konsultattivi.

Emenda 3312
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, Michał Szczerba, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament

Artikolu 109 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-operaturi spazjali, lill-awtoritajiet kompetenti u lill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju waqt l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, ***billi***:	1. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-operaturi spazjali, ***b'mod partikolari lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, lill-intrapriżi b'kapitalizzazzjoni medja u*** lill-awtoritajiet ***nazzjonali*** kompetenti u lill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju waqt l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, ***b'mod partikolari billi tiżviluppa, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija, mal-ENISA, u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-ESA, kif xieraq, materjali ta' gwida, metodoloġiji u l-aħjar prattiki dwar dan li ġej***: ***(i) ir-rekwiżiti li japplikaw għal żoni ġodda jew għal żoni li qed jiġu żviluppati, bħar-regoli dwar is-servizzjar fuq l-orbita jew dwar it-traffiku orbitali;*** ***(ii) kif xieraq, materji oħra koperti minn dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 3313
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-operaturi spazjali, lill-awtoritajiet kompetenti u ***lill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju*** waqt l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, billi:	1. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-operaturi spazjali***, lill-Aġenzija***, lill-awtoritajiet kompetenti u ***lill-korp tekniku kwalifikat imsemmi fl-Artikolu 8(1)*** waqt l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, billi:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda tal-Aġenzija bħala entità appoġġjata flimkien mal-operaturi spazjali u mal-awtoritajiet kompetenti tirrifletti l-arkitettura istituzzjonali li taħtha l-Aġenzija jkollha responsabbiltajiet ta' implimentazzjoni primarji. Il-Kummissjoni tappoġġja lill-Aġenzija fir-rwol tagħha, mhux bil-kontra.

Emenda 3314
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-operaturi spazjali, lill-awtoritajiet kompetenti u lill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju waqt l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, billi:	1. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-operaturi spazjali ***tal-Unjoni***, lill-awtoritajiet kompetenti u lill-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju waqt l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, billi:

Or. fr

Emenda 3315
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, Michał Szczerba, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiżviluppa, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija u mal-ENISA, kif xieraq, materjali gwida, metodoloġiji u l-aqwa prattiki dwar dawn li ġejjin:	***imħassar***
(i) l-użu, fil-kuntest ta' proċeduri tal-akkwist pubbliku fil-livell nazzjonali, tat-Tikketti tas-Sikurezza Spazjali tal-Unjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 112(4);	
(ii) ir-rekwiżiti li japplikaw għal żoni ġodda jew għal żoni li qed jiġu żviluppati,	

bħar-regoli dwar is-servizzjar fuq l-orbita jew dwar it-traffiku orbitali;

(iii) kif xieraq, materji oħra koperti minn dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 3316
Andi Cristea

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 1 – punt a –parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiżviluppa, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija u ***mal-ENISA***, kif xieraq, materjali gwida, metodoloġiji u l-aqwa prattiki dwar dawn li ġejjin:	(a) tiżviluppa, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija***,*** u ***bl-appoġġ tal-ENISA***, kif xieraq, materjali gwida, metodoloġiji u l-aqwa prattiki dwar dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 3317
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 1 – punt a –parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiżviluppa, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija u ***mal-ENISA***, kif xieraq, materjali gwida, metodoloġiji u l-aqwa prattiki dwar dawn li ġejjin:	(a) tiżviluppa, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija u ***bl-appoġġ tal-ENISA***, kif xieraq, materjali gwida, metodoloġiji u l-aqwa prattiki dwar dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 3318
Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 1 – punt a –parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiżviluppa, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija u ***mal-ENISA***, kif xieraq, materjali gwida, metodoloġiji u l-aqwa prattiki dwar dawn li ġejjin:	(a) tiżviluppa, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija u ***bl-appoġġ tal-ENISA***, kif xieraq, materjali gwida, metodoloġiji u l-aqwa prattiki dwar dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 3319
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 1 – punt a – punt i
Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 1 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-użu, fil-kuntest ta' proċeduri tal-akkwist pubbliku fil-livell nazzjonali, tat-Tikketti tas-Sikurezza Spazjali tal-Unjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 112(4);	***imħassar***

Or. en

Emenda 3320
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 1 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) ir-rekwiżiti li japplikaw għal żoni ġodda jew għal żoni li qed jiġu żviluppati, ***bħar-regoli dwar is-servizzjar fuq l-orbita jew dwar it-traffiku orbitali***;	(ii) ir-rekwiżiti li japplikaw għal żoni ġodda jew għal żoni li qed jiġu żviluppati, ***koperti minn dan ir-Regolament***;

Or. en

Emenda 3321
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, Michał Szczerba, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tippromwovi, bl-assistenza tal-Aġenzija, il-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-materji koperti mit-Titolu IV, il-Kapitolu II, billi tiffaċilita l-istabbiliment tal-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2022/2555.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3322
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) toffri, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija u mal-Aġenzija Spazjali Ewropea, gwida u appoġġ tekniku għat-tħejjija tad-dikjarazzjoni tal-impronta ambjentali, l-istudju dwar l-impronta ambjentali u s-settijiet ta' data relatati msemmija fl-Artikoli 96 sa 99.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-gwida tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija dwar it-tħejjija tad-dikjarazzjoni tal-EF, żviluppata f'kooperazzjoni mal-ESA, tiżgura li l-qafas tal-impronta ambjentali jkun jista' jiġi implimentat b'mod prattiku mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament. Il-gwida tnaqqas il-kostijiet tal-konformità u tiżgura l-konsistenza fost l-operaturi.

Emenda 3323
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) tipprovdi punt ta' aċċess uniku għall-appoġġ rilevanti kollu ddedikat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tar-riċerka permezz tal-Helpdesk għall-Kompetittività tas-Settur Spazjali msemmi fl-Artikolu 40.

Or. en

Emenda 3324
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 1– punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) billi jiġi affermat mill-ġdid ir-rwol ċentrali tal-entitajiet pubbliċi fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-finanzjament ta' programmi spazjali Ewropej u nazzjonali.

Or. fr

Emenda 3325
Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Unjoni għandha tidentifika infrastrutturi spazjali ta' importanza strateġika biex tiżgura aċċess sikur, awtonomu u kontinwu għall-ispazju. Il-

faċilitajiet tal-illanċjar li jinsabu f'postijiet ġeografikament vantaġġużi għall-orbiti polari u sinkroniċi max-xemx, inklużi l-portijiet spazjali fir-reġjuni tat-tramuntana, għandhom jingħataw kunsiderazzjoni partikolari bħala infrastruttura strateġika. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, tippreżenta lista ta' tali infrastrutturi u tipproponi miżuri ta' appoġġ immirati biex tiġi żgurata l-kapaċità fit-tul tagħhom.

Or. en

Emenda 3326
Giorgio Gori, Jens Geier, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni għandha tħejji linji gwida mhux vinkolanti fil-forma ta' manwal biex tappoġġa u tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-operaturi spazjali li huma istituzzjonijiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni, negozji li qed jespandu u SMEs, sabiex toħloq ċarezza u ċertezza għal dawn l-operaturi, u konsistenza fost il-prattiki.

Or. en

Emenda 3327
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, Michał Szczerba, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni għandha tqis l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-intrapriżi b'kapitalizzazzjoni medja u l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-edukazzjoni bħala atturi kruċjali għas-settur spazjali Ewropew u tipprovdi appoġġ lill-entitajiet rispettivi permezz ta' mekkaniżmu ta' appoġġ speċjali b'att ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 113.

Or. en

Emenda 3328
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-bini tal-kapaċità, kif ukoll attivitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni, billi tikkofinanzja proġetti konġunti tar-riċerka u tal-iżvilupp ħalli tixpruna l-adozzjoni mill-industrija tas-soluzzjonijiet teknoloġiċi li jiffaċilitaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament ***fl-oqsma li ġejjin:***	Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-bini tal-kapaċità, kif ukoll attivitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni***, fuq bażi kontinwa***, billi tikkofinanzja proġetti konġunti tar-riċerka u tal-iżvilupp ħalli tixpruna l-adozzjoni mill-industrija tas-soluzzjonijiet teknoloġiċi li jiffaċilitaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament***. Tali appoġġ għandu japplika tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-attivitajiet fl-ispazju u ma għandux ikun limitat għal azzjonijiet ta' darba jew inizjali ta' bini tal-kapaċità.***

Or. en

Emenda 3329
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-bini tal-kapaċità, kif ukoll attivitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni, billi tikkofinanzja proġetti konġunti tar-riċerka u tal-iżvilupp ħalli tixpruna l-adozzjoni mill-industrija tas-soluzzjonijiet teknoloġiċi li jiffaċilitaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament ***fl-oqsma li ġejjin:***	Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-bini tal-kapaċità, kif ukoll attivitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni, billi tikkofinanzja proġetti konġunti tar-riċerka u tal-iżvilupp ħalli tixpruna l-adozzjoni mill-industrija tas-soluzzjonijiet teknoloġiċi li jiffaċilitaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament***. Tali appoġġ għandu japplika tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-attivitajiet fl-ispazju u ma għandux ikun limitat għal azzjonijiet inizjali ta' bini tal-kapaċità.***

Or. en

Emenda 3330
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-bini tal-kapaċità, kif ukoll attivitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni, ***billi tikkofinanzja proġetti konġunti tar-riċerka u tal-iżvilupp*** ħalli tixpruna l-adozzjoni mill-industrija tas-soluzzjonijiet teknoloġiċi li jiffaċilitaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament fl-oqsma li ġejjin:	Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-bini tal-kapaċità, kif ukoll attivitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni, ħalli tixpruna l-adozzjoni mill-industrija tas-soluzzjonijiet teknoloġiċi li jiffaċilitaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament fl-oqsma li ġejjin:

Or. en

Emenda 3331
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) l-iżvilupp ta' teknoloġiji u protokolli tal-kriptaġġ; ***imħassar***

Or. en

Emenda 3332
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-iżvilupp ta' teknoloġiji u protokolli tal-kriptaġġ;	***imħassar***

Or. en

Emenda 3333
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, Michał Szczerba, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-iżvilupp ta' teknoloġiji ***u*** protokolli tal-kriptaġġ;	(a) l-iżvilupp ta' teknoloġiji**,** protokolli ***u kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà*** tal-kriptaġġ;

Or. en

Emenda 3334
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-iżvilupp ta' sistemi tas-sikurezza	***imħassar***

abbord;

Or. en

Emenda 3335
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-iżvilupp ta' sistemi tas-sikurezza abbord;	***imħassar***

Or. en

Emenda 3336
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, Michał Szczerba, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-iżvilupp ta' sistemi tas-sikurezza abbord;	(b) l-iżvilupp ta' sistemi tas-sikurezza***, inkluż sistemi tas-sikurezza*** abbord;

Or. en

Emenda 3337
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b
Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) l-iżvilupp ta’ sistemi tas-sikurezza ***abbord***;	(b) l-iżvilupp ta’ sistemi tas-sikurezza;

Or. en

Emenda 3338
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-iżvilupp ta’ teknoloġiji u kunċetti tal-ISOS;	***imħassar***

Or. en

Emenda 3339
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-iżvilupp ta’ teknoloġiji u kunċetti tal-ISOS;	***imħassar***

Or. en

Emenda 3340
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 2– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) kwalunkwe materji oħra koperti minn dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3341
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 2– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) kwalunkwe materji oħra koperti minn dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3342
Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	il-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni ta' residwi spazjali u l-iżvilupp ta' mekkaniżmi għall-irkupru ta' residwi spazjali eżistenti;

Or. en

Emenda 3343
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 113, biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament, billi tispeċifika l-materji msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3344
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, Michał Szczerba, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta ***atti delegati***, f'konformità mal-Artikolu 113, biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament, billi tispeċifika l-materji msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu.	Il-Kummissjoni għandha tadotta ***linji gwida***, f'konformità mal-Artikolu 113, biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament, billi tispeċifika l-materji msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu.

Or. en

Emenda 3345
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***2a. Il-Kummissjoni tipprovdi appoġġ tekniku għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet sabiex l-operaturi spazjali tal-Unjoni jkunu jistgħu jadottaw soluzzjonijiet teknoloġiċi li jiffaċilitaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.**

Or. fr

Emenda 3346
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3. Il-Kummissjoni għandha tiffinanzja:	***imħassar***
(a) l-iżvilupp ta' standards għan-newtralizzaturi tal-lanċjaturi;	
(b) l-għoti ta' vawċers li jappoġġaw il-parteċipazzjoni tal-operaturi spazjali fi programmi tat-taħriġ maħsuba biex jikkumpensaw parti mill-kostijiet imġarrba bl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 96(2).	

Or. en

Emenda 3347
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tiffinanzja:	3. Il-Kummissjoni għandha tiffinanzja***, fost l-oħrajn***:

Or. en

Emenda 3348
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, Michał Szczerba, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-iżvilupp ta' standards għan-newtralizzaturi ***tal-lanċjaturi***;	(a) l-iżvilupp ta' standards għan-newtralizzaturi ***tal-vetturi tal-illanċjar***;

Or. en

Emenda 3349

Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-għoti ta' vawċers li jappoġġaw il-parteċipazzjoni tal-operaturi spazjali fi programmi tat-taħriġ maħsuba biex jikkumpensaw parti mill-kostijiet imġarrba bl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 96(2).	***imħassar***

Or. fr

Emenda 3350
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 3– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-għoti ta' vawċers li jappoġġaw il-parteċipazzjoni tal-operaturi spazjali fi programmi tat-taħriġ maħsuba biex jikkumpensaw parti mill-kostijiet imġarrba bl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 96(2).	***imħassar***

Or. en

Emenda 3351
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***l-għoti*** ta' vawċers li jappoġġaw ***il-parteċipazzjoni tal-operaturi*** spazjali ***fi programmi tat-taħriġ maħsuba biex jikkumpensaw parti mill-kostijiet***	(b) ***skemi*** ta' vawċers li jappoġġaw lill-operaturi spazjali ***biex jikkonformaw mar-rekwiżiti*** stipulati ***f'dan ir-Regolament***. ***Tali skemi ta' vawċers se jintużaw biex***

imġarrba bl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stipulati ***fl-Artikolu 96(2)***.	***jappoġġaw il-kostijiet imġarrba direttament mill-operaturi spazjali għall-konformità ma' dan ir-Regolament, inklużi: (i) tariffi relatati mal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni tal-EUSA; (ii) kostijiet imġarrba għall-valutazzjonijiet imwettqa minn korpi tekniċi kwalifikati; (iii) kostijiet tal-attivitajiet obbligatorji ta' ttestjar, ta' verifika u ta' validazzjoni; (iv) kostijiet relatati mat-tħejjija, mas-sottomissjoni u mal-aġġornament tad-dokumentazzjoni teknika u ta' konformità.***

Or. en

Emenda 3352
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 3 – punt b
Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***l-għoti ta' vawċers li jappoġġaw il-parteċipazzjoni tal-operaturi spazjali fi*** programmi tat-taħriġ maħsuba biex jikkumpensaw parti mill-kostijiet imġarrba bl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 96(2).	(b) programmi tat-taħriġ ***għall-operaturi spazjali*** maħsuba biex jikkumpensaw il-kostijiet imġarrba bl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 96(2).

Or. en

Emenda 3353
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, Michał Szczerba, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***l-għoti ta' vawċers li jappoġġaw il-parteċipazzjoni tal-operaturi spazjali fi*** programmi tat-taħriġ maħsuba biex jikkumpensaw ***parti mill-kostijiet*** imġarrba bl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 96(2).	(b) programmi tat-taħriġ ***u tal-implimentazzjoni għall-operaturi spazjali*** maħsuba biex jikkumpensaw ***il-kostijiet*** imġarrba bl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 96(2).

Or. en

Emenda 3354
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-għoti ta' vawċers li jappoġġaw ***il-parteċipazzjoni tal-operaturi*** spazjali ***fi programmi tat-taħriġ maħsuba biex*** jikkumpensaw parti mill-kostijiet imġarrba bl-implimentazzjoni ***tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 96(2)***.	(b) l-għoti ta' vawċers li jappoġġaw ***lill-operaturi*** spazjali ***biex jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u*** jikkumpensaw parti mill-kostijiet imġarrba bl-implimentazzjoni ***tagħhom***.

Or. en

Emenda 3355
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament għandha tkun eliġibbli għal appoġġ finanzjarju ddedikat skont l-istrumenti ta' finanzjament rilevanti tal-Unjoni, inkluż il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, f'konformità mal-bażijiet legali u l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà rispettivi tagħhom.

Or. en

Emenda 3356
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 3a (ġdid)
Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi appoġġ immirat lill-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja tal-Unjoni, lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u lill-istituzzjonijiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni li jwettqu attivitajiet fl-ispazju.

Or. en

Emenda 3357
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-aċċess għall-ittestjar tal-penetrazzjoni mmexxi mit-theddid imsemmi fl-Artikolu 88(3), l-ewwel subparagrafu, billi timmeppja d-disponibbiltà ta' dawk is-servizzi tal-ittestjar fl-Unjoni u tiżviluppa kuntratti qafas li jiżguraw aċċess malajr u affordabbli, b'mod partikolari għall-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3358
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-aċċess għall-ittestjar tal-penetrazzjoni mmexxi mit-theddid imsemmi fl-Artikolu 88(3), l-ewwel subparagrafu, billi timmeppja d-disponibbiltà ta' dawk is-servizzi tal-ittestjar fl-Unjoni u tiżviluppa kuntratti qafas li jiżguraw aċċess malajr u affordabbli, b'mod partikolari għall-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3359
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, Michał Szczerba, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-aċċess għall-ittestjar tal-penetrazzjoni mmexxi mit-theddid imsemmi fl-Artikolu 88(3), l-ewwel subparagrafu, billi timmeppja d-disponibbiltà ta' dawk is-servizzi tal-ittestjar fl-Unjoni u tiżviluppa kuntratti qafas li jiżguraw aċċess malajr u affordabbli, b'mod partikolari għall-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3360
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 4
Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-aċċess ***għall-ittestjar tal-penetrazzjoni mmexxi mit-theddid imsemmi fl-Artikolu 88(3), l-ewwel subparagrafu***, billi timmeppja d-disponibbiltà ta' dawk is-servizzi ***tal-ittestjar*** fl-Unjoni u tiżviluppa kuntratti qafas li jiżguraw aċċess malajr u affordabbli, b'mod partikolari għall-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.	4. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-aċċess ***għas-servizzi tal-ittestjar meħtieġa għall-ilħuq tal-għanijiet ta' dan ir-Regolament***, billi timmeppja d-disponibbiltà ta' dawk is-servizzi fl-Unjoni u tiżviluppa kuntratti qafas li jiżguraw aċċess malajr u affordabbli, b'mod partikolari għall-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.

Or. en

Emenda 3361
Giorgio Gori, Jens Geier, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 109 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi ambjenti ta'esperimentazzjoni jew reġimi pilota regolatorji biex tiffaċilita l-ittestjar tad-Dimostrazzjoni ġol-Orbita (IOD), Validazzjoni ġol-Orbita (IOV), Servizzjar ġol-Orbita (IOS) u l-attivitajiet tal-Esplorazzjoni Spazjali f'kundizzjonijiet ikkontrollati. Tali ambjenti ta'esperimentazzjoni għandhom jippermettu lill-operaturi jidderogaw temporanjament minn ċerti rekwiżiti tekniċi, dment li jkunu stabbiliti salvagwardji ekwivalenti tas-sikurezza u tal-ambjent.

Id-durata u l-ambitu ta' kull ambjent ta' esperimentazzjoni għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar, u l-parteċipazzjoni għandha tkun soġġetta għal sorveljanza mill-awtorità kompetenti u mill-Kummissjoni. Is-sejbiet mill-proġetti ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni se jiġu evalwati u, jekk jirnexxu, jistgħu jwasslu għal adattamenti tal-qafas regolatorju biex jakkomodaw it-teknoloġija l-ġdida.

Or. en

Emenda 3362
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 110 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Aġenzija,*** għandha tistabbilixxi u tmexxi Portal tal-Informazzjoni li jappoġġa dan ir-Regolament ("Portal tal-Informazzjoni").	1. ***L-Aġenzija*** għandha tistabbilixxi u tmexxi Portal tal-Informazzjoni li jappoġġa dan ir-Regolament ("Portal tal-Informazzjoni").

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Portal tal-Informazzjoni huwa ġestit mill-Aġenzija, mhux mill-Kummissjoni. L-Aġenzija hija l-awtorità operazzjonali primarja u l-interfaċċa primarja għall-operaturi; hija l-korp naturali li jimmaniġġja l-punt uniku ta' informazzjoni dwar ir-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni, l-istandards tekniċi u l-appoġġ għall-konformità.

Emenda 3363
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 110 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Aġenzija,*** għandha tistabbilixxi u tmexxi	1. ***L-Aġenzija*** għandha tistabbilixxi u tmexxi Portal tal-Informazzjoni li jappoġġa

Portal tal-Informazzjoni li jappoġġa dan ir-Regolament (“Portal tal-Informazzjoni”).	dan ir-Regolament (“Portal tal-Informazzjoni”).

Or. en

Emenda 3364
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 110 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jipprovdi listi tal-kontroll tal-konformità biex jiffaċilita l-aderenza volontarja mal-Iskemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni stabbiliti skont l-Artikolu 111(4), l-ewwel subparagrafu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 3365
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 110 – paragrafu 2– punt b
Proposta għal regolament
Artikolu 110 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jipprovdi listi tal-kontroll tal-konformità biex jiffaċilita l-aderenza volontarja mal-Iskemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni stabbiliti skont l-Artikolu 111(4), l-ewwel subparagrafu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 3366

Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 110 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jipprovdi listi tal-kontroll tal-konformità biex jiffaċilita l-aderenza volontarja mal-Iskemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni stabbiliti skont l-Artikolu 111(4), l-ewwel subparagrafu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 3367
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 110 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jappoġġa intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, intrapriżi b'kapitalizzazzjoni medja u istituzzjonijiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni fil-proċess tal-awtorizzazzjoni;

Or. en

Emenda 3368
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 110 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jipprovdi informazzjoni lil membri tal-pubbliku interessati fil-lingwi uffiċjali

kollha tal-Unjoni Ewropea dwar dan ir-Regolament, il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tiegħu u l-organizzazzjoni ta' kampanji ta' informazzjoni relatati ma' dawn l-attivitajiet;

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Meta jitqies li jeżistu termini tekniċi speċifiċi, kwalunkwe persuna interessata f'attivitajiet relatati mal-ispazju għandha tkun tista' taċċessa l-informazzjoni fil-lingwa tal-għażla tagħha.

Emenda 3369
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 110 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)
Proposta għal regolament
Artikolu 110 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jappoġġa kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, intraprizi żgħar u ta' daqs medju, u istituzzjonijiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni fil-proċess tal-awtorizzazzjoni.

Or. en

Emenda 3370
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 110 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jappoġġa l-attivitajiet tal-Helpdesk ta' Appoġġ.

Or. en

Emenda 3371
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 110 – paragrafu 2 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jippubblika informazzjoni essenzjali dwar il-funzjonament u t-tul tal-ħajja tas-sistemi kollha mnedija mill-operaturi spazjali u l-metodu ta' disponiment ladarba l-attività tiġi fi tmiemha, mingħajr preġudizzju għal faċilitajiet simili oħra u mingħajr ebda impatt fuq l-ambjent;

Or. ro

Ġustifikazzjoni

It-trasparenza hija meħtieġa wkoll fi kwistjonijiet relatati mal-ispazju, u għalhekk huwa utli li tiġi ppubblikata informazzjoni preċiża li trid tkun faċli biex tiġi aċċessata.

Emenda 3372
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 110 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-interoperabbiltà ta' dawk il-portali helpdesk mal-Portal tal-Informazzjoni.	***L-Aġenzija, bl-appoġġ tal-Kummissjoni*** għandha tiżgura l-interoperabbiltà ta' dawk il-portali helpdesk mal-Portal tal-Informazzjoni.

Or. en

Emenda 3373
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 110 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-interoperabbiltà ta' dawk il-portali helpdesk mal-Portal tal-Informazzjoni.	***L-Aġenzija*** għandha tiżgura l-interoperabbiltà ta' dawk il-portali helpdesk mal-Portal tal-Informazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Konsegwenzjali: l-Aġenzija tiżgura l-interoperabbiltà bejn il-portali nazzjonali tal-helpdesk u l-Portal tal-Informazzjoni, b'mod konsistenti mar-rwol tagħha bħala maniġer tal-Portal tal-Informazzjoni.

Emenda 3374
Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 110a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 110a
	Kompetenza reġjonali u appoġġ għall-innovazzjoni
	L-Unjoni għandha tappoġġa ċentri ta' kompetenza u innovazzjoni reġjonali marbuta ma' attivitajiet fl-ispazju f'oqsma fejn tiġi stabbilita infrastruttura spazjali strateġikament sinifikanti. Għandu jiġi pprovdut appoġġ immirat lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni, liċ-ċentri tar-riċerka, u lill-intrapriżi innovattivi żgħar u ta' daqs medju f'reġjuni fejn il-kapaċità tal-illanċjar u r-riċerka spazjali joperaw f'interazzjoni mill-qrib. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-Fond Ewropew għall-Kompetittività jinkludu azzjonijiet iddedikati li jappoġġaw l-ekosistemi tal-innovazzjoni relatati mal-ispazju, inklużi attivitajiet relatati mal-operazzjonijiet spazjali tal-Artiku u sub-Artiku, l-ambjent spazjali, is-sigurtà u l-infrastruttura tat-

testijiet.

Or. en

Emenda 3375
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Titolu VI – Kapitolu II

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Or. en

Emenda 3376
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Titolu VI – Kapitolu II
Proposta għal regolament
Titolu VI – Kapitolu II

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
II […]	***imħassar***

Or. en

Emenda 3377
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Titolu VI – Kapitolu II

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Emenda 3378
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 111
Proposta għal regolament
Artikolu 111

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 111	***imħassar***
Skemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni	
1.	
Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa Qafas tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni biex tippromwovi aderenza volontarja aħjar ma' standards għoljin tal-protezzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju.	
Il-Qafas tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni għandu jkun fih Skemi tat-Tikkettar tal-Unjoni kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 3.	
2. Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni għandha tistabbilixxi r-rekwiżiti dettaljati biex:	
(a) tillimita r-riskji assoċjati mar-residwi spazjali;	
(b) ittejjeb is-sikurezza u s-sostenibbiltà tal-oġġetti spazjali ġol-orbita, is-sikurezza tal-inġenji tal-ajru waqt it-titjir, jew is-sikurezza tal-persuni u tal-proprjetà fl-art meta jwettqu attivitajiet fl-ispazju;	
(c) tnaqqas it-tniġġis tad-dawl tal-inġenji spazjali;	
(d) tnaqqas it-tniġġis bir-radju tal-inġenji spazjali;	
(e) tissalvagwardja r-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali, b'mod partikolari fir-rigward tal-assi kritiċi u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista;	

(f) tippermetti operazzjonijiet u servizzi fl-ispazju;

(g) tikkontribwixxi biex jonqos l-impatti ambjentali tat-twettiq tal-attivitajiet fl-ispazju.

3.

Wara talba mingħand il-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tħejji skema kandidata, jew tipproponi aġġornament ta' Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni eżistenti.

Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni tista' tispeċifika wieħed jew aktar mil-livelli ta' protezzjoni li ġejjin għall-missjonijiet, is-servizzi jew il-prodotti spazjali speċifiċi li din tkopri: "bażika", "sostanzjali", jew "għolja".

F'każ bħal dan, din għandha tiżgura li l-livell ta' protezzjoni speċifikat ikun proporzjonat mal-livell ta' protezzjoni assoċjat mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Iskema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni rispettiva.

4.

Il-Kummissjoni għandha tadotta permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:

(a) mudell għall-elementi tal-Iskema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni, inkluż id-durata tagħhom;

(b) Skemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni bbażati fuq l-iskema kandidata jew fuq aġġornamenti ta' Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni eżistenti.

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 114(2).

5. L-Aġenzija għandha żżomm sit web dedikat li jipprovdi informazzjoni aġġornata dwar, u li tippublika, l-Iskemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni u t-Tikketti Spazjali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 3379
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 111 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa ***Qafas tat-Tikketta*** Spazjali tal-Unjoni biex tippromwovi aderenza volontarja aħjar ma' standards għoljin tal-protezzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju.	Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa ***Tikketta*** Spazjali tal-Unjoni biex tippromwovi aderenza volontarja aħjar ma' standards għoljin tal-protezzjoni ***u tas-sostenibbiltà*** tal-attivitajiet fl-ispazju.

Or. en

Emenda 3380
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 111 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa Qafas tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni biex tippromwovi aderenza ***volontarja*** aħjar ma' standards għoljin tal-protezzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju.	Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa Qafas tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni biex tippromwovi aderenza aħjar ma' standards għoljin tal-protezzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju.

Or. fr

Emenda 3381
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 111 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Qafas tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni għandu jkun fih Skemi tat-Tikkettar tal-Unjoni kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 3.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3382
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 111 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tillimita r-riskji assoċjati mar-residwi spazjali;	(a) tillimita r-riskji assoċjati mar-residwi spazjali***, b'enfasi fuq li dawn jitnaqqsu u, fuq kollox, jintremew, jew billi jintbagħtu f'orbita ċimiterju, għal żmien limitat, jew permezz ta' disponiment assistit***;

Or. ro

Ġustifikazzjoni

L-iżvilupp tas-settur spazjali u l-illanċjar ta' għadd dejjem jikber ta' satelliti u oġġetti spazjali jitlob miżuri effettivi għad-disponiment tar-residwi u l-oġġetti spazjali inkwistjoni fl-aħħar tat-tul tal-ħajja operazzjonali tagħhom.

Emenda 3383
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 111 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni ***tista' tispeċifika wieħed jew aktar mil-livelli ta' protezzjoni li ġejjin għall-missjonijiet, is-servizzi jew il-prodotti spazjali speċifiċi li din tkopri: "bażika", "sostanzjali", jew "għolja"***.	Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni ***speċifikata għal kull kriterju elenkat fil-paragrafu 2 jekk l-operatur ċertifikat "iħares ir-rekwiżiti minimi", "jagħmel sforzi ta' titjib" jew "huwa minn ta' quddiem f'dan il-kriterju"***.

Or. fr

Emenda 3384
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 111 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ bħal dan, din għandha tiżgura li l-livell ta' protezzjoni speċifikat ikun proporzjonat mal-livell ta' protezzjoni assoċjat mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Iskema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni rispettiva.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 3385
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 111 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Is-sistema tat-tikketta spazjali tal-Unjoni għandha l-għan ukoll li tħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-atturi pubbliċi jew tal-governanza pubblika, inklużi l-entitajiet pubbliċi u semipubbliċi, biex isaħħu l-viżibbiltà tagħhom u l-kredibbiltà tagħhom fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament. Għal dan l-għan, il-kisba tat-tikketta tista' titqies fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku u fl-allokazzjoni ta' finanzjament tal-Unjoni, sabiex l-appoġġ jiġi orjentat primarjament lejn l-operaturi pubbliċi li jħarsu l-istandards għoljin f'termini ta' sigurtà, sostenibbiltà u interess ġenerali.

Or. fr

Emenda 3386
Marina Mesure

Proposta għal regolament

Artikolu 111 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) deskrizzjoni bbażata fuq il-kriterji tekniċi u li tuża bażi metrika għat-tliet livelli deskritti fil-paragrafu 3.

Or. fr

Emenda 3387
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 111 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 114(2).	Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 114(2) ***bil-għan li tiġi żgurata konsultazzjoni adegwata mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, u jitqiesu l-linji gwida, l-aħjar prattiki u l-istandards internazzjonali eżistenti***.

Or. en

Emenda 3388
András Gyürk, Jorge Martín Frías, András László, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 112
Proposta għal regolament
Artikolu 112

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 112	***imħassar***
Għoti u użu ta' Tikketta Spazjali tal-Unjoni	
1.	
Meta operatur spazjali qed jaħdem biex	

jikseb Tikketta Spazjali tal-Unjoni, dak l-operatur spazjali għandu jissottometti applikazzjoni għat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni lill-Aġenzija, u magħha jehmeż fajl tekniku dettaljat li juri li ġew issodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fl-Iskema/i tat-Tikkettar tal-Unjoni li għalihom qed tintalab it-Tikketta Spazjali tal-Unjoni.

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Kummissjoni minnufih bl-applikazzjoni.

2. L-Aġenzija għandha tipprovdi opinjoni dettaljata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-konformità tal-applikazzjoni mar-rekwiżiti tal-Iskema/i tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni rilevanti.

3. Abbażi tal-valutazzjoni tal-Aġenzija, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, dwar l-applikazzjonijiet.

4. L-Aġenzija għandha toħroġ Tikketti Spazjali tal-Unjoni lill-operaturi spazjali li l-applikazzjonijiet tagħhom ikunu ġew approvati mill-Kummissjoni, f'konformità mal-paragrafu 3, għal durata ta' Tikketta Spazjali li trid tiġi speċifikata fl-Iskema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni korrispondenti.

5. L-Aġenzija għandha tivverifika b'mod regolari b'inizjattiva tagħha stess, jew wara lment, il-konformità ta' detentur ta' Tikketta Spazjali tal-Unjoni mar-rekwiżiti tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni rispettiva. Meta l-Aġenzija tistabbilixxi li d-detentur ta' Tikketta Spazjali tal-Unjoni ma jkunx jissodisfa r-rekwiżiti, din għandha tirrevoka t-Tikketta Spazjali tal-Unjoni. Qabel ma tirrevokaha, l-Aġenzija għandha tippermetti lid-detentur tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni jissottometti dikjarazzjoni motivata.

6. Id-detentur ta' Tikketta Spazjali tal-Unjoni għandu jinforma lill-Aġenzija dwar kull irregolarità skoperta sussegwentement fir-rigward tal-missjoni, is-servizz jew il-prodott spazjali tikkettati, li tista' tħalli impatt fuq il-konformità

tiegħu mar-rekwiżiti tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni rispettiva.

7. Kwalunkwe reklamar jew użu falz jew qarrieqi ta' Tikketta Spazjali tal-Unjoni jew ta' logo li jwassal għal konfużjoni ma' Tikketta Spazjali tal-Unjoni għandu jkun ipprojbit.

Or. en

Emenda 3389
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 112 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-akkwist ta' assi u servizzi tal-Unjoni għandu dejjem jirrikjedi Tikketta Spazjali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 3390
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Pascale Piera, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín, Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay, Marion Maréchal

Proposta għal regolament
Artikolu 112 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-operaturi spazjali li għandhom it-Tikketta Spazjali tal-Unjoni għandhom jibbenefikaw, meta xieraq, minn:
	(a) aċċess preferenzjali għall-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni;
	(b) kundizzjonijiet favorevoli fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku;
	(c) rikonoxximent fl-iskemi ta' preferenza Ewropej.

Or. en

Emenda 3391
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 112 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti fl-Unjoni għandhom, meta jistabbilixxu kriterji għall-proċeduri tal-akkwist pubbliku, jużaw it-Tikketta Spazjali stabbilita f'dan l-Artikolu bħala kriterju ta' għoti.

Or. en

Emenda 3392
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 112 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, kif ukoll l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti fl-Unjoni, għandhom, għal kuntratti li jinvolvu servizzi spazjali, data bbażata fuq l-ispazju jew infrastruttura spazjali, jużaw it-Tikketta Spazjali tal-Unjoni stabbilita skont dan l-Artikolu bħala kriterju tal-għoti, sakemm ma jkunx debitament ġustifikat mis-suġġett speċifiku tal-kuntratt.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku għandhom isaħħu l-qafas ta' aċċess għas-suq tar-Regolament: l-awtoritajiet kontraenti li jakkwistaw servizzi spazjali għandhom jagħtu

preferenza lill-operaturi li jkollhom awtorizzazzjonijiet validi tal-EUSA jew reġistrazzjonijiet tal-URSO. Dan joħloq sinjal pożittiv tas-suq — il-konformità tal-EUSA tiftaħ il-bieb għall-kuntratti pubbliċi — u jiżgura li l-fondi pubbliċi ma jispiċċawx għand operaturi mhux konformi.

Emenda 3393
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.	1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu. ***Dawn l-atti delegati jridu jkunu bbażati, f'kull każ, fuq l-analiżi teknika diġà eżistenti f'kollaborazzjoni mal-esperti tekniċi diġà attivi fl-Ewropa.***

Or. fr

Emenda 3394
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rekwiżiti u l-istandards spazjali rikonoxxuti b'mod ġenerali u, għalhekk, tiżviluppa u tadotta biss atti delegati u ta' implimentazzjoni meta ma jkunux jeżistu r-rekwiżiti jew l-istandards meħtieġa;

Or. en

Emenda 3395

Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni għandha tadotta biss atti delegati jekk ma jkunux jeżistu rekwiżiti jew standards spazjali rikonoxxuti b'mod ġenerali.

Or. en

Emenda 3396
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija ***fl-Artikolu 41(3), l-Artikolu 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 70(4), l-Artikolu 78(3), l-Artikolu 79(4), l-Artikolu 82(4), l-Artikolu 83(5), l-Artikolu 84(5), l-Artikolu 85(4), l-Artikolu 86(4), l-Artikolu 92(4), l-Artikolu 93(7), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 109(2), it-tieni subparagrafu*** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu taż-żmien indefinit ***mill-1 ta' Jannar 2027***.	2. Is-setgħa biex jiġu adottati l-atti ddelegati msemmija ***f'dan ir-Regolament*** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu taż-żmien indefinit ***mid-dħul fis-seħħ tiegħu***.

Or. en

Emenda 3397
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Pascale Piera, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín, Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay, Marion Maréchal

Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 41(3), l-Artikolu 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 70(4), l-Artikolu 78(3), l-Artikolu 79(4), l-Artikolu 82(4), l-Artikolu 83(5), l-Artikolu 84(5), l-Artikolu 85(4), l-Artikolu 86(4), l-Artikolu 92(4), l-Artikolu 93(7), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 109(2), it-tieni subparagrafu għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu taż-żmien indefinit mill-1 ta' Jannar 2027.	2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 41(3), l-Artikolu 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 70(4), l-Artikolu 78(3), l-Artikolu 79(4), l-Artikolu 82(4), l-Artikolu 83(5), l-Artikolu 84(5), l-Artikolu 85(4), l-Artikolu 86(4), l-Artikolu 92(4), l-Artikolu 93(7), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 109(2), it-tieni subparagrafu għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu taż-żmien indefinit mill-1 ta' Jannar 2027. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta biss atti delegati meta ma jkunux jeżistu rekwiżiti, metodi jew standards spazjali rikonoxxuti b'mod ġenerali. Fejn jeżistu tali rekwiżiti, metodi jew standards, dawn għandhom jintużaw bħala l-mezz primarju biex tintwera l-konformità.***

Or. en

Emenda 3398
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 41(3), l-Artikolu 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 70(4)***, l-Artikolu 78(3), l-Artikolu 79(4), l-Artikolu 82(4), l-Artikolu 83(5), l-Artikolu 84(5), l-Artikolu 85(4), l-Artikolu 86(4), l-Artikolu 92(4), l-Artikolu 93(7), it-tieni subparagrafu,*** l-Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu***, u l-Artikolu 109(2), it-tieni subparagrafu*** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu taż-żmien indefinit ***mill-1 ta' Jannar 2027***.	2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 41(3), l-Artikolu 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 70(4) ***u*** l-Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu taż-żmien indefinit ***mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 3399
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 2
Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 41(3), l-Artikolu 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 70(4)***, l-Artikolu 78(3), l-Artikolu 79(4), l-Artikolu 82(4), l-Artikolu 83(5), l-Artikolu 84(5), l-Artikolu 85(4), l-Artikolu 86(4), l-Artikolu 92(4), l-Artikolu 93(7), it-tieni subparagrafu***, l-Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 109(2), it-tieni subparagrafu għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu taż-żmien indefinit ***mill-1 ta' Jannar 2027***.	2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 41(3), l-Artikolu 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 70(4), l-Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 109(2), it-tieni subparagrafu għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu taż-żmien indefinit ***mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 3400
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu ***41(3), l-Artikolu*** 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu ***70(4), l-Artikolu 78(3)***, l-Artikolu ***79(4)***, l-Artikolu ***82(4)***, l-Artikolu ***83(5), l-Artikolu 84(5), l-Artikolu 85(4), l-Artikolu 86(4), l-Artikolu 92(4), l-Artikolu 93(7)***, it-tieni subparagrafu, l-	2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu ***59(3a)***, l-Artikolu ***61(3a)***, l-Artikolu ***61a(4)***, l-Artikolu ***70(3a)***,it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 109(2), it-tieni subparagrafu għandha tingħata lill-

Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 109(2), it-tieni subparagrafu għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu taż-żmien indefinit ***mill-1 ta' Jannar 2027.***

Kummissjoni għal perjodu taż-żmien indefinit ***minn … [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]***.

Or. en

Emenda 3401
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-atti delegati jridu jikkonformaw mar-rekwiżiti eżistenti f'dan il-qasam u jiżguraw konsistenza mal-qafas regolatorju attwali dwar l-istandardizzazzjoni.

Or. en

Emenda 3402
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għal kull att delegat imsemmi fil-paragrafu 2, l-Aġenzija, wara li twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi, għandha tissottometti lill-Kummissjoni opinjonijiet tekniċi formali sal-1 ta' ***Lulju*** 2028. Għall-materji koperti mit-Titolu IV, il-Kapitolu II, l-Aġenzija għandha tikkonsulta lill-ENISA.	3. Għal kull att delegat imsemmi fil-paragrafu 2, l-Aġenzija, wara li twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi***, li jinvolvu l-partijiet ikkonċernati rilevanti, speċjalment l-industrija, u filwaqt li tqis l-istandards eżistenti jew l-istandards li qed jiġu żviluppati,*** għandha tissottometti lill-Kummissjoni opinjonijiet tekniċi formali sal-1 ta' ***Jannar*** 2028. Għall-materji koperti mit-Titolu IV, il-Kapitolu II, l-Aġenzija għandha tikkonsulta lill-ENISA. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati msemmija f'dan ir-Regolament***

mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2029 u fi żmien xieraq biex tippermetti lill-fornituri tas-servizzi spazjali jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'tali atti delegati.

Or. en

Emenda 3403
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għal kull att delegat imsemmi fil-paragrafu ***2***, l-Aġenzija, wara li twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi, għandha tissottometti lill-Kummissjoni ***opinjonijiet*** tekniċi formali ***sal-1 ta' Lulju 2028***. ***Għall-materji koperti mit-Titolu IV, il-Kapitolu II, l-Aġenzija*** għandha ***tikkonsulta lill-ENISA.***	3. Għal kull att delegat imsemmi fil-paragrafu ***3***, l-Aġenzija, wara li twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi ***b'mod partikolari mal-korpi ta' standardizzazzjoni rilevanti u mar-rappreżentanti tal-industrija u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali***, għandha tissottometti lill-Kummissjoni ***valutazzjonijiet*** tekniċi formali ***fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***. ***Fit-tħejjija ta' kull att delegat, il-Kummissjoni*** għandha ***tivvaluta u tqis ir-rekwiżiti spazjali diġà eżistenti u rikonoxxuti b'mod ġenerali jew l-istandards eżistenti u tivvaluta jekk huwiex meħtieġ kwalunkwe att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi standards ġodda;***

Or. en

Emenda 3404
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament

Artikolu 113 – paragrafu 3
Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għal kull att delegat imsemmi fil-paragrafu 2, l-Aġenzija, wara li twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi, għandha tissottometti lill-Kummissjoni ***opinjonijiet*** tekniċi formali ***sal-1 ta' Lulju 2028***. ***Għall-materji koperti mit-Titolu IV, il-Kapitolu II, l-Aġenzija*** għandha ***tikkonsulta lill-ENISA***.	3. Għal kull att delegat imsemmi fil-paragrafu 2, l-Aġenzija, wara li twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi ***b'mod partikolari mal-korpi ta' standardizzazzjoni tal-industrija u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali***, għandha tissottometti lill-Kummissjoni ***valutazzjonijiet*** tekniċi formali ***fi żmien 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***. ***Meta tħejji kull att delegat, il-Kummissjoni*** għandha ***tqis ir-rekwiżiti jew l-istandards tal-industrija diġà rikonoxxuti u tivvaluta jekk huwiex meħtieġ xi att delegat li jistabbilixxi standards ġodda***.

Or. en

Emenda 3405
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Pascale Piera, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín, Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay, Marion Maréchal

Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għal kull att delegat imsemmi fil-paragrafu 2, l-Aġenzija, wara li twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi, għandha tissottometti lill-Kummissjoni opinjonijiet tekniċi formali sal-1 ta' Lulju 2028. Għall-materji koperti mit-Titolu IV, il-Kapitolu II, l-Aġenzija għandha tikkonsulta lill-ENISA.	3. Għal kull att delegat imsemmi fil-paragrafu 2, l-Aġenzija, wara li twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi, għandha tissottometti lill-Kummissjoni opinjonijiet tekniċi formali sal-1 ta' Lulju 2028. Għall-materji koperti mit-Titolu IV, il-Kapitolu II, l-Aġenzija għandha tikkonsulta lill-ENISA. ***Meta tħejji atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkoopera mill-qrib mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA), li għandha tipprovdi għarfien espert u appoġġ tekniku, f'konformità mal-ftehim internazzjonali msemmi fl-***

Artikolu 108.

Or. en

Emenda 3406
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-delega tas-setgħa ***msemmija fl-Artikolu 41(3), l-Artikolu 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 70(4), l-Artikolu 78(3), l-Artikolu 79(4), l-Artikolu 82(4), l-Artikolu 83(5), l-Artikolu 84(5), l-Artikolu 85(4), l-Artikolu 86(4), l-Artikolu 92(4), l-Artikolu 93(7), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 109(2), it-tieni subparagrafu,*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.	***Meta ssir referenza għad-delega*** tas-setgħa***, din*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Or. en

Emenda 3407
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 4 – subparagrafu 1
Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 41(3), l-Artikolu 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 70(4)***, l-Artikolu 78(3), l-Artikolu 79(4), l-Artikolu 82(4), l-Artikolu 83(5), l-Artikolu 84(5), l-Artikolu 85(4), l-Artikolu 86(4), l-Artikolu 92(4), l-Artikolu 93(7), it-tieni***	Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 41(3), l-Artikolu 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 70(4), l-Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 109(2), it-tieni subparagrafu, tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

subparagrafu, l-Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 109(2), it-tieni subparagrafu, tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Or. en

Emenda 3408
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu ***41(3), l-Artikolu*** 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu ***70(4)***, l-Artikolu ***78(3)***, l-Artikolu ***79(4)***, l-Artikolu ***82(4), l-Artikolu 83(5), l-Artikolu 84(5), l-Artikolu 85(4), l-Artikolu 86(4), l-Artikolu 92(4), l-Artikolu 93(7)***, it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 109(2), it-tieni subparagrafu, tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.	Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu ***59(3a)***, l-Artikolu ***61(3a)***, l-Artikolu ***61a(4)***, l-Artikolu ***70(3a)***, it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 109(2), it-tieni subparagrafu, tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Or. en

Emenda 3409
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Qabel ma tadotta*** att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti ***nnominati*** minn kull Stat Membru ***skont il-prinċipji stipulati*** fil-Ftehim	5. ***Meta tabbozza kwalunkwe*** att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti ***mill-industrija, mill-istituzzjonijiet tar-riċerka u mill-***

Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.	***awtoritajiet nazzjonali ddeżinjati*** minn kull Stat Membru ***f'konformità mal-prinċipji stabbiliti*** fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. ***Il-Kummissjoni għandha tqis l-opinjonijiet tal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni rikonoxxuti u l-kontributi tal-partijiet ikkonċernati rilevanti previsti fl-involviment imsemmi f'dan il-paragrafu meta tħejji l-att delegat. Jekk tiddevja b'mod sinifikanti mill-opinjoni ta' organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni rikonoxxuta, hija għandha tipprovdi raġunijiet.***

Or. en

Emenda 3410
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 5
Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Qabel ma tadotta*** att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ***esperti nnominati*** minn kull Stat Membru ***skont il-prinċipji stipulati*** fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.	5. ***Meta tabbozza*** att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ***mal-industrija, mal-istituzzjonijiet tar-riċerka u mal-korpi nazzjonali ddeżinjati*** minn kull Stat Membru ***f'konformità mal-prinċipji stabbiliti*** fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Or. en

Emenda 3411
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Att delegat adottat skont ***l-Artikolu 41(3), l-Artikolu 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 70(4), l-Artikolu 78(3), l-Artikolu 79(4), l-Artikolu 82(4), l-Artikolu 83(5), l-Artikolu 84(5), l-Artikolu 85(4), l-Artikolu 86(4), l-Artikolu 92(4), l-Artikolu 93(7), it-tieni subparagrafu, Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 109(2), it-tieni subparagrafu***, għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jgħaddi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn wara inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.	7. Att delegat adottat skont ***dan ir-Regolament***, għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jgħaddi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn wara inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 3412
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 7
Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Att delegat adottat skont l-Artikolu 41(3), l-Artikolu 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 70(4), l-Artikolu ***78(3), l-Artikolu 79(4), l-Artikolu 82(4), l-Artikolu 83(5), l-Artikolu 84(5), l-Artikolu 85(4), l-Artikolu 86(4), l-Artikolu***	7. Att delegat adottat skont l-Artikolu 41(3), l-Artikolu 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 70(4) u l-Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu, għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-

92(4), l-Artikolu 93(7), it-tieni subparagrafu, Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu ***u l-Artikolu 109(2), it-tieni subparagrafu***, għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jgħaddi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn wara inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jgħaddi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn wara inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 3413
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Att delegat adottat skont l-Artikolu ***41(3), l-Artikolu*** 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu ***70(4)***, l-Artikolu ***78(3)***, l-Artikolu ***79(4)***, l-Artikolu ***82(4), l-Artikolu 83(5), l-Artikolu 84(5), l-Artikolu 85(4), l-Artikolu 86(4), l-Artikolu 92(4), l-Artikolu 93(7)***, it-tieni subparagrafu, Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 109(2), it-tieni subparagrafu, għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jgħaddi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn wara inizjattiva tal-	7. Att delegat adottat skont l-Artikolu 44(3), l-Artikolu 56(9), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu ***59(3a)***, l-Artikolu ***61(3a)***, l-Artikolu ***61a(4)***, l-Artikolu ***70(3a)***, it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 101(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 109(2), it-tieni subparagrafu, għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jgħaddi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn wara inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 3414
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 7a (ġdid)
Proposta għal regolament
Artikolu 113 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-eżerċizzju tad-delega ma għandu jimmodifika ebda aspett essenzjali ta' dan ir-Regolament, u lanqas ma għandu jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

Or. en

Emenda 3415
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 114 – paragrafu 5a (ġdid)
Proposta għal regolament
Artikolu 114 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-Kumitat imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu, minbarra r-rwol tiegħu bħala kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, jipprovdi pariri u rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-istandards u l-metodi eżistenti relatati mal-attivitajiet fl-ispazju u r-rekwiżiti spazjali li għandhom jitqiesu qabel ma jipproponi atti ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, il-Kumitat

għandu jwettaq konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa u għandu jiżgura li jkun involut l-għarfien espert rilevanti tal-industrija. Il-Kumitat għandu jibbaża fuq l-għarfien espert tekniku xieraq tal-industrija u għandu jqis dak il-kontribut, flimkien mar-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika, qabel ma jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 3416
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 114 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Meta tħejji l-atti ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tqis l-istandards eżistenti jew l-istandards li qed jiġu żviluppati.

Or. en

Emenda 3417
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 114 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti ta' implimentazzjoni msemmija f'dan ir-Regolament mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2029 u fi żmien xieraq biex tippermetti lill-fornituri tas-servizzi spazjali jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'tali atti ta' implimentazzjoni.

Or. en

Emenda 3418
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 115 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali riċevuta, skambjata jew trażmessa skont dan ir-Regolament, minn kwalunkwe persuna, korp, jew awtorità msemmija fil-paragrafu 2, għandha tkun soġġetta għall-kundizzjoni tas-segretezza professjonali, kif stabbilit fil-paragrafi 2 u 3.	1. Kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali riċevuta, skambjata jew trażmessa skont dan ir-Regolament***, inkluż fil-kuntest tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni***, minn kwalunkwe persuna, korp, jew awtorità msemmija fil-paragrafu 2, ***ma għandha tintuża għal ebda skop għajr il-kompiti ta' valutazzjoni u ta' sorveljanza skont dan ir-Regolament u*** għandha tkun soġġetta għall-kundizzjoni tas-segretezza professjonali, kif stabbilit fil-paragrafi 2 u 3.

Or. en

Emenda 3419
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 115 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mingħajr preġudizzju għall-iskambju u l-użu tal-informazzjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament, għandu japplika obbligu tas-segretezza professjonali għall-persuni kollha li jaħdmu jew li ħadmu għall-Kummissjoni, għall-Aġenzija, għall-awtoritajiet kompetenti, ***jew*** jew għal xi korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju, awtorità, persuna fiżika jew ġuridika li lilha l-awtoritajiet kompetenti jew il-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju jkunu ddelegaw xi setgħat u kompiti, inkluż l-awdituri u l-esperti	2. Mingħajr preġudizzju għall-iskambju u l-użu tal-informazzjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament, għandu japplika obbligu tas-segretezza professjonali għall-persuni kollha li jaħdmu jew li ħadmu għall-Kummissjoni, għall-Aġenzija, għall-awtoritajiet kompetenti, jew għal xi korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju, awtorità, persuna fiżika jew ġuridika li lilha l-awtoritajiet kompetenti jew il-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju jkunu ddelegaw xi setgħat u kompiti, inkluż l-awdituri u l-esperti

kkuntrattati minnhom.	kkuntrattati minnhom***, rekwiżiti li għandhom jiġu osservati anke wara li jitlestew l-attivitajiet imwettqa fi ħdan il-korpi msemmija hawn fuq***.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Fis-settur spazjali hemm ħafna informazzjoni sensittiva, u huwa għalhekk li s-segretezza professjonali hija essenzjali fost il-persuni kollha involuti.

Emenda 3420
Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 115 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-informazzjoni koperta bis-segretezza professjonali, inkluż fil-kuntest tal-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti skont dan ir-Regolament, u l-awtoritajiet kompetenti dežinjati jew stabbiliti f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2555 u d-Direttiva (UE) 2022/2557, ma għandhiex tiġi żvelata lil xi persuna jew awtorità oħra, ħlief bis-saħħa ta' dispożizzjonijiet stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali.	3. L-informazzjoni koperta bis-segretezza professjonali, inkluż fil-kuntest tal-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti skont dan ir-Regolament, u l-awtoritajiet kompetenti dežinjati jew stabbiliti f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2555 u d-Direttiva (UE) 2022/2557, ma għandhiex tiġi żvelata lil xi persuna jew awtorità oħra, ħlief bis-saħħa ta' dispożizzjonijiet stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali. ***L-obbligi stabbiliti f'dan ir-regolament ma għandhomx jinvolvu l-forniment ta' informazzjoni li d-divulgazzjoni tagħha tmur kontra l-interessi essenzjali tal-Istati Membri fl-oqsma tas-sigurtà nazzjonali, tal-kunfidenzjalità tan-negozju, is-sigurtà pubblika jew id-difiża.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iridu jiġu evitati backdoors f'informazzjoni kunfidenzjali, u trid titqies ukoll informazzjoni kunfidenzjali fis-settur privat.

Emenda 3421
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 115 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-informazzjoni kollha skambjata skont dan ir-Regolament bejn l-awtoritajiet kompetenti li tkun tikkonċerna kundizzjonijiet kummerċjali jew operattivi, u materji ekonomiċi jew personali, għandha tkun kunfidenzjali u soġġetta għar-rekwiżit tas-segretezza professjonali, ħlief meta awtorità kompetenti tiddikjara, fil-bidu tal-komunikazzjoni, li dik l-informazzjoni tista' tiġi żvelata, jew meta dak l-iżvelar ikun meħtieġ għall-iskop ta' proċedimenti legali.	4. L-informazzjoni kollha skambjata skont dan ir-Regolament bejn l-awtoritajiet kompetenti li tkun tikkonċerna ***informazzjoni industrijali sensittiva,*** kundizzjonijiet kummerċjali jew operattivi, u materji ekonomiċi jew personali, għandha tkun kunfidenzjali u soġġetta għar-rekwiżit tas-segretezza professjonali, ħlief meta awtorità kompetenti tiddikjara, fil-bidu tal-komunikazzjoni, li dik l-informazzjoni tista' tiġi żvelata, jew meta dak l-iżvelar ikun meħtieġ għall-iskop ta' proċedimenti legali.

Or. en

Emenda 3422
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 115 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-informazzjoni kollha skambjata skont dan ir-Regolament bejn l-awtoritajiet kompetenti li tkun tikkonċerna kundizzjonijiet kummerċjali jew operattivi, u materji ekonomiċi jew personali, għandha tkun kunfidenzjali u soġġetta għar-rekwiżit tas-segretezza professjonali, ħlief meta awtorità kompetenti tiddikjara, fil-bidu tal-komunikazzjoni, li dik l-informazzjoni tista' tiġi żvelata, jew meta dak l-iżvelar ikun meħtieġ għall-iskop ta' proċedimenti legali.	4. L-informazzjoni kollha skambjata skont dan ir-Regolament bejn l-awtoritajiet kompetenti li tkun tikkonċerna kundizzjonijiet kummerċjali jew operattivi, u materji ekonomiċi jew personali, għandha tkun kunfidenzjali u soġġetta għar-rekwiżit tas-segretezza professjonali, ħlief meta awtorità ***nazzjonali*** kompetenti tiddikjara, fil-bidu tal-komunikazzjoni, li dik l-informazzjoni tista' tiġi żvelata, jew meta dak l-iżvelar ikun meħtieġ għall-iskop ta' proċedimenti legali.

Or. en

Emenda 3423
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 115a (ġdid)
Proposta għal regolament
Artikolu 115a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 115a
	Protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata
	L-iskambju ta' informazzjoni klassifikata skont dan ir-Regolament għandu jkun soġġett għall-eżistenza ta' ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali dwar l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata jew, meta jkun applikabbli, arranġament konkluż mill-Istituzzjoni jew il-korp kompetenti tal-Unjoni u l-awtoritajiet rilevanti ta' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali dwar l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata, u għall-kundizzjonijiet stabbiliti fihom.

Or. en

Emenda 3424
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 116 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sal-1 ta' Diċembru 2035, u mbagħad kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament***, inkluż*** valutazzjoni ***tal-impatti*** ambjentali,	1. Sal-1 ta' Diċembru 2035, u mbagħad kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament***. L-evalwazzjoni għandha tinkludi, meta***

ekonomiċi u soċjali tal-attivitajiet fl-ispazju fuq setturi oħra***, u*** għandha tissottometti, kif xieraq, rapport dwar ir-rieżami tiegħu u miegħu tehmeż, meta meħtieġa, proposta leġiżlattiva. Ir-rapporti għandhom isiru pubbliċi.	***xieraq,*** valutazzjoni: ***(a) dwar it-tħejjija teknoloġika tar-Regolament, inklużi d-definizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5;*** ***(b) dwar il-kompetittività tas-settur;*** ***(c) dwar l-impatti*** ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-attivitajiet spazjali fuq setturi oħra***.*** ***Bħala parti minn din l-evalwazzjoni u wara l-istabbiliment tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju msemmija f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi r-rekwiżiti u l-miri meħtieġa biex jiġi żgurat tnaqqis effettiv fl-impatti ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-fattibbiltà teknika u l-azzjonijiet simili potenzjali mwettqa fil-livell internazzjonali jew ta' pajjiż terz.*** ***Il-Kummissjoni*** għandha tissottometti, kif xieraq, rapport dwar ir-rieżami tiegħu u miegħu tehmeż, meta meħtieġa, proposta leġiżlattiva. Ir-rapporti għandhom isiru pubbliċi.

Or. en

Emenda 3425
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 116 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Sal-1 ta' Diċembru 2035***, u mbagħad kull ***ħames*** snin, il-Kummissjoni	1. ***36 xahar mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***, u

għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż valutazzjoni ***tal-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-attivitajiet fl-ispazju fuq setturi oħra***, u għandha tissottometti, kif xieraq, rapport dwar ir-rieżami tiegħu u miegħu tehmeż, meta meħtieġa, proposta leġiżlattiva. Ir-rapporti għandhom isiru pubbliċi.

mbagħad kull ***tliet*** snin, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż valutazzjoni ***dwar il-kompetittività tas-settur spazjali Ewropew meta jitqiesu l-piż amministrattiv u l-kost addizzjonali potenzjali ta' dan ir-Regolament fuq l-operaturi spazjali Ewropej, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-intrapriżi b'kapitalizzazzjoni medja u n-negozji ġodda***, u għandha tissottometti, kif xieraq, rapport dwar ir-rieżami tiegħu u miegħu tehmeż, meta meħtieġa, proposta leġiżlattiva. Ir-rapporti għandhom isiru pubbliċi.

Or. en

Emenda 3426
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 116 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sal-1 ta' Diċembru 2035, u mbagħad kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż valutazzjoni tal-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-attivitajiet fl-ispazju fuq setturi oħra, u għandha tissottometti, kif xieraq, rapport dwar ir-rieżami tiegħu u miegħu tehmeż, meta meħtieġa, proposta leġiżlattiva. Ir-rapporti għandhom isiru pubbliċi.	1. Sal-1 ta' Diċembru 2035, u mbagħad kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż valutazzjoni tal-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-attivitajiet fl-ispazju fuq setturi oħra***, inkluż kwalunkwe inċident u kif ġie solvut,*** u għandha tissottometti, kif xieraq, rapport dwar ir-rieżami tiegħu ***u taġġornah abbażi tal-iżviluppi fis-snin eżatt ta' qabel il-pubblikazzjoni tar-rapport***, u miegħu tehmeż, meta meħtieġa, proposta leġiżlattiva. Ir-rapporti għandhom isiru pubbliċi ***fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea***.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Bħal kull attività oħra, l-attivitajiet spazjali jirrikjedu dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni tar-riskju u l-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza u inċidenti potenzjali li għandhom jiġu rrappurtati perjodikament.

Emenda 3427
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 116 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Sal-1 ta' Diċembru 2035***, u mbagħad kull ***ħames*** snin, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport ***lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill*** dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż valutazzjoni ***tal-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-attivitajiet fl-ispazju fuq setturi oħra, u għandha tissottometti, kif xieraq, rapport dwar ir-rieżami tiegħu u miegħu tehmeż, meta meħtieġa, proposta leġiżlattiva***. Ir-rapporti għandhom isiru pubbliċi.	1. Sa ***tliet snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***, u mbagħad kull ***tliet*** snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż valutazzjoni ***speċifika tal-impatt kompetittiv fuq l-operaturi spazjali tal-Unjoni u l-użu magħmul minn derogi u deċiżjonijiet ta' ekwivalenza***. Ir-rapporti għandhom isiru pubbliċi.

Or. en

Emenda 3428
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 116 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sal-1 ta' Diċembru ***2035***, u mbagħad kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż valutazzjoni tal-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-attivitajiet fl-ispazju fuq setturi oħra, u għandha tissottometti, kif xieraq, rapport dwar ir-	1. Sal-1 ta' Diċembru ***2033***, u mbagħad kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż valutazzjoni tal-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-attivitajiet fl-ispazju fuq setturi oħra, u għandha tissottometti, kif xieraq, rapport dwar ir-

rieżami tiegħu u miegħu tehmeż, meta meħtieġa, proposta leġiżlattiva. Ir-rapporti għandhom isiru pubbliċi.

rieżami tiegħu u miegħu tehmeż, meta meħtieġa, proposta leġiżlattiva. Ir-rapporti għandhom isiru pubbliċi.

Or. en

Emenda 3429
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 116 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fit-twettiq tal-evalwazzjoni u r-rieżami msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis l-opinjonijiet, il-pożizzjonijiet u s-sejbiet tal-Aġenzija, tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll ta' korpi u organizzazzjonijiet rilevanti oħra jew ta' sorsi rilevanti.	3. Fit-twettiq tal-evalwazzjoni u r-rieżami msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis l-opinjonijiet, il-pożizzjonijiet u s-sejbiet tal-Aġenzija, tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll ta' korpi u organizzazzjonijiet rilevanti oħra jew ta' sorsi rilevanti. ***B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-atturi rilevanti tal-industrija attivi fis-settur spazjali b'attenzjoni partikolari għall-SMEs.***

Or. en

Emenda 3430
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 116 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fit-twettiq tal-evalwazzjoni u r-rieżami msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis l-opinjonijiet, il-pożizzjonijiet u s-sejbiet tal-Aġenzija, tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll ta' korpi u organizzazzjonijiet rilevanti oħra jew ta' sorsi rilevanti.	3. Fit-twettiq tal-evalwazzjoni u r-rieżami msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis l-opinjonijiet, il-pożizzjonijiet u s-sejbiet tal-Aġenzija, tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll ta' korpi u organizzazzjonijiet rilevanti oħra jew ta' sorsi rilevanti***, inkluż***

il-Bord tal-Industrija msemmi fl-Artikolu 40(2).

Or. en

Emenda 3431
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 117 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sal-1 ta' Diċembru 2031 u mbagħad kull ***sena***, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-istatus tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-azzjonijiet ta' infurzar u aġġornamenti fis-settur spazjali fil-livell nazzjonali, bħal aspetti tal-kompetittività b'impatt fuq il-funzjonament tas-suq intern u elementi dwar il-ħtiġijiet tal-infiq pubbliku u privat.	***12-il xahar mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*** u mbagħad kull ***tliet snin***, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-istatus tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-azzjonijiet ta' infurzar u aġġornamenti fis-settur spazjali fil-livell nazzjonali, bħal aspetti tal-kompetittività b'impatt fuq il-funzjonament tas-suq intern u elementi dwar il-ħtiġijiet tal-infiq pubbliku u privat.

Or. en

Emenda 3432
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 117a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 117a
	Emenda tad-Direttiva (UE) 2022/2555
	Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-

Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) hija emendata kif ġej: (1) fl-Artikolu 2, jiżdied dan li ġej: (a) fil-paragrafu 2, il-punt (a) huwa emendat kif ġej: (ii) jiżdiedu l-punti (iv) u (v) li ġejjin: "(iv) operaturi spazjali kif definiti f'konformità mar-Regolament (UE) ... (l-Att dwar l-Ispazju)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li d-Direttiva NIS 2 tiġi aġġornata sabiex il-kamp ta' applikazzjoni tagħha jiġi estiż għall-operaturi spazjali, kif previst f'din l-emenda. Dan jiżgura li l-qafas ġenerali taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni jirrifletti b'mod xieraq l-importanza strateġika tas-settur spazjali u japplika b'mod konsistenti għall-operaturi rilevanti.

Emenda 3433
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 118 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Għall-awtorizzazzjonijiet rigward*** assi ***ppjanati li jiġu llanċjati wara l-1 ta' Jannar 2030 li għalihom il-fażi tar-rieżami kritiku tad-disinn tkun intemmet fi [OP calculate 12 months from the date of entry into force of this Regulation],*** dan ir-Regolament ***għandu japplika biss mill-1 ta' Jannar 2032***.	1. ***B'deroga, dan ir-Regolament għandu japplika biss minn erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu għal*** assi ***li jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:***
	(a) ir-Rieżami tar-Rekwiżiti tas-Sistema tagħhom jitlesta fi żmien 36 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;
	(b) huma ppjanati li jiġu llanċjati aktar minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
	Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, Rieżami tar-Rekwiżiti tas-Sistema (SRR) jitlesta meta r-rekwiżiti funzjonali u tal-prestazzjoni kollha fil-livell tas-sistema

jkunu ġew rriežaminati u bbażati formalment, indipendentement mill-maturità tad-disinn tas-sistema.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sostituzzjoni tar-regola tranżizzjonali kumplessa fit-test tal-Kummissjoni bbażata fuq id-data kalendarja ma' limitu ta' deroga ċar ta' erba' snin ibbażat fuq l-SRR tipprovdi ċ-ċertezza operazzjonali li l-industrija teħtieġ: l-operaturi li jkunu għaddew mill-SRR qabel id-dħul fis-seħħ għamlu impenji irriversibbli ta' disinn u kuntrattwali u huma eliġibbli għar-reġim tranżizzjonali irrispettivament mill-kalendarju leġiżlattiv. L-applikazzjoni tar-Regolament għad-disinji ta' wara l-SRR timponi kostijiet sostanzjali ta' tfassil mill-ġdid mingħajr benefiċċju għas-sikurezza.

Emenda 3434
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 118 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-awtorizzazzjonijiet rigward assi ppjanati li jiġu llanċjati wara ***l-1 ta' Jannar 2030*** li għalihom il-fażi tar-rieżami kritiku tad-disinn tkun intemmet fi [OP ***calculate 12 months from the date of entry into force of this Regulation***], dan ir-Regolament għandu japplika biss ***mill-1 ta' Jannar 2032***.	1. Għall-awtorizzazzjonijiet rigward assi ppjanati li jiġu llanċjati wara ***48 xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu*** li għalihom il-fażi tar-rieżami kritiku tad-disinn tkun intemmet fi [OP***: ikkalkula 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***], dan ir-Regolament għandu japplika biss ***36 xahar wara d-data tal-applikazzjoni tiegħu***.

Or. en

Emenda 3435
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 118 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-awtorizzazzjonijiet rigward assi ppjanati li jiġu llanċjati wara ***l-1 ta' Jannar 2030*** li għalihom il-fażi tar-rieżami kritiku tad-disinn tkun intemmet fi [OP ***calculate 12 months from the date of entry into force of this Regulation***], dan ir-Regolament għandu japplika biss ***mill-1 ta' Jannar 2032***.	1. Għall-awtorizzazzjonijiet rigward assi ppjanati li jiġu llanċjati wara ***36 xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu*** li għalihom il-fażi tar-rieżami kritiku tad-disinn tkun intemmet fi [OP***: ikkalkula 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***], dan ir-Regolament għandu japplika biss ***36 xahar wara d-data tal-applikazzjoni tiegħu***.

Or. en

Emenda 3436
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 118 – paragrafu 1
Proposta għal regolament
Artikolu 118 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-awtorizzazzjonijiet rigward assi ppjanati li jiġu llanċjati wara ***l-1 ta' Jannar 2030*** li għalihom ***il-fażi tar-rieżami*** kritiku tad-disinn ***tkun intemmet*** fi [OP ***calculate 12 months from the date of entry into force of this Regulation***], dan ir-Regolament għandu japplika biss ***mill-1 ta' Jannar 2032***.	1. Għall-awtorizzazzjonijiet rigward assi ppjanati li jiġu llanċjati wara ***36 xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu*** li għalihom ***ir-rieżami*** kritiku tad-disinn ***ikun intemm*** fi [OP***: ikkalkula 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***], dan ir-Regolament għandu japplika biss ***36 xahar wara d-data tal-applikazzjoni tiegħu***.

Or. en

Emenda 3437
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Pascale Piera, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín, Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay, Marion Maréchal

Proposta għal regolament
Artikolu 118 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-awtorizzazzjonijiet rigward assi ppjanati li jiġu llanċjati wara l-1 ta' Jannar 2030 li għalihom il-fażi tar-rieżami ***kritiku tad-disinn*** tkun intemmet fi [OP ***calculate 12 months from the date of entry into force of this Regulation***], dan ir-Regolament għandu japplika biss mill-1 ta' Jannar 2032.	1. Għall-awtorizzazzjonijiet rigward assi ppjanati li jiġu llanċjati wara l-1 ta' Jannar 2030 li għalihom il-fażi tar-rieżami ***tar-rekwiżiti tas-sistema*** tkun intemmet fi [OP***: ikkalkula 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***], dan ir-Regolament għandu japplika biss mill-1 ta' Jannar 2032.

Or. en

Emenda 3438
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 118 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtoritajiet kompetenti***, fir-rigward tal-operaturi spazjali tal-Unjoni,*** u l-Aġenzija***, fir-rigward tal-operaturi spazjali tal-pajjiżi terzi,*** għandhom jiżguraw it-tmiem tal-istadju kritiku tar-rieżami tad-disinn imsemmi fil-paragrafu 1 malli l-operaturi spazjali jissottomettu l-prova miksuba mingħand l-entità rilevanti fdata b'kuntratt bl-approvazzjoni teknika tad-disinn tal-inġenju spazjali.	2. L-awtoritajiet kompetenti u l-Aġenzija għandhom jiżguraw it-tmiem tal-istadju kritiku tar-rieżami tad-disinn imsemmi fil-paragrafu 1 malli l-operaturi spazjali jissottomettu l-prova miksuba mingħand l-entità rilevanti fdata b'kuntratt bl-approvazzjoni teknika tad-disinn tal-inġenju spazjali.

Or. en

Emenda 3439
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Pascale Piera, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín, Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay, Marion Maréchal

Proposta għal regolament
Artikolu 118 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtoritajiet kompetenti, fir-	2. L-awtoritajiet kompetenti, fir-

rigward tal-operaturi spazjali tal-Unjoni, u l-Aġenzija, fir-rigward tal-operaturi spazjali tal-pajjiżi terzi, għandhom jiżguraw it-tmiem tal-istadju ***kritiku*** tar-rieżami ***tad-disinn imsemmi*** fil-paragrafu 1 malli l-operaturi spazjali jissottomettu l-prova miksuba mingħand l-entità rilevanti fdata b'kuntratt bl-approvazzjoni teknika ***tad-disinn tal-inġenju spazjali***.	rigward tal-operaturi spazjali tal-Unjoni, u l-Aġenzija, fir-rigward tal-operaturi spazjali tal-pajjiżi terzi, għandhom jiżguraw it-tmiem tal-istadju tar-rieżami ***tar-rekwiżiti tas-sistema msemmi*** fil-paragrafu 1 malli l-operaturi spazjali jissottomettu l-prova miksuba mingħand l-entità rilevanti fdata b'kuntratt bl-approvazzjoni teknika ***tar-rekwiżiti tas-sistema***.
	Or. en

Emenda 3440
Paolo Borchia, András Gyürk, Silvia Sardone, Jorge Martín Frías, Raffaele Stancanelli, Aleksandar Nikolic, Isabella Tovaglieri, Mélanie Disdier, Julie Rechagneux, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín, Barbara Bonte, Pascale Piera

Proposta għal regolament
Artikolu 118 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament għandha sseħħ b'mod gradwali, skont il-livell ta' maturità teknoloġika tal-missjonijiet differenti. B'mod partikolari, ir-rekwiżiti applikabbli għal missjonijiet li għadhom ma laħqux livell adegwat ta' maturità teknoloġika (TRL ≥ 7, jiġifieri, mudell ta' ħidma jew prototip ġie ttestjat f'ambjent li jirrifletti l-kundizzjonijiet reali jew industrijali maħsuba għalih, li juri l-affidabbiltà u l-prontezza tiegħu għall-istadji finali tal-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni) għandhom jiġu introdotti progressivament, sabiex jiġu evitati restrizzjonijiet prematuri li jistgħu jxekklu l-iżvilupp teknoloġiku. Id-dħul fis-seħħ ta' tali rekwiżiti għandu jsir gradwalment b'mod proporzjonat, filwaqt li jitqiesu l-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti u l-ispeċifiċitajiet operazzjonali tad-diversi segmenti tas-settur.
	Or. en

Emenda 3441
András Gyürk, Jorge Martín Frías, András László, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 118a (ġdid)
Proposta għal regolament
Artikolu 118a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 118a
	Rieżami tal-kompetittività
	1. Il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni annwali tal-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-kompetittività dinjija tal-operaturi spazjali tal-Unjoni, inkluż f'termini ta' sehem mis-suq, kostijiet tal-illanċjar, żmien għas-suq u aċċess għas-servizzi tal-illanċjar, meta mqabbla ma' operaturi f'nazzjonijiet ewlenin oħra li joperaw fl-ispazju.
	2. Meta l-valutazzjoni tidentifika żvantaġġi kompetittivi li jirriżultaw minn rekwiżiti regolatorji skont dan ir-Regolament li mhumiex ikkomplementati b'obbligi komparabbli f'ġuriżdizzjonijiet ewlenin oħra, il-Kummissjoni għandha, meta xieraq, tipproponi aġġustamenti mmirati, simplifikazzjonijiet jew derogi temporanji sabiex tiġi ppreżervata l-kompetittività tal-operaturi tal-Unjoni u fl-istess ħin jiġu żgurati l-objettivi ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 3442
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 118a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 118a

Emenda tad-Direttiva (UE) 2022/2555

Fl-Artikolu 21(5) tad-Direttiva (UE) 2022/2555, jiżdied is-subparagrafu li ġej: "Sa [data], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-istandards tekniċi, metodoloġiċi u settorjali meħtieġa fir-rigward tal-operaturi spazjali tal-Unjoni kif definiti fl-[Artikolu 5(17) tal-Att dwar l-Ispazju tal-UE] li jikkwalifikaw bħala entitajiet essenzjali jew importanti."

Or. en

Emenda 3443
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 118a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 118a
	Emenda tad-Direttiva (UE) 2022/2555
	Fl-Artikolu 21(5) tad-Direttiva (UE) 2022/2555, jiżdied is-subparagrafu li ġej: "Sa [data], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-istandards tekniċi, metodoloġiċi u settorjali meħtieġa fir-rigward tal-operaturi spazjali kif definiti fl-[Artikolu 5(17) tal-Att dwar l-Ispazju tal-UE] li jikkwalifikaw bħala entitajiet essenzjali jew importanti."

Or. en

Emenda 3444
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 119 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandu japplika mill-1 ta' Jannar ***2030***.	Għandu japplika ***kif ġej:***
	(a) l-Artikoli 3, 20, 23, 24, 28, 107, u l-Kapitolu 2, Titolu III, mill-1 ta' Jannar ***2028;***
	(b) l-Artikolu 8 u l-partijiet li jifdal tat-Titolu III, il-Kapitolu I, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 28, mill-1 ta' Jannar 2029; kif ukoll
	(c) Il-partijiet li jifdal tar-Regolament mill-1 ta' Ġunju 2029, iżda mhux qabel 12-il xahar mill-adozzjoni tal-Atti ta' Implimentazzjoni korrispondenti.

Or. en

Emenda 3445
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 119 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandu japplika ***mill-1 ta' Jannar 2030***.	Għandu japplika ***minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ tiegħu***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sostituzzjoni tad-data fissa tal-applikazzjoni (mill-1 ta' Jannar 2030) b'"minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ" tiżgura li l-iskeda ta' żmien tal-applikazzjoni tar-Regolament tkun robusta għal dewmien leġiżlattiv. Data fissa li tasal qabel id-dħul fis-seħħ toħloq riżultat assurd; il-perjodu kontinwu ta' sentejn jipprovdi tranżizzjoni fattibbli u legalment koerenti irrispettivament minn meta jiġi adottat ir-Regolament.

Emenda 3446
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament

Artikolu 119 – paragrafu 2
Proposta għal regolament
Artikolu 119 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandu japplika ***mill-1 ta' Jannar 2030***.	Għandu japplika ***36 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ***

Or. en

Emenda 3447
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 119 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandu japplika ***mill-1 ta' Jannar 2030***.	Għandu japplika ***36 xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu***.

Or. en

Emenda 3448
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Anness I
Proposta għal regolament
Anness I

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Or. en

Emenda 3449
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sikurezza waqt l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid	1. Sikurezza waqt l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid ***kif imsemmi l-Artikolu 59***

Or. en

Emenda 3450
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sikurezza waqt l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid	1. Sikurezza waqt l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid ***f'konformità mal-Artikolu 59***

Or. en

Emenda 3451
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sikurezza waqt l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 3452
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament

Anness I – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sikurezza waqt l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 3453
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jimplimentaw ir-rekwiżiti tal-koordinazzjoni li ġejjin:	L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jimplimentaw ir-rekwiżiti ***tan-notifika u*** tal-koordinazzjoni li ġejjin:

Or. en

Emenda 3454
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jimplimentaw ir-rekwiżiti tal-koordinazzjoni li ġejjin:	L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jimplimentaw ir-rekwiżiti ***tan-notifika u*** tal-koordinazzjoni li ġejjin:

Or. en

Emenda 3455
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament

Anness I – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operaturi tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** għandhom jimplimentaw ir-rekwiżiti tal-koordinazzjoni li ġejjin:	L-operaturi tal-illanċjar għandhom jimplimentaw ir-rekwiżiti tal-koordinazzjoni li ġejjin:

Or. en

Emenda 3456
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Qabel l-illanċjar jew id-dħul mill-ġdid, operatur tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** għandu jagħmel ftehim ma':	(a) Qabel l-illanċjar jew id-dħul mill-ġdid, operatur tal-illanċjar għandu jagħmel ftehim ma':

Or. en

Emenda 3457
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Qabel l-illanċjar jew id-dħul mill-ġdid, operatur tal-illanċjar tal-Unjoni għandu ***jagħmel ftehim ma'***:	(a) Qabel l-illanċjar jew id-dħul mill-ġdid, operatur tal-illanċjar tal-Unjoni għandu ***jinnotifika lil***:

Or. en

Emenda 3458
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Qabel l-illanċjar jew id-dħul mill-ġdid, operatur tal-illanċjar tal-Unjoni għandu ***jagħmel ftehim ma'***:	(a) Qabel l-illanċjar jew id-dħul mill-ġdid, operatur tal-illanċjar tal-Unjoni għandu ***jinnotifika b'mod f'waqtu lil***:

Or. en

Emenda 3459
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-Maniġer tan-Network Ewropew u l-Fornituri tas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru (ANSPs) affettwati biex ***jaqblu fuq il-miżuri xierqa ħalli*** jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt ***tal-għeluq tar-rotot*** tal-ajru fuq ***is-servizzi*** tal-ajru u jiġu stabbiliti l-proċeduri għall-ħruġ tal-Avviż lill-Avjaturi (NOTAM***, Notice to Airmen***), u l-proċeduri għall-għeluq tar-rotot tal-ajru tul il-perjodi rispettivi tal-illanċjar jew tad-dħul mill-ġdid u;	(i) il-Maniġer tan-Network Ewropew u l-Fornituri tas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru (ANSPs) affettwati**,** biex jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt ***fuq ir-rotot*** tal-ajru fuq ***it-traffiku*** tal-ajru u jiġu stabbiliti l-proċeduri għall-ħruġ tal-Avviż lill-Avjaturi (NOTAM), u l-proċeduri għall-għeluq tar-rotot tal-ajru tul il-perjodi rispettivi tal-illanċjar jew tad-dħul mill-ġdid u;

Or. en

Emenda 3460
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-Maniġer tan-Network Ewropew u l-Fornituri tas-Servizzi tan-Navigazzjoni	(i) il-Maniġer tan-Network Ewropew u l-Fornituri tas-Servizzi tan-Navigazzjoni

bl-Ajru (ANSPs) affettwati ***biex jaqblu fuq il-miżuri xierqa ħalli*** jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt ***tal-għeluq tar-rotot*** tal-ajru fuq ***is-servizzi*** tal-ajru u jiġu stabbiliti l-proċeduri għall-ħruġ tal-Avviż lill-Avjaturi (NOTAM***, Notice to Airmen***), u l-proċeduri għall-għeluq tar-rotot tal-ajru tul il-perjodi rispettivi tal-illanċjar jew tad-dħul mill-ġdid u;	bl-Ajru (ANSPs) affettwati**,** sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt ***fuq ir-rotot*** tal-ajru fuq ***it-traffiku*** tal-ajru u jiġu stabbiliti l-proċeduri għall-ħruġ tal-Avviż lill-Avjaturi (NOTAM), u l-proċeduri għall-għeluq tar-rotot tal-ajru tul il-perjodi rispettivi tal-illanċjar jew tad-dħul mill-ġdid u;

Or. en

Emenda 3461
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Qabel l-illanċjar jew id-dħul mill-ġdid, operatur tal-illanċjar tal-Unjoni għandu jimplimenta proċess ta' koordinazzjoni f'ħin reali ma' ANSPs jew awtoritajiet marittimi biex jimmaniġġjaw u jimmitigaw ir-riskji assoċjati ma' xenarji mhux nominali jew ta' fallimenti.

Or. en

Emenda 3462
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Qabel l-illanċjar jew id-dħul mill-ġdid, operatur tal-illanċjar tal-Unjoni għandu jimplimenta proċess ta' koordinazzjoni f'ħin reali ma' ANSPs jew awtoritajiet marittimi biex jimmaniġġjaw

u jimmitigaw ir-riskji assoċjati ma' xenarji mhux nominali jew ta' fallimenti.

Or. en

Emenda 3463
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Ir-rekwiżit stabbilit fil-punt (a) ma għandux japplika meta l-operatur ***tas-sit tal-illanċjar*** tal-Unjoni jkun diġà ***kkoordina mal-ANSPs*** u ***mal-awtoritajiet marittimi l-aspetti msemmija fil-punt (a)(i) u (ii).***	(b) Ir-rekwiżit stabbilit fil-punti (a) ***u (aa)*** ma għandux japplika meta l-operatur ***tal-port spazjali*** tal-Unjoni jkun diġà ***nnotifika lill-ANSPs*** u ***lill-awtoritajiet*** marittimi.

Or. en

Emenda 3464
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Ir-rekwiżit stabbilit ***fil-punt*** (a) ma għandux japplika meta l-operatur tas-sit tal-illanċjar tal-Unjoni jkun diġà ***kkoordina mal-ANSPs*** u ***mal-awtoritajiet*** marittimi ***l-aspetti msemmija fil-punt (a)(i) u (ii)***.	(b) Ir-rekwiżit stabbilit ***fil-punti*** (a) ***u (aa)*** ma għandux japplika meta l-operatur tas-sit tal-illanċjar ***tal-Unjoni jew tal-port spazjali*** tal-Unjoni jkun diġà ***nnotifika lill-ANSPs*** u ***lill-awtoritajiet*** marittimi.

Or. en

Emenda 3465
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jipprovdu informazzjoni fil-ħin lill-Maniġer tan-Network u lill-Fornituri tas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru biex jivvalutaw id-daqs tal-ispazju tal-ajru li għandu jingħalaq u r-rotot affettwati ħalli l-illanċjar lejn l-ispazju jintegrawh b'mod sikur u effiċjenti fis-Sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3466
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) L-operaturi tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** għandhom jipprovdu informazzjoni fil-ħin lill-Maniġer tan-Network u lill-Fornituri tas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru biex jivvalutaw id-daqs tal-ispazju tal-ajru li għandu jingħalaq u r-rotot affettwati ħalli l-illanċjar lejn l-ispazju jintegrawh b'mod sikur u effiċjenti fis-Sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru.	(c) L-operaturi tal-illanċjar għandhom jipprovdu informazzjoni fil-ħin lill-Maniġer tan-Network u lill-Fornituri tas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru biex jivvalutaw id-daqs tal-ispazju tal-ajru li għandu jingħalaq u r-rotot affettwati ħalli l-illanċjar lejn l-ispazju jintegrawh b'mod sikur u effiċjenti fis-Sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru.

Or. en

Emenda 3467
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni għandu jiżgura li l-entità msemmija fl-Artikolu 64(1) tikseb l-effemeridi predikati ***għal-lanċjatur***.	L-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni għandu jiżgura li l-entità msemmija fl-Artikolu 64(1) tikseb l-effemeridi predikati ***għall-vettura tal-illanċjar***.

Or. en

Emenda 3468
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.2.3. Il-metodu għall-kalkolu tal-LCOLA ***għandha tiżviluppah il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu*** 59(3), il-punt (a), ***b'kunsiderazzjoni tal-probabbiltà li l-lanċjatur jaħbat ma' oġġett ta' interess, li għandu jiddependi fuq dan li ġej:***	1.2.3. Il-metodu għall-kalkolu tal-LCOLA ***msemmi fl-Artikolu*** 59(3), il-punt (a), ***għandu jqis l-elementi li ġejjin:***
	(a) l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta qabel l-illanċjar għandha tinkludi orbiti u kovarjanzi assoċjati għall-oġġetti kollha involuti fl-illanċjar u jista' jkun meħtieġ li jiġu pprovduti diversi trajettorji għal kull illanċjar għal oġġett wieħed skont il-perjodu tal-ħin u t-trajettorja maħsuba;
	(b) għandha tiġi rispettata distanza minima ta' separazzjoni mill-oġġetti abitabbli (durata, forma (elissojde jew kaxxa);
	(c) għal kull oġġett involut fl-illanċjar, l-entità li twettaq l-LCOLA għandha tkun tista' tidentifika r-riskji fuq ċerti limiti ta' probabbiltà ta' kolliżjoni ma' oġġetti oħra involuti matul l-illanċjar, u ma' oġġetti diġà fl-orbita.

Or. en

Emenda 3469
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.2.3. Il-metodu għall-kalkolu tal-LCOLA għandha tiżviluppah il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 59(3), ***il-punt (a), b'kunsiderazzjoni tal-probabbiltà li l-lanċjatur jaħbat ma' oġġett ta' interess, li għandu jiddependi fuq dan li ġej:***	1.2.3. Il-metodu għall-kalkolu tal-LCOLA għandha tiżviluppah il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 59(3) ***li jibni fuq prattiki eżistenti, teknoloġija tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, u standards disponibbli, f'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.***

Or. en

Emenda 3470
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jekk l-inġenju spazjali hux abitabbli;	***imħassar***

Or. en

Emenda 3471
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jekk l-inġenju spazjali hux abitabbli;	***imħassar***

Or. en

Emenda 3472
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-daqs tal-oġġett;	***imħassar***

Or. en

Emenda 3473
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-daqs tal-oġġett;	***imħassar***

Or. en

Emenda 3474
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jekk l-inġenju spazjali hux attiv.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3475
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jekk l-inġenju spazjali hux attiv.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3476
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1.2.3a. il-probabbiltà li l-vettura tal-illanċjar taħbat ma' oġġett ta' interess, jiġifieri kwalunkwe oġġett involut fi kwalunkwe sitwazzjoni li tista' taffettwa l-oġġetti spazjali l-oħra jew is-sitwazzjoni fid-dinja, għandha tiġi aġġustata għall-elementi li ġejjin:
	(a) jekk l-inġenju spazjali hux abitabbli;
	(b) id-daqs tal-oġġett;
	(c) jekk l-inġenju spazjali hux attiv.

Or. en

Emenda 3477
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.2.4. L-operatur tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** għandu jivvaluta u jtaffi r-riskji relatati ma' kolliżjoni skont il-punt 1.3 tal-Anness II.	1.2.4. L-operatur tal-illanċjar għandu jivvaluta u jtaffi r-riskji relatati ma' kolliżjoni skont il-punt 1.3 tal-Anness II.

Or. en

Emenda 3478

Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.2.5. L-operatur tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** għandu jiddefinixxi l-perjodu tal-għeluq tal-illanċjar skont il-valutazzjoni tal-LCOLA.	1.2.5. L-operatur tal-illanċjar għandu jiddefinixxi l-perjodu tal-għeluq tal-illanċjar skont il-valutazzjoni tal-LCOLA.

Or. en

Emenda 3479
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.3 – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Il-kalkolu tar-riskju kollettiv ta' diżgrazzja minħabba l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid għandu jsir b'metodu approvat li jrid jintagħżel mill-Kummissjoni minn fost il-metodi eżistenti, f'konformità mal-Artikolu 59(3), il-punt (b), jew b'metodu ġdid li trid tiżviluppah il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 59(3), il-punt (b), b'kunsiderazzjoni xierqa tal-elementi li ġejjin:	(a) Il-kalkolu tar-riskju kollettiv ta' diżgrazzja minħabba l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid għandu jsir b'metodu approvat li jrid jintagħżel mill-Kummissjoni minn fost il-metodi eżistenti, f'konformità mal-Artikolu 59(3), il-punt (b), jew b'metodu ġdid li trid tiżviluppah il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 59(3), il-punt (b), ***f'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti*** u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-elementi li ġejjin:

Or. en

Emenda 3480
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.3 – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Il-kalkolu tar-riskju kollettiv ta' diżgrazzja minħabba l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid għandu jsir b'metodu approvat li jrid jintagħżel mill-Kummissjoni minn fost il-metodi eżistenti***, f'konformità mal-Artikolu 59(3), il-punt (b)***, jew b'metodu ġdid li trid tiżviluppah il-Kummissjoni ***f'konformità mal-Artikolu 59(3), il-punt (b)***, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-elementi li ġejjin:	(a) Il-kalkolu tar-riskju kollettiv ta' diżgrazzja minħabba l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid għandu jsir b'metodu approvat li jrid jintgħażel mill-Kummissjoni minn fost il-metodi eżistenti, jew b'metodu ġdid li trid tiżviluppah***, meta xieraq,*** il-Kummissjoni, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-elementi li ġejjin:

Or. en

Emenda 3481
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.3 – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Il-kalkolu tar-riskju kollettiv ta' diżgrazzja minħabba l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid għandu jsir b'metodu approvat li jrid jintagħżel mill-Kummissjoni minn fost il-metodi eżistenti, f'konformità mal-Artikolu 59(3), il-punt (b), jew b'metodu ġdid li trid tiżviluppah il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 59(3), il-punt (b), b'kunsiderazzjoni xierqa tal-elementi li ġejjin:	(a) Il-kalkolu tar-riskju kollettiv ta' diżgrazzja minħabba l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid għandu jsir b'metodu approvat li jrid jintgħażel mill-Kummissjoni minn fost il-metodi eżistenti, f'konformità mal-Artikolu 59(3), il-punt (b), jew b'metodu ġdid li trid tiżviluppah ***meta xieraq,*** il-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 59(3), il-punt (b), b'kunsiderazzjoni xierqa tal-elementi li ġejjin:

Or. en

Emenda 3482
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.3 – paragrafu 2 – punt a – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) ix-xenarji korrispondenti tal-ġenerazzjoni tal-frammenti u r-residwi, waqt id-dħul mill-ġdid jew waqt in-newtralizzazzjoni tal-vettura tal-illanċjar u r-ritorn lejn id-Dinja ta' xi element ***tal-lanċjatur***;	(iii) ix-xenarji korrispondenti ta' frammentazzjoni u ġenerazzjoni tar-residwi, waqt id-dħul mill-ġdid jew waqt in-newtralizzazzjoni tal-vettura tal-illanċjar u r-ritorn lejn id-dinja ta' xi element ***tal-vettura tal-illanċjar***;

Or. en

Emenda 3483
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.3 – paragrafu 2 – punt a – punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iiia) il-fażi ta' rkupru ta' elementi ta' vetturi tal-illanċjar riużabbli, inkluż ir-riskju ta' impatt ta' residwi fil-każ ta' falliment tal-irkupru u r-riskju assoċjat ma' nżul ikkontrollat u mhux ikkontrollat barra miż-żona ta' rkupru dežinjata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda tal-fażi ta' rkupru b'mod espliċitu mal-lista tax-xenarji tar-riskju tal-Anness I tiżgura li l-operazzjonijiet ta' rkupru tal-vetturi tal-illanċjar riużabbli jkunu soġġetti għal valutazzjoni kkwantifikata tar-riskju ta' diżgrazzja. Il-falliment tal-irkupru — l-impatt ta' residwi minn stadju ta' ritorn mhux ikkontrollat — huwa riskju ta' sikurezza reali u li jista' jitkejjel; għandu jiġi inkluż fl-analiżi tar-riskju tas-sikurezza tal-illanċjar bħala kwistjoni ta' kompletezza regolatorja.

Emenda 3484
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.3 – paragrafu 2 – punt a – punt vi

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vi) l-affidabbiltà tal-manuvra ta' deorbitazzjoni tal-element ***tal-lanċjatur imqiegħed*** ġol-orbita, fil-każ ta' dħul mill-ġdid ikkontrollat.	(vi) l-affidabbiltà tal-manuvra tad-diżorbitazzjoni tal-element ***tal-vettura tal-illanċjar imqiegħda*** ġol-orbita, fil-każ ta' dħul mill-ġdid ikkontrollat.

Or. en

Emenda 3485
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.3 – paragrafu 2 – punt a – punt via (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(via) il-prattiki eżistenti, it-teknoloġija tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, u l-istandards disponibbli.

Or. en

Emenda 3486
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.3 – paragrafu 2 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Ir-riskju ta' diżgrazzja għandu jiġi limitat għal limitu ***li għandu jiġi speċifikat fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 59(3), il-punt (b)***, ***billi*** jitqiesu kif xieraq id-differenzi fit-tipi ta' riskji involuti mix-xenarji tar-riskju li ġejjin:	(b) Ir-riskju ta' diżgrazzja għandu jiġi limitat għal limitu, ***filwaqt li*** jitqiesu kif xieraq id-differenzi fit-tipi ta' riskji involuti mix-xenarji tar-riskju li ġejjin:

Or. en

Emenda 3487

Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.3 – paragrafu 2 – punt b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) riskju għall-fażi tal-irkupru ta' elementi riużabbli ***tal-lanċjatur***.	(iii) riskju għall-fażi tal-irkupru ta' elementi riużabbli ***tal-vettura tal-illanċjar***.

Or. en

Emenda 3488
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 59(3), il-punt (c), għandu jistabbilixxi allokazzjonijiet kwantitattivi speċifiċi għal riskju partikolari ta' ħsara katastrofika, b'mod partikolari għall-każijiet speċifiċi ta' rotot tal-baħar u tal-ajru.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3489
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt 1.3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 59(3), il-punt (c), għandu jistabbilixxi allokazzjonijiet kwantitattivi	***imħassar***

speċifiċi għal riskju partikolari ta' ħsara katastrofika, b'mod partikolari għall-każijiet speċifiċi ta' rotot tal-baħar u tal-ajru.

Or. en

Emenda 3490
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sistema tas-sikurezza tat-titjir	2. Sistema tas-sikurezza tat-titjir ***kif imsemmi fl-Artikolu 60***

Or. en

Emenda 3491
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sistema tas-sikurezza tat-titjir	2. Sistema tas-sikurezza tat-titjir ***f'konformità mal-Artikolu 60***

Or. en

Emenda 3492
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.1 – punt 2.1.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2.1.1. Fil-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom, l-operaturi spazjali ***tal-Unjoni*** għandhom jidentifikaw xenarji ta' falliment potenzjali li jistgħu jagħmlu l-vettura tal-illanċjar perikoluża.	2.1.1. Fil-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom, l-operaturi spazjali għandhom jidentifikaw xenarji ta' falliment potenzjali li jistgħu jagħmlu l-vettura tal-illanċjar perikoluża.

Or. en

Emenda 3493
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.1 – punt 2.1.3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.1.3. Fil-valutazzjonijiet tar-riskju, l-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu regoli speċifiċi għal dħul mill-ġdid ikkontrollat jew mhux ikkontrollat. Fil-każ ta' dħul mill-ġdid ikkontrollat, l-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jidentifikaw xenarji ta' fallimenti ***relatati*** ma' meta l-oġġett tal-propulsjoni mqiegħed ġol-orbita jsir periklu, b'mod partikolari fil-każ ta' nuqqas ta' kontroll tal-livell jew tad-direzzjoni tal-forza propulsiva.	2.1.3. Fil-valutazzjonijiet tar-riskju, l-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu regoli speċifiċi għal dħul mill-ġdid ikkontrollat jew mhux ikkontrollat. Fil-każ ta' dħul mill-ġdid ikkontrollat, l-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jidentifikaw ix-xenarji ta' fallimenti ***kollha possibbli, inkluži dawk marbuta*** ma' meta l-oġġett tal-propulsjoni mqiegħed ġol-orbita jsir periklu, b'mod partikolari fil-każ ta' nuqqas ta' kontroll tal-livell jew tad-direzzjoni tal-forza propulsiva.

Or. en

Emenda 3494
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.1 – punt 2.1.3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.1.3. Fil-valutazzjonijiet tar-riskju, l-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu regoli speċifiċi għal dħul mill-ġdid ikkontrollat jew mhux ikkontrollat.	2.1.3. Fil-valutazzjonijiet tar-riskju, l-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu regoli speċifiċi għal dħul mill-ġdid ikkontrollat jew mhux ikkontrollat.

Fil-każ ta’ dħul mill-ġdid ikkontrollat, l-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jidentifikaw xenarji ta’ fallimenti ***relatati*** ma’ meta l-oġġett tal-propulsjoni mqiegħed ġol-orbita jsir periklu, b’mod partikolari fil-każ ta’ nuqqas ta’ kontroll tal-livell jew tad-direzzjoni tal-forza propulsiva.	Fil-każ ta’ dħul mill-ġdid ikkontrollat, l-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jidentifikaw ix-xenarji ta’ fallimenti***, inklużi dawk marbuta*** ma’ meta l-oġġett tal-propulsjoni mqiegħed ġol-orbita jsir periklu, b’mod partikolari fil-każ ta’ nuqqas ta’ kontroll tal-livell jew tad-direzzjoni tal-forza propulsiva.

Or. en

Emenda 3495
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.1 – punt 2.1.3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.1.3. Fil-valutazzjonijiet tar-riskju, l-operaturi tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** għandhom jistabbilixxu regoli speċifiċi għal dħul mill-ġdid ikkontrollat jew mhux ikkontrollat. Fil-każ ta’ dħul mill-ġdid ikkontrollat, l-operaturi tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** għandhom jidentifikaw xenarji ta’ fallimenti relatati ma’ meta l-oġġett tal-propulsjoni mqiegħed ġol-orbita jsir periklu, b’mod partikolari fil-każ ta’ nuqqas ta’ kontroll tal-livell jew tad-direzzjoni tal-forza propulsiva.	2.1.3. Fil-valutazzjonijiet tar-riskju, l-operaturi tal-illanċjar għandhom jistabbilixxu regoli speċifiċi għal dħul mill-ġdid ikkontrollat jew mhux ikkontrollat. Fil-każ ta’ dħul mill-ġdid ikkontrollat, l-operaturi tal-illanċjar għandhom jidentifikaw xenarji ta’ fallimenti relatati ma’ meta l-oġġett tal-propulsjoni mqiegħed ġol-orbita jsir periklu, b’mod partikolari fil-każ ta’ nuqqas ta’ kontroll tal-livell jew tad-direzzjoni tal-forza propulsiva.

Or. en

Emenda 3496
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.2.1. Is-sistema tan-newtralizzazzjoni abbord għandha ***tissodisfa mqar ir-rekwiżiti li ġejjin:***	2.2.1. Is-sistema tan-newtralizzazzjoni abbord għandha ***tiġi attivata mill-bogħod jew awtomatikament b’algoritmu abbord. Għas-sistemi awtomatiċi, l-operaturi tal-***

	illanċjar tal-Unjoni għandhom jissottomettu data u riżultati dettaljati tat-test tal-validazzjoni.

Or. en

Emenda 3497
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Is-sistema tista' tiġi attivata mill-bogħod jew awtomatikament b'algoritmu abbord.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3498
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Għas-sistemi awtomatiċi, l-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jissottomettu data u riżultati dettaljati tat-test tal-validazzjoni lill-awtorità kompetenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3499
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Għas-sistemi awtomatiċi, l-operaturi tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** għandhom jissottomettu data u riżultati dettaljati tat-test tal-validazzjoni lill-awtorità kompetenti.	(b) Għas-sistemi awtomatiċi, l-operaturi tal-illanċjar għandhom jissottomettu data u riżultati dettaljati tat-test tal-validazzjoni lill-awtorità kompetenti.

Or. en

Emenda 3500
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Pjan tas-sikurezza ***għal-lanċjatur***	Pjan tas-sikurezza ***tal-illanċjar imsemmi fl-Artikolu 58***

Or. en

Emenda 3501
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Pjan tas-sikurezza ***għal-lanċjatur***	Pjan tas-sikurezza ***tal-illanċjar f'konformità mal-Artikolu 58***

Or. en

Emenda 3502
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pjan tas-sikurezza ***għal-lanċjatur*** għandu jinkludi ***mqar*** l-elementi li ġejjin:	Il-pjan tas-sikurezza ***tal-illanċjar*** għandu jinkludi ***tal-inqas*** l-elementi li ġejjin:

Or. en

Emenda 3503
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pjan tas-sikurezza ***għal-lanċjatur*** għandu jinkludi ***mqar*** l-elementi li ġejjin:	Il-pjan tas-sikurezza ***tal-illanċjar*** għandu jinkludi ***tal-inqas*** l-elementi li ġejjin:

Or. en

Emenda 3504
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***il-konferma*** ta' koordinazzjoni ***u ftehim*** bejn l-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni u l-ANSP u l-awtoritajiet marittimi f'konformità mal-punt ***1.1, il-punt (a), sakemm ma jkunx diġà sar ftehim bejn l-operatur tas-sit tal-illanċjar tal-Unjoni u l-awtoritajiet rilevanti, skont il-punt 1.1, il-punt (b), muri b'konferma bil-miktub***;	(a) ***il-miżuri*** ta' koordinazzjoni bejn l-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni u l-ANSP u l-awtoritajiet marittimi f'konformità mal-punt ***1***;

Or. en

Emenda 3505

Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***il-konferma*** ta' koordinazzjoni ***u ftehim*** bejn l-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni u l-ANSP u l-awtoritajiet marittimi f'konformità mal-punt ***1.1, il-punt (a), sakemm ma jkunx diġà sar ftehim bejn l-operatur tas-sit tal-illanċjar tal-Unjoni u l-awtoritajiet rilevanti, skont il-punt 1.1, il-punt (b), muri b'konferma bil-miktub***;	(a) ***il-miżuri*** ta' koordinazzjoni bejn l-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni u l-ANSP u l-awtoritajiet marittimi f'konformità mal-punt ***1***;

Or. en

Emenda 3506
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-konferma ta' koordinazzjoni u ftehim bejn l-operatur tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** u l-ANSP u l-awtoritajiet marittimi f'konformità mal-punt 1.1, il-punt (a), sakemm ma jkunx diġà sar ftehim bejn l-operatur tas-sit tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** u l-awtoritajiet rilevanti, skont il-punt 1.1, il-punt (b), muri b'konferma bil-miktub;	(a) il-konferma ta' koordinazzjoni u ftehim bejn l-operatur tal-illanċjar u l-ANSP u l-awtoritajiet marittimi f'konformità mal-punt 1.1, il-punt (a), sakemm ma jkunx diġà sar ftehim bejn l-operatur tas-sit tal-illanċjar u l-awtoritajiet rilevanti, skont il-punt 1.1, il-punt (b), muri b'konferma bil-miktub;

Or. en

Emenda 3507
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament

Anness I – punt 3 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-valutazzjoni tar-riskju tax-xenarju ta' falliment fis-sistema tas-sikurezza tat-titjira, skont il-punt 2.2.	(d) il-valutazzjoni tar-riskju tax-xenarju ta' falliment fis-sistema tas-sikurezza tat-titjira, skont il-punt ***2.1 u, meta jkun applikabbli, il-miżuri ta' mitigazzjoni, inkluża n-newtralizzazzjoni f'konformità mal-punt*** 2.2.

Or. en

Emenda 3508
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-valutazzjoni tar-riskju tax-xenarju ta' falliment fis-sistema tas-sikurezza tat-titjira, skont il-punt 2.2.	(d) il-valutazzjoni tar-riskju tax-xenarju ta' falliment fis-sistema tas-sikurezza tat-titjira, skont il-punt ***2.1 u, meta jkun applikabbli, il-miżuri ta' mitigazzjoni, inkluża n-newtralizzazzjoni f'konformità mal-punt*** 2.2.

Or. en

Emenda 3509
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Anness Ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Anness Ia
	SIKUREZZA WAQT L-ILLANĊJAR IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI 58, 59 u 60
	1. Sikurezza waqt l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid kif imsemmi fl-Artikolu 59

1.1. Rekwiżiti tal-koordinazzjoni

L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jimplimentaw ir-rekwiżiti tan-notifika u tal-koordinazzjoni li ġejjin:

(a) Qabel l-illanċjar jew id-dħul mill-ġdid, operatur tal-illanċjar tal-Unjoni għandu jinnotifika lil:

(i) il-Maniġer tan-Network Ewropew u l-Fornituri tas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru (ANSPs) affettwati, sabiex jiġi mminimizzat l-impatt fuq it-traffiku tal-ajru u jiġu stabbiliti l-proċeduri għall-ħruġ tal-Avviż lill-Avjaturi (NOTAM), u l-proċeduri għall-għeluq tar-rotot tal-ajru tul il-perjodi rispettivi tal-illanċjar jew tad-dħul mill-ġdid u;

(ii) l-awtoritajiet marittimi, biex jistabbilixxu l-proċeduri għall-ħruġ tal-Avviż lill-Baħħara.

Qabel l-illanċjar jew id-dħul mill-ġdid, operatur tal-illanċjar tal-Unjoni għandu jimplimenta proċess ta' koordinazzjoni f'ħin reali ma' ANSPs jew awtoritajiet marittimi biex jimmaniġġjaw u jimmitigaw ir-riskji assoċjati ma' xenarji mhux nominali jew ta' fallimenti.

(b) Ir-rekwiżit stabbilit fil-punti (a) u (aa) ma għandux japplika meta l-operatur tas-sit tal-illanċjar tal-Unjoni jew tal-port spazjali tal-Unjoni jkun diġà nnotifika lill-ANSPs u lill-awtoritajiet marittimi.

1.2. Evitar tal-kolliżjonijiet waqt l-illanċjar (LCOLA)

1.2.1. L-LCOLA għandu jsir qabel l-illanċjar.

1.2.2. L-LCOLA għandu jsir bl-appoġġ tal-entità rilevanti msemmija fl-Artikolu 64(1). L-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni għandu jiżgura li l-entità msemmija fl-Artikolu 64(1) tikseb l-effemeridi predikati għall-vettura tal-illanċjar.

1.2.3. Il-metodu għall-kalkolu tal-LCOLA msemmi fl-Artikolu 59(3), il-punti (a) u (aa), għandu jqis l-elementi li ġejjin:

(a) l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta qabel l-illanċjar għandha tinkludi orbiti u kovarjanzi assoċjati għall-oġġetti kollha involuti fl-illanċjar u jista' jkun meħtieġ li jiġu pprovduti diversi trajettorji għal kull illanċjar għal oġġett wieħed skont il-perjodu tal-ħin u t-trajettorja maħsuba;

(b) għandha tiġi rispettata distanza minima ta' separazzjoni mill-oġġetti abitabbli (durata, forma (elissojde jew kaxxa);

(c) għal kull oġġett involut fl-illanċjar, l-entità li twettaq l-LCOLA għandha tkun tista' tidentifika r-riskji fuq ċerti limiti ta' probabbiltà ta' kolliżjoni ma' oġġetti oħra involuti matul l-illanċjar, u ma' oġġetti diġà fl-orbita.

1.2.4. Il-probabbiltà li l-vettura tal-illanċjar taħbat ma' oġġett ta' interess, jiġifieri kwalunkwe oġġett involut fi kwalunkwe sitwazzjoni li tista' taffettwa l-oġġetti spazjali l-oħra jew is-sitwazzjoni fid-dinja, għandha tiġi aġġustata għall-elementi li ġejjin:

(a) jekk l-inġenju spazjali hux abitabbli;

(b) id-daqs tal-oġġett;

(c) jekk l-inġenju spazjali hux attiv.

1.2.5. L-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni għandu jivvaluta u jtaffi r-riskji relatati ma' kolliżjoni skont il-punt 1.3 tal-Anness II.

1.2.6. L-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni għandu jiddefinixxi l-perjodu tal-għeluq tal-illanċjar skont il-valutazzjoni tal-LCOLA.

1.3. Riskju ta' diżgrazzja

Ir-riskju ta' diżgrazzja waqt l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid għandu jiġi limitat bl-applikazzjoni tal-miżuri li ġejjin:

(a) Il-kalkolu tar-riskju kollettiv ta' diżgrazzja minħabba l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid għandu jsir b'metodu approvat li jrid jintgħażel mill-Kummissjoni minn

fost il-metodi eżistenti jew, b'metodu ġdid li trid tiżviluppah il-Kummissjoni filwaqt li jitqiesu l-elementi li ġejjin:

(i) il-fenomeni kollha li jwasslu għal riskju ta' ħsara katastrofika (il-fażi tat-tlugħ, il-frammenti li jaqgħu fl-istadju wara s-separazzjoni, id-dħul mill-ġdid fl-atmosfera ta' gverta mqiegħda ġol-orbita, il-fażi tal-irkupru ta' gverta riużabbli);

(ii) it-trajettorji ta' qabel il-frammentazzjoni (atmosferiċi jew fl-ispazju ekstratmosferiku), skont il-ħinijiet tat-titjir u l-ħsarat ikkunsidrati;

(iii) ix-xenarji korrispondenti ta' frammentazzjoni u ġenerazzjoni tar-residwi, waqt id-dħul mill-ġdid jew waqt in-newtralizzazzjoni tal-vettura tal-illanċjar u r-ritorn lejn id-dinja ta' xi element tal-vettura tal-illanċjar;

(iv) it-tixrid fuq l-art tar-residwi u tal-gassijiet noċivi u l-evalwazzjoni tal-effetti tagħhom;

(v) l-affidabbiltà tal-vettura tal-illanċjar għall-fażi tal-illanċjar, inkluż, meta applikabbli, waqt il-fażi tal-irkupru;

(vi) l-affidabbiltà tal-manuvra tad-diżorbitazzjoni tal-vettura tal-illanċjar imqiegħda ġol-orbita, fil-każ ta' dħul mill-ġdid ikkontrollat.

(b) Ir-riskju ta' diżgrazzja għandu jiġi limitat għal limitu, filwaqt li jitqiesu kif xieraq id-differenzi fit-tipi ta' riskji involuti mix-xenarji tar-riskju li ġejjin:

(i) riskju waqt l-illanċjar;

(ii) riskju waqt id-dħul mill-ġdid (ikkontrollat u mhux ikkontrollat);

(iii) riskju għall-fażi tal-irkupru ta' elementi riużabbli tal-vettura tal-illanċjar.

2. Sistema tas-sikurezza tat-titjir kif imsemmi fl-Artikolu 60

2.1. Valutazzjoni tar-riskju

2.1.1. Fil-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom, l-operaturi spazjali tal-Unjoni

għandhom jidentifikaw xenarji ta' falliment potenzjali li jistgħu jagħmlu l-vettura tal-illanċjar perikoluża.

2.1.2. Ix-xenarji ta' fallimenti msemmija fil-punt 1 għandhom jinkludu xenarji ta' devjazzjoni mill-kuritur tat-titjir, fażijiet perikoluż li jaqgħu lura, imġiba mhux nominali tal-kontroll tat-titjir, u meta ma tinkisibx l-orbita.

2.1.3. Fil-valutazzjonijiet tar-riskju, l-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu regoli speċifiċi għal dħul mill-ġdid ikkontrollat jew mhux ikkontrollat. Fil-każ ta' dħul mill-ġdid ikkontrollat, l-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jidentifikaw ix-xenarji ta' fallimenti kollha possibbli, inklużi dawk marbuta ma' meta l-oġġett tal-propulsjoni mqiegħed ġol-orbita jsir periklu, b'mod partikolari fil-każ ta' nuqqas ta' kontroll tal-livell jew tad-direzzjoni tal-forza propulsiva.

2.2. Newtralizzazzjoni

2.2.1. Is-sistema tan-newtralizzazzjoni abbord għandha tiġi attivata mill-bogħod jew awtomatikament b'algoritmu abbord. Għas-sistemi awtomatiċi, l-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jissottomettu data u riżultati dettaljati tat-test tal-validazzjoni.

2.2.2. Għandhom jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għad-dħul mill-ġdid ikkontrollat.

Is-sistemi awtomatiċi abbord għandhom ikunu stabbiliti, u għandhom jiġu definiti kriterji li jiżguraw dħul mill-ġdid ikkontrollat, skont il-punt 2.1.3.

3. Pjan tas-sikurezza tal-illanċjar kif imsemmi fl-Artikolu 58

Il-pjan tas-sikurezza tal-illanċjar għandu jinkludi tal-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) il-miżuri ta' koordinazzjoni bejn l-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni u l-ANSP u l-awtoritajiet marittimi f'konformità mal-punt 1.;

(b) ir-riżultat tal-LCOLA, skont il-punt 1.2;

(c) ir-riżultat tal-kalkolu tar-riskju kollettiv ta' diżgrazzja waqt l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid, skont il-punt 1.3;

(d) il-valutazzjoni tar-riskju tax-xenarju ta' falliment fis-sistema tas-sikurezza tat-titjira, skont il-punt 2.1 u, meta jkun applikabbli, il-miżuri ta' mitigazzjoni, inkluża n-newtralizzazzjoni f'konformità mal-punt 2.2.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Anness Ia għandu jissostitwixxi l-Anness I sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tiegħu mal-emendi mressqa għar-Regolament.

Emenda 3510
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Anness II
Proposta għal regolament
Anness II

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Or. en

Emenda 3511
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness II – subintestatura 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
MITIGAZZJONI TAR-RESIDWI	MITIGAZZJONI TAR-RESIDWI

Or. en

Emenda 3512
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness II – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Għall-illanċjar ta' inġenji spazjali uniċi, it-total ta' stadji orbitali ta' vettura tal-illanċjar u ta' oġġetti residwi riżultanti ma għandux jaqbeż il-wieħed.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3513
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness II – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Għall-illanċjar ta' inġenji spazjali uniċi, it-total ta' stadji orbitali ta' vettura tal-illanċjar u ta' oġġetti residwi riżultanti ma għandux jaqbeż il-wieħed.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3514
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness II – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Għall-illanċjar ta' diversi inġenji spazjali, it-total ma għandux jaqbeż it-tnejn.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3515
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness II – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Għall-illanċjar ta' diversi inġenji spazjali, it-total ma għandux jaqbeż it-tnejn.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3516
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness II – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***Il-vetturi*** tal-illanċjar skjerati ġo MEO ***għandhom***, fi tmiem il-missjoni u f'konformità mal-miżuri u mar-reġjun sikur indikat speċifikat fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 61(3), il-punt (b).	(d) ***Għandu jsir disponiment tal-vetturi*** tal-illanċjar skjerati ġo MEO, fi tmiem il-missjoni u f'konformità mal-miżuri u mar-reġjun sikur indikat speċifikat fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 61(3), il-punt (b).

Or. en

Emenda 3517
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness II – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***Il-vetturi*** tal-illanċjar skjerati ġo MEO ***għandhom***, fi tmiem il-missjoni u f'konformità mal-miżuri u mar-reġjun sikur indikat speċifikat fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 61(3), il-punt (b).	(d) ***Għandu jsir disponiment tal-vetturi*** tal-illanċjar skjerati ġo MEO, fi tmiem il-missjoni u f'konformità mal-miżuri u mar-reġjun sikur indikat speċifikat fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 61(3), il-punt (b).

Or. en

Emenda 3518
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness II – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) It-tul tal-ħajja ġol-orbita ta' vettura tal-illanċjar skjerata f'LEO ***għandu jkun dak speċifikat fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 61(3), il-punt (a)***.	(e) It-tul tal-ħajja ġol-orbita ta' vettura tal-illanċjar skjerata f'LEO ***għandu jkun ta' 25 sena***.

Or. en

Emenda 3519
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness II – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) Il-limitazzjoni tar-riskju li l-	(f) Il-limitazzjoni tar-riskju li l-

komponenti jinqalgħu minn ***mal-lanċjatur*** u jitqiegħdu ġol-orbita, li għandu jsir bil-miżuri stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 61(3), il-punt (a).	komponenti jinqalgħu minn ***mal-vettura tal-illanċjar*** u jitqiegħdu ġol-orbita, li għandu jsir bil-miżuri stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 61(3), il-punt (a).

Or. en

Emenda 3520
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness II – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1.1.1a. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "reġjun GEO protett" tfisser segment tal-qoxra sferika definit b'dan li ġej: altitudni t'isfel = altitudni ġeostazzjonarja li minnha jitnaqqsu 200 km; altitudni ta' fuq = altitudni ġeostazzjonarja li magħna jiżdiedu 200 km; - 15-il grad ≤ latitudni ≤ +15-il grad; altitudni ġeostazzjonarja: 35,786 km hija l-altitudni tal-orbita ġeostazzjonarja tad-dinja.

Or. en

Emenda 3521
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness II – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.1.2. Ir-rekwiżiti msemmija fil-punt 1.1.1., (a) u (b) ma għandhomx japplikaw għas-sistema piroteknika u għall-propellanti solidi jew ibridi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3522
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness II – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1.2.1. Il-probabbiltà ta' frammentazzjoni aċċidentali minħabba kawżi interni għandha tiġi limitata bil-mod speċifikat fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 61(3), il-punt (c).	***imħassar***

Or. en

Emenda 3523
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness II – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Wara tmiem il-ħajja, ***il-lanċjatur għandu jkun*** f'kundizzjoni stabbli b'enerġija interna minima.	(c) Wara tmiem il-ħajja, ***il-vettura tal-illanċjar għandha tkun*** f'kundizzjoni stabbli b'enerġija interna minima.

Or. en

Emenda 3524
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness II – punt 1 – punt 1.3 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'konformità ***mar-rekwiżiti mil-lat ta' durata u limitu stabbiliti fl-att*** ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu	F'konformità ***mal-att*** ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 61(3), il-punt (d), għandhom jiġu implimentati miżuri ta'

61(3), il-punt (d), għandhom jiġu implimentati miżuri ta' mitigazzjoni biex tiġi limitata l-probabbiltà ta' kolliżjoni bejn:	mitigazzjoni biex tiġi limitata l-probabbiltà ta' kolliżjoni bejn:

Or. en

Emenda 3525
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness II – punt 1 – punt 1.3 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'konformità ***mar-rekwiżiti mil-lat ta' durata u limitu stabbiliti fl-att*** ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 61(3), il-punt (d), għandhom jiġu implimentati miżuri ta' mitigazzjoni biex tiġi limitata l-probabbiltà ta' kolliżjoni bejn:	F'konformità ***mal-att*** ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 61(3), il-punt (d), għandhom jiġu implimentati miżuri ta' mitigazzjoni biex tiġi limitata l-probabbiltà ta' kolliżjoni bejn:

Or. en

Emenda 3526
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness II – punt 1 – punt 1.3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) elementi ***tal-lanċjatur*** u oġġetti ***varati***;	(a) elementi ***tal-vettura tal-illanċjar*** u oġġetti ***llanċjati***;

Or. en

Emenda 3527

Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness II – punt 1 – punt 1.3 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) elementi ***tal-lanċjatur*** u oġġetti spazjali eżistenti ġol-orbita (b'ekwipaġġ, mingħajr ekwipaġġ u residwi).	(b) elementi ***tal-vettura tal-illanċjar*** u oġġetti spazjali eżistenti ġol-orbita (b'ekwipaġġ, mingħajr ekwipaġġ u residwi).

Or. en

Emenda 3528
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness II – punt 2 – punt 2.1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Koordinazzjoni tad-disinn bejn l-operatur tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** u d-disinjatur tal-missjoni tal-inġenju spazjali	Koordinazzjoni tad-disinn bejn l-operatur tal-illanċjar u d-disinjatur tal-missjoni tal-inġenju spazjali

Or. en

Emenda 3529
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness II – punt 2 – punt 2.1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operatur tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** għandu jikkollabora mad-disinjatur tal-missjoni tal-inġenju spazjali li jkun se jiġi ***varat*** fil-kuntest tal-missjoni spazjali rispettiva, ħalli l-fażi tal-illanċjar tal-missjoni spazjali tiġi ddisinjata b'mod li jiffaċilita d-disponiment tal-istadju superjuri tal-vettura	L-operatur tal-illanċjar għandu jikkollabora mad-disinjatur tal-missjoni tal-inġenju spazjali li jkun se jiġi ***llanċjat*** fil-kuntest tal-missjoni spazjali rispettiva, ħalli l-fażi tal-illanċjar tal-missjoni spazjali tiġi ddisinjata b'mod li jiffaċilita d-disponiment tal-istadju superjuri tal-vettura

tal-illanċjar u jqis l-ispeċifikazzjoni tal-orbita finali tal-injezzjoni.	tal-illanċjar u jqis l-ispeċifikazzjoni tal-orbita finali tal-injezzjoni.

Or. en

Emenda 3530
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness II – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-disponiment ***tal-lanċjaturi*** f'LEO għandu jsir b'wieħed mill-mezzi li ġejjin, magħżul bl-ordni ta' preferenza li ġejja abbażi tal-fattibbiltà teknika:	Id-disponiment ***tal-vetturi tal-illanċjar*** f'LEO għandu jsir b'wieħed mill-mezzi li ġejjin, magħżul bl-ordni ta' preferenza li ġejja abbażi tal-fattibbiltà teknika:

Or. en

Emenda 3531
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness II – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 2 – punt a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Lanċjatur f'LEO ***għandu*** jiġi deorbitat bi dħul mill-ġdid atmosferiku kkontrollat.	***Vettura tal-illanċjar*** f'LEO ***għandha*** tiġi deorbitata bi dħul mill-ġdid atmosferiku kkontrollat.

Or. en

Emenda 3532
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness II – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 2 – punt a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-disinn għandu jippermetti d-diżintegrazzjoni (“disinn għad-diżintegrazzjoni”) jew il-qerda deliberata tal-istadju orbitali ta’ vettura tal-illanċjar ***f’konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-att ta’ implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 61(3), il-punt (e)***.	Id-disinn għandu jippermetti d-diżintegrazzjoni (“disinn għad-diżintegrazzjoni”) jew il-qerda deliberata tal-istadju orbitali ta’ vettura tal-illanċjar.

Or. en

Emenda 3533
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness II – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 2 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Jekk ma jkunx jista’ jsir dħul mill-ġdid ikkontrollat, u r-riskju ta’ diżgrazzja waqt dħul mill-ġdid mhux ikkontrollat ikun baxx, il-vettura tal-illanċjar tista’ minflok titqiegħed ġo orbita ta’ deterjorament, ***għal perjodu limitat, skont il-punt 1.1.1***, il-punt ***(e)***. F’dak il-każ:	(b) Jekk ma jkunx jista’ jsir dħul mill-ġdid ikkontrollat, u r-riskju ta’ diżgrazzja waqt dħul mill-ġdid mhux ikkontrollat ikun baxx, il-vettura tal-illanċjar tista’ minflok titqiegħed ġo orbita ta’ deterjorament, ***għall-ħajja orbitali speċifikata fl-att ta’ implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 61(3)***, il-punt ***(a)***. F’dak il-każ:

Or. en

Emenda 3534
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness II – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 2 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Jekk ma jkunx jista’ jsir dħul mill-ġdid ikkontrollat, u r-riskju ta’ diżgrazzja waqt dħul mill-ġdid mhux ikkontrollat ikun	(b) Jekk ma jkunx jista’ jsir dħul mill-ġdid ikkontrollat, u r-riskju ta’ diżgrazzja waqt dħul mill-ġdid mhux ikkontrollat ikun

baxx, il-vettura tal-illanċjar tista' minflok titqiegħed ġo orbita ta' deterjorament, għal perjodu limitat, skont il-punt 1.1.1, il-punt (e). F'dak il-każ:	baxx, il-vettura tal-illanċjar tista' minflok titqiegħed ġo orbita ta' deterjorament, għal perjodu limitat ***ta' 25 sena***, skont il-punt 1.1.1, il-punt (e). F'dak il-każ:

Or. en

Emenda 3535
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness II – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 2 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) id-disinn għandu jippermetti d-diżintegrazzjoni ("disinn għad-diżintegrazzjoni") jew il-qerda deliberata tal-istadju orbitali ta' vettura tal-illanċjar ***skont il-kundizzjonijiet li jridu jiġu speċifikati fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 61(3), il-punt (e)***.	(ii) id-disinn għandu jippermetti d-diżintegrazzjoni ("disinn għad-diżintegrazzjoni") jew il-qerda deliberata tal-istadju orbitali ta' vettura tal-illanċjar.

Or. en

Emenda 3536
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness II – punt 2 – punt 2.3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Disponiment ***tal-lanċjaturi*** f'MEO	Disponiment ***tal-vetturi tal-illanċjar*** f'MEO

Or. en

Emenda 3537
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness II – punt 2 – punt 2.3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-disponiment tal-vetturi tal-illanċjar f'MEO għandu ***jsir f'orbita li ma tinterferix mar-reġjuni*** protetti ***u l-orbiti*** ta' valur għal ***ammont limitat ta' ħin, skont il-punt 1.1.1, il-punt (d)***.	Id-disponiment ***tal-istadji*** tal-vetturi tal-illanċjar ***li joperaw*** f'MEO***, jew li jaqsmuh***, għandu ***jinkiseb permezz ta' manuvra permanenti għal orbita ċimiterju stabbli jew permezz ta' dħul mill-ġdid atmosferiku kkontrollat***. ***Dan id-disponiment irid jiżgura l-evitar assolut ta' reġjuni*** protetti***, speċifikament il-kostellazzjonijiet tal-GNSS u trajettorji oħra*** ta' valur ***għoli*** għal ***durata ta' mhux inqas minn 100 sena***. ***Barra minn hekk, dawn l-oġġetti kollha jridu jgħaddu minn passivazzjoni sħiħa tas-sorsi tal-enerġija residwi biex jiġi eliminat ir-riskju ta' frammentazzjoni matul il-fażi tad-disponiment.***

Or. en

Emenda 3538
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness II – punt 2 – punt 2.3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-disponiment tal-vetturi tal-illanċjar f'MEO għandu jsir f'orbita li ma tinterferix mar-reġjuni protetti u l-orbiti ta' valur għal ammont limitat ta' ħin, skont il-punt 1.1.1, il-punt (d).	Id-disponiment tal-vetturi tal-illanċjar f'MEO għandu jsir f'orbita li ma tinterferix mar-reġjuni ***GEO*** protetti u l-orbiti ta' valur għal ammont limitat ta' ħin, skont il-punt 1.1.1, il-punt (d).

Or. en

Emenda 3539
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness II – punt 2 – punt 2.3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-disponiment tal-vetturi tal-illanċjar f'MEO għandu jsir f'orbita li ma tinterferix mar-reġjuni protetti u l-orbiti ta' valur għal ammont limitat ta' ħin, skont il-punt 1.1.1, il-punt (d).	Id-disponiment tal-vetturi tal-illanċjar f'MEO għandu jsir f'orbita li ma tinterferix mar-reġjuni ***GEO*** protetti u l-orbiti ta' valur għal ammont limitat ta' ħin, skont il-punt 1.1.1, il-punt (d).

Or. en

Emenda 3540
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Anness II – punt 2 – punt 2.4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-disponiment ta' vettura tal-illanċjar f'GEO għandu jsir billi ***l-lanċjatur jitqiegħed*** f'orbita ċimiterju, filwaqt li jkun żgurat li dan jibqa' barra mir-reġjun protett ta' GEO għal mill-inqas 100 sena, bl-effett ta' disturbi naturali.	Id-disponiment ta' vettura tal-illanċjar f'GEO għandu jsir billi ***l-vettura tal-illanċjar titqiegħed*** f'orbita ċimiterju, filwaqt li jkun żgurat li din tibqa' barra mir-reġjun GEO protett għal mill-inqas 100 sena, bl-effett ta' disturbi naturali.

Or. en

Emenda 3541
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness II – punt 2 – punt 2.5 – punt 2.5.4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.5.4. L-operaturi tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** għandhom jagħmlu identifikazzjoni tas-sistemi u tal-kapaċitajiet meħtieġa għal azzjonijiet tad-disponiment b'suċċess, inkluż:	2.5.4. L-operaturi tal-illanċjar għandhom jagħmlu identifikazzjoni tas-sistemi u tal-kapaċitajiet meħtieġa għal azzjonijiet tad-disponiment b'suċċess, inkluż:

Or. en

Emenda 3542
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness II – punt 2 – punt 2.6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.6. Pjan tar-rispons għal falliment	***imħassar***
2.6.1. Fil-każ ta' falliment li jwaqqaf l-istadju orbitali ta' vettura tal-illanċjar milli jwettaq l-azzjonijiet tad-disponiment, għandhom jintgħażlu orbiti alternattivi tad-disponiment biex jitnaqqas kemm jista' jkun it-tul tal-ħajja orbitali jew ir-riskju ta' interferenza ma' reġjuni protetti qabel it-telfien ta' sistemi kritiċi.	
2.6.2. Dan għandu jiġi speċifikat fl-ippjanar tar-rispons għal falliment qabel l-illanċjar.	

Or. en

Emenda 3543
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Pjan tal-kontroll tar-residwi	***Sezzjoni*** tal-kontroll tar-residwi

Or. en

Emenda 3544
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Evidenza ta' konformità mar-restrizzjonijiet fuq il-ġenerazzjoni ppjanata tar-residwi***, skont il-punt 1.1.1, il-punt (a), jew il-punt 1.1.1, il-punt (b), kif applikabbli, u l-punt 1.1.1, il-punt (c), kif ukoll skont il-punt 1.1.2,*** inkluż ir-riżultati rilevanti tal-ittestjar u tal-analiżi.	(a) Evidenza ta' konformità mar-restrizzjonijiet fuq il-ġenerazzjoni ppjanata tar-residwi inkluż ir-riżultati rilevanti tal-ittestjar u tal-analiżi.

Or. en

Emenda 3545
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Evidenza ta' konformità mar-restrizzjonijiet fuq il-ġenerazzjoni ppjanata tar-residwi, ***skont il-punt 1.1.1, il-punt (a), jew il-punt 1.1.1, il-punt (b), kif applikabbli, u l-punt 1.1.1, il-punt (c), kif ukoll skont il-punt 1.1.2,*** inkluż ir-riżultati rilevanti tal-ittestjar u tal-analiżi.	(a) Evidenza ta' konformità mar-restrizzjonijiet fuq il-ġenerazzjoni ppjanata tar-residwi, inkluż ir-riżultati rilevanti tal-ittestjar u tal-analiżi.

Or. en

Emenda 3546
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Evidenza ta' konformità mat-tul tal-ħajja orbitali***, skont il-punt 1.1.1, il-punti (d), (e) u (f)***.	(b) Evidenza ta' konformità mat-tul tal-ħajja orbitali.

Or. en

Emenda 3547
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Evidenza ta' konformità mar-rekwiżit dwar il-probabbiltà ta' frammentazzjoni aċċidentali***, skont il-punt 1.2.1,*** u miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskji bħall-għażla tal-materjali**.**	(c) Evidenza ta' konformità mar-rekwiżit dwar il-probabbiltà ta' frammentazzjoni aċċidentali u miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskji bħall-għażla tal-materjali***;***

Or. en

Emenda 3548
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Evidenza ta' konformità mal-miżuri tal-passivazzjoni***, skont il-punt 1.2.2,*** inkluż ir-riżultati rilevanti tal-ittestjar u tal-analiżi, u għall-probabbiltà ta' passivazzjoni b'suċċess.	(d) Evidenza ta' konformità mal-miżuri tal-passivazzjoni inkluż ir-riżultati rilevanti tal-ittestjar u tal-analiżi, u għall-probabbiltà ta' passivazzjoni b'suċċess.

Or. en

Emenda 3549
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt 3.2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Pjan tad-disponiment ta' missjoni fi tmiem il-ħajja	***Sezzjoni ta'*** tmiem il-ħajja

Or. en

Emenda 3550
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt 3.2 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pjan tad-disponiment ta' ***missjoni fi*** tmiem il-ħajja għandu jinkludi ***mqar*** dan li ġej:	Il-pjan tad-disponiment ta' tmiem il-ħajja għandu jinkludi ***tal-inqas*** dan li ġej:

Or. en

Emenda 3551
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt 3.2 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Id-deskrizzjoni tal-metodu ppjanat tad-disponiment, ***skont il-punt 2.2, il-punt 2.3 jew il-punt 2.4, kif applikabbli,*** għax-xenarji nominali u mhux nominali.	(a) Id-deskrizzjoni tal-metodu ppjanat tad-disponiment, għax-xenarji nominali u mhux nominali.

Or. en

Emenda 3552
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt 3.2 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Il-konferma rigward il-kollaborazzjoni bejn l-operatur tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** u d-disinjatur tal-missjoni tal-inġenju spazjali, skont il-punt 2.1, inkluż l-ispeċifikazzjoni tal-orbita finali tal-injezzjoni.	(b) Il-konferma rigward il-kollaborazzjoni bejn l-operatur tal-illanċjar u d-disinjatur tal-missjoni tal-inġenju spazjali, skont il-punt 2.1, inkluż l-ispeċifikazzjoni tal-orbita finali tal-injezzjoni.

Or. en

Emenda 3553
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt 3.2 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Il-konferma rigward il-kollaborazzjoni bejn l-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni u d-disinjatur tal-missjoni tal-inġenju spazjali***, skont il-punt 2.1***, inkluż l-ispeċifikazzjoni tal-orbita finali tal-injezzjoni.	(b) Il-konferma rigward il-kollaborazzjoni bejn l-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni u d-disinjatur tal-missjoni tal-inġenju spazjali, inkluż l-ispeċifikazzjoni tal-orbita finali tal-injezzjoni.

Or. en

Emenda 3554
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt 3.2 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Evidenza ta' konformità mad-deskrizzjoni dwar l-aderenza mal-limitu tal-probabbiltà ta' disponiment b'suċċess, inkluż il-verifika u l-analiżi rilevanti***, skont il-punt 2.5.1, il-punt 2.5.2 u l-punt 2.5.3***.	(c) Evidenza ta' konformità mad-deskrizzjoni dwar l-aderenza mal-limitu tal-probabbiltà ta' disponiment b'suċċess, inkluż il-verifika u l-analiżi rilevanti.

Or. en

Emenda 3555
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt 3.2 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) L-identifikazzjoni tas-sistemi u tal-	(d) L-identifikazzjoni tas-sistemi u tal-

kapaċitajiet***, skont il-punt 2.5.4***.	kapaċitajiet.

Or. en

Emenda 3556
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt 3.2 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) Pjan tar-rispons għal falliment skont il-punt 2.6.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3557
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – punt 3.2 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) Pjan tar-rispons għal falliment skont il-punt 2.6.	(e) Pjan tar-rispons għal falliment ***u metodu ta' intervent***, skont il-punt 2.6.

Or. ro

Emenda 3558
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Anness IIa (ġdid)
Proposta għal regolament
Anness IIa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Anness IIa

MITIGAZZJONI TAR-RESIDWI SPAZJALI GĦALL-VETTURI TAL-ILLANĊJAR IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 61

1. Limitazzjoni tar-residwi

1.1. Limitazzjoni tal-ġenerazzjoni prevista tar-residwi

1.1.1. Il-vetturi tal-illanċjar għandhom jiġu ddisinjati biex jillimitaw il-ġenerazzjoni tar-residwi waqt l-operazzjonijiet nominali f'konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) Il-vetturi tal-illanċjar skjerati ġo orbita protetta ta' GEO għandhom jibqgħu barra mir-reġjuni protetti ta' GEO għal mill-inqas 100 sena;

(b) Għandu jsir disponiment tal-vetturi tal-illanċjar skjerati ġo MEO fi tmiem il-missjoni u f'konformità mal-miżuri u mar-reġjun sikur indikat speċifikat fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 61(3), il-punt (b);

(c) It-tul tal-ħajja ġol-orbita ta' vettura tal-illanċjar skjerata f'LEO għandu jkun dak speċifikat fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 61(3), il-punt (a);

(d) Il-limitazzjoni tar-riskju li l-komponenti jinqalgħu minn mal-vettura tal-illanċjar u jitqiegħdu ġol-orbita, li għandu jsir bil-miżuri stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 61(3), il-punt (a).

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "reġjun GEO protett" tfisser segment tal-qoxra sferika definit b'dan li ġej:

altitudni t'isfel = altitudni ġeostazzjonarja li minnha jitnaqqsu 200 km;

altitudni ta' fuq = altitudni ġeostazzjonarja li magħha jiżdiedu 200 km;

altitudni ġeostazzjonarja 35,786 km hija l-altitudni tal-orbita ġeostazzjonarja tad-dinja.

1.1.2. Ir-rekwiżiti msemmija fil-punt 1.1.1., (a) u (b) ma għandhomx japplikaw għas-sistema piroteknika u għall-propellanti solidi jew ibridi.

1.2. Evitar ta' frammentazzjoni ġol-orbita minħabba kawżi interni

1.2.1. Il-probabbiltà ta' frammentazzjoni aċċidentali minħabba kawżi interni għandha tiġi limitata bil-mod speċifikat fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 61(3), il-punt (c).

1.2.2. Il-vettura tal-illanċjar għandha tiġi ddisinjata u mħaddma b'tali mod li fi tmiem il-missjoni spazjali, issir passivazzjoni tal-komponenti kollha bil-mod li ġej:

(a) Ir-riżervi kollha tal-enerġija abbord għandhom jiġu eżawriti b'mod permanenti jew għandhom ikunu fi stat li l-eżawriment tagħhom ma jkunx jista' jiġi evitat, f'perjodu taż-żmien raġonevoli, jew li ma joħolqux riskju li jiġġeneraw residwi;

(b) Il-mezzi kollha tal-ġenerazzjoni tal-enerġija abbord għandhom jiġu diżattivati b'mod permanenti, jew it-tagħmir kollu fornut direttament b'mezzi tal-produzzjoni tal-enerġija għandu jitqiegħed fi stat li dak it-tagħmir ma jkunx jinvolvi riskju ta' ġenerazzjoni tar-residwi;

(c) Wara tmiem il-ħajja, il-vettura tal-illanċjar għandha tkun f'kundizzjoni stabbli b'enerġija interna minima.

1.3. L-evitar ta' frammentazzjoni minħabba kolliżjoni

F'konformità mal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 61(3), il-punt (d), għandhom jiġu implimentati miżuri ta' mitigazzjoni biex tiġi limitata l-probabbiltà ta' kolliżjoni bejn:

(a) elementi tal-vettura tal-illanċjar u oġġetti llanċjati;

(b) elementi tal-vettura tal-illanċjar u oġġetti spazjali eżistenti ġol-orbita

(b'ekwipaġġ, mingħajr ekwipaġġ u residwi).

2. Disponiment fi tmiem il-ħajja

2.1. Koordinazzjoni tad-disinn bejn l-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni u d-disinjatur tal-missjoni tal-inġenju spazjali

L-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni għandu jikkollabora mad-disinjatur tal-missjoni tal-inġenju spazjali li jkun se jiġi llanċjat fil-kuntest tal-missjoni spazjali rispettiva, ħalli l-faża tal-illanċjar tal-missjoni spazjali tiġi ddisinjata b'mod li jiffaċilita d-disponiment tal-istadju superjuri tal-vettura tal-illanċjar u jqis l-ispeċifikazzjoni tal-orbita finali tal-injezzjoni.

2.2. Disponiment tal-vettura tal-illanċjar f'LEO

Id-disponiment tal-vetturi tal-illanċjar f'LEO għandu jsir b'wieħed mill-mezzi li ġejjin, magħżul bl-ordni ta' preferenza li ġejja abbażi tal-fattibbiltà teknika:

(a) Vettura tal-illanċjar f'LEO għandha tiġi deorbitata bi dħul mill-ġdid atmosferiku kkontrollat. Id-disinn għandu jippermetti d-diżintegrazzjoni ("disinn għad-diżintegrazzjoni") jew il-qerda deliberata tal-istadju orbitali ta' vettura tal-illanċjar;

(b) Jekk ma jkunx jista' jsir dħul mill-ġdid ikkontrollat, u r-riskju ta' diżgrazzja waqt dħul mill-ġdid mhux ikkontrollat ikun baxx, il-vettura tal-illanċjar tista' minflok titqiegħed ġo orbita ta' deterjorament, għall-ħajja orbitali speċifikata fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 61(3), il-punt (a).

F'dak il-każ:

(i) ir-riskju ta' diżgrazzja għandu jiġi kkalkolat b'metodu standardizzat b'riskju limitat fl-art, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-punt 1.3, il-punt (a), tal-Anness I;

(ii) id-disinn għandu jippermetti d-

diżintegrazzjoni ("disinn għad-diżintegrazzjoni") jew il-qerda deliberata tal-istadju orbitali ta' vettura tal-illanċjar.

2.3. Disponiment tal-vetturi tal-illanċjar f'MEO Id-disponiment tal-vetturi tal-illanċjar f'MEO għandu jsir f'orbita li ma tinterferix mar-reġjuni GEO protetti u l-orbiti ta' valur għal ammont limitat ta' ħin, skont il-punt 1.1.1, il-punt (d).

2.4. Disponiment tal-vetturi tal-illanċjar f'GEO Id-disponiment ta' vettura tal-illanċjar f'GEO għandu jsir billi l-vettura tal-illanċjar titqiegħed f'orbita ċimiterju, filwaqt li jkun żgurat li din tibqa' barra mir-reġjun GEO protett għal mill-inqas 100 sena, bl-effett ta' disturbi naturali.

2.5. Probabbiltà ta' disponiment b'suċċess

2.5.1. L-istadju tal-illanċjar ta' missjoni spazjali, u l-istadju orbitali ta' vettura tal-illanċjar, rispettivament, għandhom jiġu ddisinjati b'mod li jkollhom probabbiltà kbira ta' tlestija b'suċċess tal-azzjonijiet tad-disponiment.

2.5.2. Il-probabbiltà ta' tlestija b'suċċess tal-azzjonijiet tad-disponiment għandha tiġi kkalkolata billi jitqiesu tal-inqas l-elementi li ġejjin: is-sistemi, is-subsistemi u t-tagħmir rilevanti kollha, inkluż il-livelli potenzjali tagħhom ta' ridondanza, l-affidabbiltà, u d-degradazzjoni tal-prestazzjoni maż-żmien, kif ukoll id-disponibbiltà tal-enerġija u r-riżorsi meħtieġa.

2.5.3. Il-kalkolu tal-probabbiltà ta' azzjonijiet tad-disponiment b'suċċess, u l-limitu perċentwali, għandhom isiru bil-metodu stabbilit fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 61(3), il-punt (f).

2.5.4. L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jagħmlu identifikazzjoni tas-sistemi u tal-kapaċitajiet meħtieġa għal azzjonijiet tad-disponiment b'suċċess, inkluż:

(a) stimi u inċertezzi relatati mad-

disponiment b'suċċess;

(b) l-ammont ta' propellant meħtieġ biex jappoġġa d-disponiment jew il-manuvra riorbita;

(c) ir-rekwiżiti tal-enerġija għad-disponiment jew għall-manuvra riorbita;

(d) ir-rekwiżiti tal-kontroll għad-disponiment jew għall-manuvra riorbita;

(e) ir-rekwiżiti tal-komunikazzjoni għad-disponiment jew għall-manuvra riorbita.

3. Pjanijiet ta' mitigazzjoni tar-residwi spazjali

3.1. Pjan tal-kontroll tar-residwi

Il-pjan tal-kontroll tar-residwi għandu jinkludi tal-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) Evidenza ta' konformità mar-restrizzjonijiet fuq il-ġenerazzjoni ppjanata tar-residwi, inklużi r-riżultati rilevanti tal-ittestjar u tal-analiżi;

(b) Evidenza ta' konformità mat-tul tal-ħajja orbitali;

(c) Evidenza ta' konformità mar-rekwiżit dwar il-probabbiltà ta' frammentazzjoni aċċidentali u miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskji bħall-għażla tal-materjali;

(d) Evidenza ta' konformità mal-miżuri tal-passivazzjoni inklużi r-riżultati rilevanti tal-ittestjar u tal-analiżi, u għall-probabbiltà ta' passivazzjoni b'suċċess.

3.2. Pjan tad-disponiment ta' missjoni fi tmiem il-ħajja

Il-pjan tad-disponiment ta' missjoni fi tmiem il-ħajja għandu jinkludi tal-inqas dan li ġej:

(a) Id-deskrizzjoni tal-metodu ppjanat tad-disponiment għax-xenarji nominali u mhux nominali;

(b) Il-konferma rigward il-kollaborazzjoni bejn l-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni u d-disinjatur tal-missjoni tal-inġenju spazjali inkluża l-ispeċifikazzjoni tal-orbita finali tal-injezzjoni;

	(c) Evidenza ta' konformità mad-deskrizzjoni dwar l-aderenza mal-limitu tal-probabbiltà ta' disponiment b'suċċess, inklużi l-verifika u l-analiżi rilevanti;
	(d) L-identifikazzjoni tas-sistemi u tal-kapaċitajiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Anness IIa għandu jissostitwixxi l-Anness II sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tiegħu mal-emendi mressqa għar-Regolament.

Emenda 3559
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Anness III – subintestatura 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
INSEGWIMENT U SOFTWARE MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 63	INSEGWIMENT U SOFTWARE MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 63 ***U 66***

Or. en

Emenda 3560
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Anness III – subintestatura 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
INSEGWIMENT ***U SOFTWARE MSEMMIJA*** FL-ARTIKOLU 63	INSEGWIMENT ***IMSEMMIJA*** FL-ARTIKOLU 63

Or. en